# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 878 ĦARĠA SPEĊJALI April - Mejju 2006



## Ħajja Ġdida fi Kristu Rxuxtat







Lumen Christi Bookshop
Special Bargain!
ROĦS
minn 25% sa 50%
fuq
KOTBA MILL-ISBAĦ
bħala rigali għat-tfal
fil-"Party" tal-
Preċett jew Griżma.
Din l-offerta speċjali hija miftuħa
sa meta jispiċċa 'stock'
ta' kotba li akkwistajna b'irħis,
minn 25c sa Lm3 kull ktieb.
VARJETÀ KBIRA
MNEJN TAGĦŻEL!
LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex
Tel: 21560496 Fax: 21561860

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 878***
***April - Mejju 2006***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'għadda minn għalina • 10
Kummentarju • 16
Fehmet il-Qarrejja • 17
L-Intervista • 18
Meditazzjoni Biblika Liturġika • 21
Versi Riflessivi • 23
Riflessjonijiet ta' ACM • 24
Ktieb x'Taqra • 26
**SUPPLIMENT SPEĊJALI**
Għawdex 300 sena ilu • 27
Il-Misteru tal-Ewkaristija (10) • 28
Il-Biedja f'Għawdex (45) • 30
Passiġġata Biblika (16) • 32
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 34
Fl-Ewwel Sena tal-Papa Benedittu • 36
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:
Iż-Żebbuġ • 38
Xhieda Nisranija: Fra Krispin (3) • 40
Mill-Knisja fid-Dinja • 41
Għawdxin li għandna niftakru (33) • 42
Appell għall-Monument tal-Papa • 45
L-Istorja tal-Mediċina (4) • 46
Ħolm Il-Ħajja • 48
Bejnietna n-Nisa • 49
L-Irħula Għawdxin (4): L-Għasri • 50



**Ritratti:** *Hajr lil Alvin Scicluna (ritratti tal-front cover), John Cordina, Joe Zammit, Uffiċċji Parrokkjali u Kunsilli Lokali ta' Għawdex għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa speċjali.*





## *Għawdex u s-settur tat-Turiżmu*

*Wieħed mill-pilastri ewlenin ta' l-ekonomija għawdxija in ġenerali huwa bla dubju ta' xejn it-turiżmu. Ninsabu fil-bidu tal-qofol ta' dan l-istaġun li fih l-aktar li jżuru l-pajjiżna l-barranin u għalhekk ħsibt li naqsam magħkom xi ħsibijiet fuq kif pajjiżna, b'mod partikulari Għawdex, jista' jkun iżjed attraenti f'dan ir-rigward u fuq kollox jibża' għal din l-industrija u jikkultivaha aħjar.*

*In-nies lokali involuti f'dan is-settur b'mod dirett jew indirett m'humiex ftit. Jiġuni f'moħħi dawk kollha li jaħdmu fl-aġenziji tat-turisti u ta' l-ivjaġġar, fil-lukandi u dawk li jipprovdu akkomodazzjonijiet oħrajn bħal farmhouses u flats, dawk li jaħdmu fir-ristoranti, fil-ħwienet tas-souvenirs, tat-taxis u trasport ieħor, u oħrajn li għalkemm forsi ma jkunux involuti direttament f'dan is-settur, b'xi mod ix-xogħol tagħhom jiġi ġġenerat jew jieħu spinta bis-saħħa ta' dan il-moviment turistiku.*

*Għaldaqstant nemmen li dan is-settur għandu jittieħed iżjed bis-serjetà, mhux biss mill-awtoritajiet konċernati, iżda wkoll minna lkoll bħala soċjetà. Hu meħtieġ li jsir regolarment xi forma ta' studju u stħarriġ xjentifiku dwar xi jfittxu jew x'jistennew minn pajjiżna dawk il-barranin li jiġu jżuruna u li fih jiġu involuti kemm dawk li jaħdmu f'dan is-settur kif ukoll l-istess turisti u barranin li llum jgħixu fostna u għandhom saħansitra r-residenza tagħhom f'artna.*

*F'artiklu miktub minn persuna barranija, li kont qrajt f'wieħed mill-fuljetti li jitqassmu mal-ġurnali ewlenin ta' pajjiżna, fl-aħħar tas-sajf tas-sena l-oħra, kont iltqajt ma' xi riflessjonijiet ferm interessanti rigward dan, partikularment f'dak li għandu x'jaqsam ma' Għawdex. Minn dawn l-impressjonijiet, li għalkemm miktuba minn individwu partikulari aktarx jirriflettu l-ideja tal-ħafna, l-ewwel nett jidher li fl-isfond tal-wirt naturali u l-patrimonju kulturali tagħna, l-aktar li jispikka f'Għawdex huwa n-nuqqas, jew aħjar il-livell baxx tar-ritmu sfrenat tal-ħajja mgħaġġla u storbjuża li jgħixu fiha ċerti barranin li jiġu b'mod speċjali minn bliet kbar u kummerċjużi fl-Ewropa. Karatteristika oħra li tidher li tħalli impatt mhux żgħir fuq ċerta kategorija ta' barranin hija l-karattru tipiku ta' l-għawdxin: spontanju, ġeneruż u fuq kollox dħuli - li ġeneralment ma jiddejjax jieqaf minn xogħlu biex ikompli mal-barrani mill-aħjar li jista', jew biex jurih it-triq jew biex jipprova jfiehmu xi kurżità... eċċ. Din l-istess persuna ssemmi partikularità oħra li laqtitha, anzi impressjonata dwar Għawdex: l-attivita' kkulurita li tikkaratterizza s-sajf tagħna, b'mod partikulari l-festi reliġjużi u soċjali li jsiru f'kull lokalità, l-attività ħdejn il-baħar u attivitajiet oħra kulturali u artistiċi ta' livell li jittellgħu minn żmien għal żmien f'dan l-istaġun.*

*Huma karatteristiċi, fost oħrajn, li lkoll għandna nħossu d-dmir u l-ħtieġa li mhux biss nirreklamawhom mal-barranin biex nattirawhom lejn pajjiżna imma fuq kollox nibżgħu għalihom u nikkultivawhom. U f'dan ir-rigward ma nistax ma nikkundannax l-isfruttament jew aħjar is-serq fid-dawl tax-xemx li jsofru ċerti barranin minn sidien ta' ħwienet u oħrajn li litteralment jabbużaw mill-prezzijiet tal-prodotti tagħhom mal-barranin. Dawn l-individwi għandhom jiġu kkontrollati regolarment u wkoll jiġu ppenalizzati jekk jippersistu. Fuq kollox kulħadd għandu jħossu fid-dmir li jagħti sehmu biex il-barrani f'pajjiżna jħossu milqugħ u apprezzat dejjem u f'kull ċirkustanza.*

***Dun Ruben Micallef***




Mis-Seminarista Maximillian Grech

## *Iż-żjara ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fix-Xewkija*

Mons. Isqof Mario Grech ta bidu għaż-żjara fraterna fir-raħal tax-Xewkija nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu. Huwa beda billi żar il-Museum tal-bniet, u wara l-istess tfal li jattendu dan iċ-ċentru ta' katekiżmu flimkien mal-ġenituri tagħhom akkumpanjaw lil-Mons. Isqof sal-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija. Mal-wasla ta' l-E.T. Mons. Isqof fuq iz-zuntier saritlu laqgħa ta' merħba. Aktar tard, fil-knisja Rotunda tax-Xewkija Mons. Isqof mexxa rużarju ħaj immexxi mill-għaqdiet tal-parroċċa fosthom il-Legjun ta' Marija, Museum Bniet u Subien, Azzjoni Kattolika u l-Kor *Vox Clamantis*. Wara dan il-mument ta' talb Mons. Isqof attenda għall-assemblea ta' l-għaqdiet fis-sala taċ-ċentru. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof żar ir-radju komunitarju tal-parroċċa, Radju Prekursur, u l-Każin tal-Banda Prekursur. L-għada l-Erbgħa, Mons. Isqof beda t-tieni ġurnata taż-żjara pastorali tiegħu billi żar il-Kajżelli. Huwa mexxa quddiesa fl-Iskola Primarja tax-Xewkija u aktar tard żar l-MCAST. Għal ħinijiet ta' nofsinhar Mons. Isqof ingħaqad għal mument ta' adorazzjoni mal-*Presbyterium* u wara ippranza ma' l-istess saċerdoti f'*Manresa House* ir-Rabat. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof għamel żjara lill-Kunsill Lokali u aktar tard iltaqa' mal-membri tal-Klabb tal-Futboll "Xewkija Tigers" fil-Każin tagħhom, mal-Kumitat ta' l-Armar tal-Festa fiċ-ċentru parrokkjali u mal-membri



kollha tal-Leġjun ta' Marija fil-mużew ta' l-iskultura. Mons. Isqof beda l-aħħar jum taż-żjara tiegħu b'quddiesa għall-anzjani tal-parroċċa. Aktar tard tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu żar iċ-Ċimiterju tal-Parroċċa, il-Kappella tal-Ħniena, u ċ-ċentru ta' l-Azzjoni Kattolika. Filgħaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja parrokkjali u li għaliha kienu preżenti l-fratelli, animaturi, letturi, u l-ministri straordinarji tat-tqarbin. Ħa ħsieb janima din il-quddiesa l-Kor *Vox Clamantis*. Wara l-quddiesa Mons. Isqof għamel żjara fiċ-ċentru tal-Museum tas-subien. Din iż-żjara pastorali ġiet fi tmiemha b'laqgħa ta' Mons. Isqof maż-żgħażagħ u studenti Xewkin fiċ-ċentru parrokkjali.

## *Żjara Fraterna tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech fil-Parroċċa tan-Nadur*



Iż-żjara pastorali ta' Mons Isqof ġewwa r-raħal tan-Nadur bdiet nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu filgħaxija. Mons. Isqof kien milqugħ mill-Arċipriet u l-Kapitlu fil-bieb tal-Bażilka ta' San Pietru u San Pawl. Wara li sar it-tberik tan-nies u żjara lil Ġesù Sagramentat, sar diskors ta' merħba mill-Arċipriet u wara saret ir-replika minn Mons. Isqof. Din il-laqgħa ta' merħba ġiet fi tmiemha bir-reċita ta' l-Għasar u l-għoti tal-Barka Sagramentali. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni liturġika Mons. Isqof sellem lis-saċerdoti fis-Sala Kapitulari. Aktar tard filgħaxija huwa ltaqa' mal-Kunsill Parrokkjali u l-Kumitati tad-Duttrina, *Caritas*, u Liturġija flimkien mal-membri tal-Għaqdiet tal-Parroċċa. Din il-ġurnata ġiet fi tmiemha b'laqgħa mal-Kunsill Lokali tan-Nadur. L-għada it-Tlieta, 14 ta' Marzu Mons. Isqof kellu laqgħa ma' l-anzjani fis-Sala Parrokkjali u wara iltaqa' ma' l-istaff u l-istudenti fl-Iskola Primarja tan-Nadur. Kmieni wara nofsinhar l-E.T. Mario Grech żar lis-Sorijiet Franġiskani tal-parroċċa, u żar l-oqsma tal-MUSEUM tal-bniet u tas-subien. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof żar il-każini politiċi, u iltaqa' mad-diriġenti, plejers u dawk involuti fil-Każin tan-*Nadur Youngsters*. Nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu, Mons. Isqof beda l-aħħar jum taż-żjara tiegħu fir-raħal tan-Nadur bi żjara lit-tfal fl-Iskola tas-Sorijiet Franġiskani. Wara huwa żar il-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fejn wara waqfa qasira quddiem Ġesù Sagramentat huwa wassal messaġġ qasir. Għal ħinijiet ta' nofsinhar Mons. Isqof ippranza mas-saċerdoti tal-parroċċa. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof iltaqa' ma' l-istaff ta' Radju Luminarja u wara, fis-sala parrokkjali, Mons. Isqof iltaqa'

mal-abbatini flimkien mal-ġenituri tagħhom. Aktar tard huwa ltaqa' mal-membri li jagħmlu parti mill-Komunità Ewkaristika. Iż-żjara fraterna fin-Nadur ġiet fi tmiemha filgħaxija b'konċelebrazzjoni sollenni fil-Bażilka bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Matul din l-Ewkaristija ġie amministrat ukoll is-sagrament tal-Magħmudija. Hekk kif intemmet il-liturġija, Mons. Isqof żar il-Każin tal-Banda Mnarja fejn iltaqa' mal-kumitat u l-bandisti u wara iltaqa' maż-żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali.

### *Iż-żjara fraterna ta' Mons. Isqof f'raħal twelidu – il-Parroċċa tal-Qala*

Iż-żjara ta' Mons. Isqof fir-raħal tal-Qala bdiet nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu. Lil Mons. Isqof saritlu merħba uffiċjali ħdejn l-iskola Primarja 'President Anton Buttiġieg', fost il-ferħ tat-tfal akkumpanjati mill-katekisti u l-ġenituri tagħhom. Il-banda *'Ite ad Joseph'* tal-Qala laqgħet lil Mons. Isqof fil-pjazza prinċipali filwaqt li l-kleru tal-parroċċa ta merħba lil Mons. Isqof f'bieb il-knisja. Wara li Mons. Isqof bierek il-ġemgħa tan-nies miġbura, saru diskorsi ta' merħba mill-Arċipriet,mis-segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u mis-Sindku tar-raħal. Saret ukoll l-annotazzjoni tad-data tal-konsagrazzjoni episkopali fir-reġistru tal-magħmudija tal-parroċċa tal-Qala fejn l-E.T. Mons. Mario Grech twieled u tgħammed. Din il-laqgħa ta' merħba ġiet fi tmiemha bil-kant ta' l-Għasar bis-sehem tat-tfal. Wara ir-reċita tal-Liturġija tas-Sigħat Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali u wara ta l-Barka Sagramentali. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof kien il-mistieden ewlieni f'ċena li saret mas-saċerdoti tal-parroċċa fid-Dar ta' l-Arċipriet. L-għada l-Ġimgħa 17 ta' Marzu, Mons. Isqof żar l-iskola tas-Sorijiet Franġiskani u l-Iskola Primarja 'President Anton Buttiġieġ'. Kmieni wara nofsinhar Mons.Isqof żar lis-Sorijiet Franġiskani, u d-Djar tad-Duttrina fejn Mons. Isqof iltaqa' mat-tfal u l-katekisti tagħhom. Filgħaxija ġie reċitat l-Għasar ma' Mons. Isqof u wara mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-Tielet Ġimgħa mal-Ġemgħa. Kienu mistiedna b'mod speċjali l-membri kollha ta' l-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa. Ħa ħsieb janima din il-liturġija il-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'. Wara iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija Mons. Isqof iltaqa' mal-koppji kollha fil-Knisja Arċipretali. Din il-laqgħa ġiet fi tmiem b'ċena fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fl-aħħar jum taż-żjara tiegħu f'raħal twelidu filgħodu, Mons. Isqof iltaqa'



mal-morda permezz tar-Radju 'Leħen il-Qala' fejn il-morda, bl-għajnuna ta' dawk li jieħdu ħsiebhom setgħu jagħmlu kuntatt dirett ma' Mons. Isqof permezz tat-telefon. Aktar tard tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu Mons. Isqof iltaqa' mas-Sindku u l-Kunsill Lokali Qala. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof iltaqa' mal-membri kollha tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fid-Dar Parrokkjali. Wara l-E.T. żar il-kappella tal-Madonna tal-Blat u wara lis-Santwarju Nazzjonali tal-Immakulata Kunċizzjoni. Filgħaxija Mons. Isqof mexxa Pontifikal Sollenni fl-għeluq taż-żjara tiegħu. Mons. Isqof fi tmiem l-Ewkaristija ingħata rigali ta' l-okkażjoni mill-kleru u l-poplu tal-Qala. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof kellu laqgħa fraterna u riċeviment maż-żgħażagħ u l-membri kollha ta' l-Għaqdiet soċjali fiċ-Ċentru Parrokkjali.

### *L-E.T. Mons. Mario Grech iżur il-Parroċċa ta' Marija Bambina, fix-Xagħra*



Iż-żjara ta' Mons. Isqof saret fuq erbat ijiem, bejn id-19 u t-22 ta' Marzu. Nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu filgħaxija Mons. Isqof Mario Grech wasal fil-pjazza ta' quddiem il-knisja fejn saritlu laqgħa ta'merħba mill-Arċipriet Carmelo Refalo flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, l-kleru u l-parruċċani. Hekk kif daħal fil-Bażilka, wara żjara qasira lil Ġesù Sagramentat sar diskors ta' merħba mill-Arċipriet tal-Bażilka u wara saret ir-replika minn Mons. Isqof. Din il-laqgħa ta' merħba ġiet fi tmiemha bir-reċita tal-Għasar u l-Barka Sagramentali. Wara l-funzjoni liturġika Mons. Isqof sab ħin sabiex isellem lis-saċerdoti preżenti fl-awla kapitulari. L-għada, t-Tnejn 20 ta' Marzu Mons. Isqof ippressieda l-assemblea parrokkjali fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna b'mod partikolari l-membri tal-Kunsill Parrokkjali, Kumitat Kateketiku, Kumitat Liturġiku, Kumitat Karità, Kumitat Ċentrali tal-Festa, Kumitat Radju Bambina, Komunitajiet Ewkaristiċi, Grupp Vokazzjonijiet, Grupp Padre Pio, Grupp Tereżjani, Azzjoni Kattolika, Leġjun ta' Marija, Soċi tal-MUSEUM u iċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof żar l-i*Spigolatriċi della Chiesa*. Nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu filgħodu, l-E.T. Mario Grech għamel żjara ta' korteżija lill-Kunsill Lokali Xagħra. Aktar tard tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu huwa żar l-iskola tas-Sorijiet Franġiskani fi Triq 28 t'April 1688, l-Iskola Primarja 'Patri Mattew Sultana' u l-kumpless ta' l-

MCAST fi Triq it-Tiġrija. Għal ħinijiet ta'nofsinhar Mons. Isqof żar il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof ltaqa' mal-abbatini u l-membri tal-grupp tal-vokazzjonijiet flimkien mal-ġenituri tagħhom fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet. Aktar tard huwa żar l-oqsma tal-MUSEUM tal-bniet u tas-subien. Hekk kif temm dawn iż-żjarat huwa xiref sal-knisja ta' San Pawl f'Marsalforn u dik ta' Ġesu Nazzarenu. F'din ta' l-aħħar Mons. Isqof kellu mument ta' talb u laqgħa mal-komunità tan-Nazzarenu. Mons. Isqof temm dan it-tielet jum tiegħu f'din iż-żjara fraterna fir-raħal tax-Xagħra billi żar il-każini politiċi. L-Erbgħa 22 ta' Marzu filgħodu, Mons. Isqof żar id-*Day Centre* ta' l-anzjani. Aktar tard Mons. Isqof, dejjem akkumpanjat mill-Arċipriet tal-Bażilka, żar lis-saċerdoti morda li jinsabu rikoverati fi djarhom. F'nofsinhar Mons. Isqof ippranza mas-saċerdoti kollha tal-parroċċa fid-*Domus*. Kmieni wara nofsinhar żar l-*istudios* ta' Radju Bambina fejn ġie intervistat *live*. Wara Mons. Isqof għamel mument ta' talb fil-knisja ta' Sant Anton Abbati. Fis-6.30 ta' filgħaxija mexxa pontifikal sollenni fil-knisja bażilka flimkien mal-kapitlu kolleġjali, u l-kleru. Fi tmiem il-pontifikal huwa kellu laqgħat informali kemm fil-Każin tal-Football *Xagħra United* kif ukoll fil-Każin tal-Banda *Victory* mad-diriġenti u l-kumitati ta' dawn iż-żewġ entitajiet. Mons. Isqof temm dawn il-jiem ta' żjara fraterna fil-parroċċa tax-Xagħra b'laqgħa ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ fi Triq 28 ta' April 1688.

### Żjara Pastorali ta' Mons. Mario Grech fil-Parroċċa tal-Viżitazzjoni - l-Għarb.

Iż-żjara fraterna ta' Mons. Isqof fil-Parroċċa ta' l-Għarb ingħatat bidu nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu. Għall-ħinijiet ta' filgħaxija Mons. Isqof kien milqugħ mill-Arċipriet, kapitlu u l-kleru tal-parroċċa. Hekk kif intlaqa' fil-Kolleġġata ta' l-Għarb, wara waqfa qasira quddiem Ġesù Sagramentat, ġie reċitat ir-rużarju għall-bżonnijiet ta' l-Isqof u biex il-ħidma tiegħu tħalli frott kotran. Għal dan il-mument ta' talb kienu preżenti b'mod partikolari dawk li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni. Dritt wara l-għoti tal-Barka Sagramentali, Mons Isqof iltaqa' mal-Kunsill Parrokkjali, mal-katekisti, mal-ministri straordinarji tat-tqarbin u ma' l-abbatini fid-Dar tad-Duttrina. L-għada il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu filgħodu, Mons. Isqof akkumpanjat mill-Arċipriet Karm Gauci żar lill-morda u l-anzjani li jinsabu rikoverati



fi djarhom. Aktar tard Mons. Isqof bierek *playing field* fi Triq Birbuba u żar l-Iskola Primarja 'Karmni Grima'. Kmieni wara nofsinhar l-E.T. Mario Grech iltaqa' mal-Kunsill Lokali u dritt wara ġie mdawwar mal-mużew tar-raħal. Wara l-quddiesa ta' filgħaxija Mons. Isqof iltaqa' mal-komunità parrokkjali fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Kienu mistiedna b'mod partikolari l-membri ta' l-għaqdiet reliġjużi u ċivili kollha fi ħdan il-parroċċa. Nhar is-Sibt 25 ta' Marzu filgħaxija, sollennità tal-Lunzjata, Mons. Isqof iltaqa' mal-koppji miżżewġin kollha fid-Dar tad-Duttrina. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof attenda wkoll għar-rappreżentazzjoni tad-dramm fuq il-ħajja tal-Beatu Dun Ġorġ Preca mtella' mill-*Mellieħa Stage Friends* fiċ Ċentru Parrokkjali. Mons. Isqof temm din il-vista fraterna fir-raħal ta' l-Għarb nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu, b'konċelebrazzjoni pontifikali fil-Kolleġġjata tal-Viżitazzjoni. Ħadu ħsieb janimaw din il-liturġija l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u l-Kor tal-Parroċċa taħt id-direzzjoni ta' Marlene Cauchi. Hekk kif intemmet l-Ewkaristija Mons. Isqof iltaqa' mas-saċerdoti għaċ-ċena.

### Il-Festa ta' San Ġużepp ġewwa s-Seminarju

Mons. Isqof Mario Grech nhar is-Sibt 18 ta' Marzu ngħaqad mal-komunità tas-seminaristi sabiex jiċċelebra l-Ewkaristija fis-sollennità ta' San Ġużepp, Patrun Universali tal-Knisja Kattolika. Wara l-Ewkaristija, l-E.T. Mons. Isqof flimkien mas-superjuri u s-saċerdoti tas-seminarju, u s-seminaristi tad-Djoċesi ħadu ritratt ta' l-okkażjoni bħala tifkira ta' din iż-żjara.

### Mons. Isqof fi "Żmeraldi"

Nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu, Mons. Isqof ħa sehem fil-programm televiżiv "Żmeraldi" mtella' minn *Citadel Video Communications Ltd* u li jiġi mxandar fuq l-istazzjon televiżiv nazzjonali TVM. F'dan il-programm Mons. Isqof wieġeb għal diversi mistoqsijiet fuq suġġetti attwali li poġġewlu ż-żgħażagħ li jtellgħu dan il-programm minn Għawdex.

### Żjara ta' korteżija mill-MUT lill-Isqof ta' Għawdex

Fl-okkażjoni tal-bidu tal-ministeru l-ġdid ta' Mons. Mario Grech bħala Ragħaj tad-Djoċesi ta' Għawdex, nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu, delegazzjoni mill-*Union* tat-*Teachers*, l-MUT, għamlet żjara ta' korteżija lill-E.T. Mons. Isqof fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex. Din id-delegazzjoni kienet immexxija mill-President tal-MUT is-Sur John Bencini u s-Segretarju is-Sur Joseph P. Degiovanni. Fost is-suġġetti trattati tul din il-laqgħa kien hemm il-problema attwalissima ta' l-aggressjoni morali u fiżika li ċerti studenti u ġenituri qed juru fil-konfront ta' l-għalliema. Fi tmiem din il-laqgħa Mons. Isqof ġie ppreżentat b'*memento* b'tifkira ta' din iż-żjara.

### *Mons. Isqof f'laqgħa ta' talb maż-żgħażagħ waqt l-irtir organizzat mill-KDŻ*

Nhar is-Sibt 25 ta' Marzu L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech żar lil 35 żagħżugħ u żagħżugħa li kienu qegħdin għall-

irtir fid-Dar ta' l-Irtiri, Manresa, ir-Rabat Għawdex, bħala parti mit-tħejjija spiritwali għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan l-irtir li ġie organizzat mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex, kien immexxi minn Fr. Edgar Busutill.

### *Mons. Isqof jippressiedi l-"Acies" tal-Leġjun ta' Marija*

Nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu wara nofsinhar, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fir-Rotunda tax-Xewkija, fejn il-membri kollha Għawdxin li jattendu il-Leġjun ta' Marija ġeddew il-wegħdiet tagħhom lil Ommna Marija Santissima waqt il-laqgħa annwali ta' l-*Acies*. Din kienet organizzata mill-*Cominio* tal-Leġjun ta' Marija ta' Għawdex.

### *Suor Rose Olivieri tagħlaq 90 sena*

Nhar it-Tnejn 27 ta' Marzu, Mons. Isqof mexxa quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Kappella ta' Marija Awżiljatriċi tas-Sorijiet Sależjani fir-Rabat Għawdex fl-okkażjoni ta' għeluq id-90 sena ta' Suor Rose Olivieri, membru tal-komunità tas-sorijiet sależjani f'Għawdex.

### *Żjara fiċ-Ċentru tad-Duttrina Taċ-Ċawla, ir-Rabat*

Nhar it-30 ta' Marzu, Mons. Isqof żar iċ-Ċentru tad-Duttrina f'Taċ-Ċawla, fir-Rabat Għawdex flimkien mal-assistent personali tiegħu Dun Eddie Zammit, li huwa wkoll ir-Rettur tal-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'taċ-Ċawla. Din il-laqgħa kienet koordinata minn Miss Lucy Sciberras, kordinatriċi taċ-ċentru tad-duttrina. Għal din l-okkażjoni ittellgħu diversi mimi mit-tfal li jattendu l-klassijiet tad-duttrina, fosthom mima dwar id-dilka ta' David bħala Sultan tal-poplu Lhudi. Mons. Isqof barra li feraħ lil dawk kollha li ħadu sehem fil-mimi, tkellem fuq l-importanza u d-dmir li n-nisrani għandu sabiex jattendi u fuq kollox jifforma ruħu permezz tat-tagħlim, kif ukoll ħa l-okkażjoni sabiex jiltaqa' mill-viċin mat-tfal li jattendu għall-klassijiet tal-katekiżmu f'dan il-lokal.

### *Mons. Isqof jattendi għall-"Magical Journey"*

Nhar il-Ħamis 30 ta' Marzu Mons. Isqof Mario Grech, laqa' l-istedina li saritlu mill-Kap ta' l-Iskola Primarja 'St.Francis' tar-Rabat Għawdex u attenda għall-*Magical Journey* imtellgħa mill-istudenti li jattendu din l-iskola primarja. Din il-play mużikali, li saret fit-Teatru Astra, kienet parti mill-kontribuzzjoni ta' l-iskola fil-proġett *Comenius* (EUPU) għal din is-sena.

### *Mons. Isqof jippressiedi l-Laqgħa Annwali tal-Moviment Fokolarini, "Mariopolis"*

Nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu, l-E.T. Mons. Isqof mexxa quddiesa fil-*Jerma Palace Hotel*, M'Scala fl-okkażjoni tal-laqgħa annwali *Mariopolis* li jorganizza l-Moviment tal-Fokolari ġewwa Malta. Mons. Isqof fil-quddiesa ndirizza lill-membri tal-Fokolarini li jagħtu sehemhom f'ħidma sfieqa u kontinwa fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Aktar tard Mons. Isqof ippranza mad-diriġenti tal-Moviment f'Malta fosthom Caroline Busutill u Andrea Goller.

### *L-Isqof ta' Għawdex jiltaqa' mall-atturi ta' 'L-Imsallab fi Triqatna'*

Nhar is-Sibt l-1 ta' April, Mons. Isqof iltaqa' u sellem lil dawk kollha li ħadu sehem fil-*pageant* li jsir ta' kull sena fit-toroq tal-Belt Victoria mill-Għaqda Delettanti tal-Ġimgħa l-Kbira, *l-Imsallab fi Triqatna*. Barra li rrikonoxxa l-isforzi u l-impenn ta' dawk kollha li ħadu sehem sabiex tittella' produzzjoni ta' livell, Mons. Isqof ħeġġeġ lil parteċipanti sabiex ikunu dejjem aktar ta' kontribut b'inizjattivi simili fis-soċjetà li huma jagħmlu parti minnha.

### *Laqgħat ta' korteżija ma' Mons. Isqof*

Nhar it-Tlieta 4 ta' April, Mons. Isqof kellu laqgħa ta' korteżija mas-Sindku ta' Marsascala is-Sur Mario Calleja ġewwa l-Kurja Djoċesana ta' Għawdex. Aktar tard tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu Mons. Isqof iltaqa' ma' grupp ta' l-Azzjoni Kattolika mill-Gżira fejn kellu ċans ukoll jippranza magħhom f'lukanda x-Xlendi.

### *Mons. Isqof jiltaqa' ma' l-istudenti u l-ħaddiema Għawdxin f'Malta*

Nhar it-Tlieta 4 ta' April l-E.T. Mons. Isqof qasam il-fliegu sabiex jiltaqa' ma' l-istudenti u l-ħaddiema li jinsabu jistudjaw, jaħdmu, u jgħixu ġewwa Malta tul il-jiem tal-ġimgħa. Mons. Isqof iltaqa' magħhom f'laqgħa ta' talb li saret fil-kappella ta' l-Università. Għal din il-laqgħa ħa sehem ukoll iċ-*chaplain* ta' l-Università ta' Malta, Fr. Jimmy Bartolo. Wara Mons. Isqof kellu ħin jiltaqa' ma' dawk kollha li attendew b'mod individwali u magħhom jitkellem fuq l-andament tal-ħajja tagħhom f'Malta.

### *Jum Dinji tal-Ktieb*



Mons. Isqof Mario Grech, nhar l-Erbgħa 5 ta' April ħa sehem f'attività li nżammet fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb li saret fl-Arkivju tal-Biblijoteka tal-Belt Victoria, fi Triq Vajringa. F'din l-okkażjoni Mons. Isqof ikkonsagra l Arkivju ta' Għawdex lil Qlub ta' Ġesù u ta' Marija. Is-Sur Ġorġ Borġ, kap tal-biblijoteka, fi tmiem iċ-ċerimonja ppreżenta lil Mons. Isqof żewġ volumi ta' materjal stampat li deher fuq l-istess Isqof fil-ġurnali u r-rivisti lokali sa' mill-jum tal-ħatra tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex.

### *Żjarat Pastorali tul il-jiem tar-Randan*

Nhar l-Erbgħa 5 ta' April Mons. Isqof flimkien ma' Dun Karm Portelli mexxa laqgħa ta' talb għaż-żgħażagħ fiċ-ċentru tan-Nadur. Aktar minnhekk l-għada l-Ħamis 6 ta'

April Mons. Isqof iċċelebra l-ewkaristija mal-ħaddiema li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Agrikultura, fil-*farm* tax-Xewkija. Wara Mons. Isqof barra li ġie mdawwar mal-kumpless kollu ħa ukoll ritratt ta' l-okkażjoni mal-ħaddiema kollha. Nhar is-7 ta' April, Mons. Isqof ħa sehem f'Ċelebrazzjoni Marjana mtella' mill-*Pastoral Team* ta' l-Iskola Aguis de Soldanis għall-istudenti bniet li jifrekwentaw l-istess skola sekondarja. Din l-attività, inizjattiva tad-direttur spiritwali Dun Frans Refalo, saret fil-kumpless sportiv tal-Belt Victoria. Fl-aħħarnett, nhar il-Ħadd 9 ta' April Mons. Isqof mexxa laqgħa ta' talb fil-Bażilka tan-Nadur bħala parti miċ-ċelebrazzjoni bi preparazzjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa.

### *Mons. Isqof jiċċelebra l-Festa tad-Duluri*

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' April Mons. Isqof mexxa quddiesa fil-kwartieri tal-Puluzija fil-Belt Victoria għall-membri tal-korp tal-pulizija fl-okkażjoni ta' Jum id-Duluri. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fi Pjazza Indipendenza, sewwa sew fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu. Wara l-quddiesa Mons. Isqof mexxa l-pellegrinaġġ penitenzjali wara x-xbieha ta' Marija Addolorata meqjuma fil-knisja ta' San Ġakbu.

### *Kunċerti ta' Mużika Sagra u Funebri fir-Rabat, Xagħra u Sannat*

Tul il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, Mons. Isqof Mario Grech laqa' l-istedina li saritlu mill-erba' parroċċi tal-Katidral, ta' San Ġorġ, tax-Xagħra, u ta' Sannat, sabiex jattendi għall-kunċerti ta' mużika sagra u funebri mtella' mill-għaqdiet mużikali rispettivi tagħhom. Nhar il-Ħamis 6 ta' April Mons. Isqof attenda għal-kunċert fil-Knisja Parrokkjali ta' Sannat mill-Banda *Santa Margerita* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Josef Debrincat. Is-Sibt 8 ta' April Mons. Isqof attenda l-ewwel għall-kunċert mill-Banda *Victory* fil-Bażilika ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, imbagħad għall-kunċert mill-Banda Ċittadina *La Stella* taħt id-direzzjoni ta' Prof. Joseph Vella fil-Bażilka ta' San Ġorġ, ir-Rabat. Nhar it-Tlieta 11 ta' April Mons. Isqof Mario Grech attenda għall-kunċert imtella' mill-Banda Ċittadina *Leone* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

### *Jiġu fi tmiemhom il-Katekeżi għaż-Żgħażagħ*

Mons. Isqof Mario Grech, nhar is-Sibt 8 ta' April, kkonkluda l-Katekeżi għaż-Żgħażagħ li saru tul is-Sibtijiet tar-Randan fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, liema laqgħat ġew organizzati b'kollaborazzjoni shiħa mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex. Għal din l-aħħar laqgħa



ż-żgħażagħ inġabru fil-Knisja ta' San Ġakbu, fi Pjazza Indipendenza, fejn Mons. Isqof mexxa funzjoni qasira li fiha bierek il-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ fl-okkażjoni ta' Ħadd il-Palm kif ukoll fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Wara ż-żgħażagħ imxew f'korteo lejn il-Kurja fejn saret l-aħħar katekeżi – meditazzjoni fuq il-pjagi ta' Kristu permezz ta' *PowerPoint Presentation*. Fi tmiem il-laqgħa Mons. Isqof irringrazzja lil dawk kollha li tul is-sitt laqgħat ħadu ħsieb jorganizzaw u jagħtu id-daqqa t'id tagħhom sabiex dawn il-laqgħat setgħu ikunu suċċess. Iż-żgħażagħ urew ix-xewqa li attività kateketika ta' din ix-xorta tibqa' ssir fuq bażi mensili.

### *Mons. Isqof jipparteċipa fi programmi ta' ġbir ta' fondi*

Nhar il-Ħadd 9 ta' April filgħaxija, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech ħa sehem fil-programm *Nisimgħek* ta' Dun Ġorġ Bezzina mxandar fuq Radju RTK, f'għeluq il-kampanja ġbir ta' fondi b'risq il-missjunarji għawdxin li jinsabu jwettqu l-ħidma tagħhom fil-kontinent Amerikan, li saret tul il-Ħdud tar-Randan. Fost il-qassisin li se jibbenifikaw minn din il-ġabra nsibu lil Dun Anton Grech u Dun Ġużepp Camilleri li jinsabu l-Guatemala, u Dun Raymond Portelli u Dun Alex Cauchi li jinsabu jwettqu il-ħidma tagħhom il-Perù. Aktar minnhekk nhar is-Sibt 15 ta' April, Sibt il-Għid wara nofsinhar, Mons. Isqof ħa sehem ukoll fi programm televiżiv *Kollox Sibt*, imxandar fuq *Net Television* bħala parti mill-kampanja ġbir ta' fondi b'risq il-Fondazzjoni Arka li tiġġestixxi r-*Respite Centre* ġewwa Għajnsielem. F'din il-kampanja ta' ġbir inġabru 'l fuq minn erbgħin elf lira maltin.

### *Mons. Isqof jattendi għad-dramm 'Il-Maħfra għad-dell tas-Salib'*

Nhar it-Tnejn 10 ta' April, Mons. Isqof segwa d-dramm li jġib l-isem "Il-Maħfra għad-dell tas-Salib" li ttella' mill-komunità parrokkjali li sa ftit xhur ilu kien ragħaj tagħhom, il-komunità parrokkjali ta' Kerċem.

### *Mons. Isqof imexxi Ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-Bażilka ta' San Ġorġ*

Nhar l-Erbgħa tat-Tniebri, 12 ta' April, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa ċelebrazzjoni penitenzjali fil-Bażilka ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria. Tul din iċ-ċelebrazzjoni huwa amministra wkoll is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni għall-ewwel darba lil dawk it-tfal li fi ftit ġimgħat oħra sejrin jirċievu l-ewwel tqarbina. Wara din iċ-ċelebrazzjoni Mons. Isqof ippranza mal-kleru tal-Bażilka fiċ-ċentru parrokkjali.

### *Mons. Isqof imexxi għall-ewwel darba il-funzjonijiet tat-Tridu Mqaddes ta' l-Għid fil-Katidral tiegħu, bħala Isqof ta' Għawdex*

Nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu Mons. Isqof mexxa għall-ewwel darba il-funzjoni tat-tberik taż-żjut fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Hekk kif intemmet din iċ-ċelebrazzjoni, fuq inizjattiva ta' Mons. Isqof, is-saċerdoti u r-reliġjużi kollha ta' Għawdex kienu mistiedna għall-ikla fraterna fis-sala tas-Seminarju. Għal din l-ikla

attendew 'il fuq minn 140 persuna u saret ad unur dawk is-saċerdoti li din is-sena qed jiċċelebraw il-25 u l-50 sena mill-ordinazzjoni tagħhom. Filgħaxija Mons. Isqof, fl-istess Knisja Katidrali għamel it-Tifkira ta' l-Aħħar Ikla tal-Mulej fejn fiha sar ukoll il-ħasil ta' saqajn l-appostli. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira wara nofsinhar Mons. Isqof mexxa il-funzjoni ta' l-adorazzjoni tas-Salib fit-tifkira tal-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu fuq is-Salib . Nhar Sibt il-Għid filgħaxija Mons. Isqof mexxa il-Velja Sollenni ta' Sibt il-Għid. Nhar Ħadd il-Għid filgħaxija Mons. Isqof mexxa il-Pontifikal Sollenni ta' l-Għid. Dawn il-funzjonijiet saru dejjem fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex bis-sehem tal-Kapitlu Katidrali ta'Għawdex u s-seminaristi tad-djoċesi. Dawn il-funzjonijiet kienu animati mill-*Chorus Ecclesia Cathedralis* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard.

### *"Is-Siegħa ta' l-Omm" – Għall-ewwel darba fis-Santwarju ta' Pinu*

Nhar Sibt il-Għid filgħodu, 15 ta' April 2006, Mons. Isqof ħa sehem f'ċelebrazzjoni marjana, 'Is-Siegħa ta' l-Omm', fis-Santwarju Ta' Pinu, f'Għawdex. Din kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha li saret fis-santwarju ddedikat lill-Verġni Marija f'Ta' Pinu. It-test sħiħ ta' din il-liturġija ġie maqlub f'ilsienna minn Dun Gerard Buhagiar.



### *L-Isqof Mario Grech se jmexxi pellegrinaġġ nazzjonali f'Washington*

Ġie mħabbar li l-Isqof ta' Għawdex Mario Grech se jmexxi pellegrinaġġ nazzjonali fil-Bażilika Santwarju Nazzjonali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni f'Washington D.C., l-Istati Uniti. Il-pellegrinaġġ se jsir mill-25 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2006. Din se tkun l-ewwel żjara barra minn xtutna għal Monsinjur Grech bħala l-Isqof il-ġdid tad-djoċesi ta' Għawdex. Dan il-pellegrinaġġ se jsir, f'isem il-Maltin fl-Amerika, fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' l-oratorju ddedikat lil Madonna ta' Pinu li jinsab fl-istess Santwarju.

Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iz-Zewwieqa Qala

Tel. 21553500

PMC TOURS

SCANDINAVIA

Mit-28 ta' Lulju sa l-4 t'Awissu

Inżuru:STOCKHOLM (kapitali ta' Sweden)

OSLO (kapitali ta' Norway) - KARLSTAD

GEILO u l-isbaħ fjords ta' Norway

Prezz Half Board : Lm349.00c.

LOURDES-FATIMA-LISBONA

Mit-18 sas-26 t'Awissu

Prezz Full Board : Lm279.00c.

CRUISE FIL-MEDITERRAN

Jibda u jispiċċa Malta. 5-12 ta' Settembru

Prezz : Lm289 - Tfal sa 18 il-sena b'xejn

Dettalji:PMC TOURS-T.21551004-79021033

JOHN PORTELLI ENT. T.21561212-3

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

# X'għadda minn għalina



**Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri**

## L-Isqof Ġdid fl-Iskola Primarja tal-Qala, raħal twelidu



*Fuq: Mons. Isqof Grech jidher jifraħ bit-tifla Christine Xuereb (Yr. 5), wara li din qratlu poeżija miktuba minnha stess. Tidher ukoll il-Kap ta' l-Iskola, is-Sinjorina Marija Buttigieg. Taħt: Mons. Isqof Grech mat-tfal fil-klassi ta' Year 2.*



Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu kienet okkażjoni speċjali għall-iskola Primarja tal-Qala għaliex skond il-Kap ta' l-Iskola, is-Sinjorina Marija Buttigieg "kellna fostna l-maħbub ragħaj tagħna l-Eċċellenza tiegħu Mons. Mario Grech, l-Isqof il-Ġdid tad-djoċesi tagħna, hawn f'raħal twelidu".

Spirtu ta' ferħ irrenja fl-iskola kollha kemm fost it-tfal kif ukoll fost il-kbar, ibda mill-Kap ta' l-Iskola s-Sinjorina Maria Buttigieg, l-għalliema, *kinder assistants*, *facilitators*, skrivani u *minor staff*.

Is-Sinjorina Buttigieg qalet lil *Il-Ħajja f'Għawdex* "...Kellna ċelebrazzjoni tassew sabiħa fis-sala u ħloqna atmosfera ta' ferħ bil-kant sabiħ, indirizz, mima u saħansitra poeżiji miktuba mit-tfal stess għal din l-okkażjoni. Offrejna bukkett spiritwali u rigali oħra li l-Isqof ħa ferm pjaċir bihom". Wara bibita fl-uffiċċju fejn l-Isqof iltaqa' ma l-istaff, żar ukoll il-klassijiet. Tassew kienet okkażjoni speċjali għat-tfal x'ħin rawh fil-klassi jkellimhom, bil-qegħda ħdejhom, jistaqsihom u jieħu interess f'dak li kienu qed jagħmlu.

It-tfal ma naqsux li jersqu jitolbuh biex jiffirmalhom u jiktbilhom kelmtejn. Żgur li din iż-żjara serviet biex it-tfal isiru jafu iktar min hu l-Isqof Grech, u dan fl-ambjent tagħhom stess, ftit passi 'l bogħod mid-dar fejn kien twieled, ħdejn l-istess skola.

## President ġdid għas-Soċjetà "La Stella"



L-avukat Joseph Grech ta' 27 sena mill-Belt Victoria għadu kemm ġie maħtur president ġdid tas-Soċjetà Filarmonika "La Stella" minflok is-Sur Dolindo Cassar li għadu kif temm din l-istess kariga li kien ilu fiha għal dawn l-aħħar tmien snin. L-avukat Grech kien unanimament maħtur President tas-Soċjetà mill-bandisti tal-banda *La Stella* waqt laqgħa li saret nhar il-Ħadd, 19 ta' Marzu.

Fl-ewwel kummenti tiegħu l-Avukat Grech irringrazzja lill-bandisti tas-Soċjetà għal fiduċja li urew fih filwaqt li wiegħed l-għajnuna kollha possibbli li hu setgħa joffri b'risq is-Soċjetà *La Stella* u t-Teatru Astra. Hu rringrazzja wkoll lis-sur Dolindo Cassar, ex-president tas-Soċjetà u lil dawk kollha li wettqu tant xogħol matul is-snin u b'mod partikulari lit-*team* kollu li reġa wassal għall-ftuħ mill-ġdid tat-Teatru Astra. Dr Grech stqarr li f'soċjetà bħal dik ta' *La Stella* kien hemm spazju għal kulħadd fejn setgħa jingħata kontribut f'kull sezzjoni għal aktar żieda ta' suċċessi fl-istorja tas-soċjetà.

Intant kienu maħtura wkoll diversi uffiċjali fil-kumitat ġenerali tas-Soċjetà *La Stella,* fosthom il-Viċi President is-sur Anton Vella, is-Segretarju s-sur Paul Zammit, it-Teżorier is-sur Anton Zammit u l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, is-sur Manuel Grima.

## Id-dramm "Padre Pio" fix-Xagħra



Ritratt: Lino Grech, awtur magħruf, (lemin) jidher jagħmel kelmtejn ta' ringrazzjament, wara li ġie ppreżentat b'rigal ta' tifkira.

Fil-Ħdud 19 u 26 ta' Marzu, fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, fix-Xagħra, ittellgħu għall-pubbliku erba' rappreżentazzjonijiet tad-dramm 'Padre Pio'. Id-dramm miktub minn Lino Grech, sar fis-sala taċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ, fi Triq 28 April 1688, taħt id-direzzjoni ta' Carmel Bajada, bis-sehem ta' atturi lokali. L-awtur ta' dan id-dramm, Lino Grech, attenda għat-tieni rappreżentazzjoni li saret il-Ħadd 19 ta' Marzu.

L-Arċipriet tal-Parroċċa Mons. Carmelo Refalo ppreżenta rigal ta' apprezzament lil Lino Grech talli tahom iċ-ċans li jtellgħu dramm minn tiegħu. Jidhru wkoll uħud mill atturi li ħadu sehem. Il-parti ta' Padre Pio ġiet maħduma minn tlett persuni differenti: Padre Pio żgħir - Nicholas Theuma; Padre Pio żagħżugħ - Ġorġ Bonello; Padre Pio adult - Carmel Bajada.

## Laqgħa ta' l-Isqof Grech mal-Kunsill Lokali tan-Nadur

Nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2006 l-Isqof Mario Grech għamel żjara lill-Kunsill Lokali tan-Nadur fejn iltaqa' mal-membri. Din iż-żjara kienet parti miż-żjara fraterna li l-Isqof kien qed jagħmel fil-parroċċa tan-Nadur. Waqt din il-laqgħa l-Eċċellenza Tiegħu rringrazzja lill-Kunsill għall-ħidma tiegħu filwaqt li ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex ikomplu jagħtu s-sehem tagħhom għall-ġid tar-residenti. Il-kunsilliera kellhom l-okkażjoni li jiddiskutu ma' Mons Isqof diversi punti li jolqtu l-lokalità, il-parroċċa u problemi oħra relatati mar-raħal tan-Nadur. Fi tmiem il-laqgħa l-Isqof Mario Grech ġie mogħti tifkira tal-okkażjoni.



## "Tribute to a Sea": Wirja ta' pittura minn Henry Alamango



Dak inhar tal-ftuħ tal-wirja. Henry Alamango juri x-xogħlijiet tiegħu lill-Ministru Debono.

Fil-*Banca Giuratale*, fir-Rabat, bejn is-Sibt 4 u l-Ħadd 26 ta' Marzu, għat-tielet sena ttellgħet wirja ta' *watercolours* minn l-artist kontemporanju Malti, Henry Alamango.



L-ambjent tal-Mediterran – l-aktar xeni tal-baħar u tal-kampanja, jispira lil dan l-artist, ħafna drabi b'xeni miġbudin mill-Gżira t'Għawdex. B'din il-wirja, "*Tribute to a Sea*", Henry Alamango ried ukoll jiġbed l-attenzjoni għall-artijiet ta' madwar Malta u Għawdex. Dawn, waqt li jingħarfu għall-karattru tagħhom, jaqsmu magħna wirt storiku u kulturali qawwi. Hekk, l-identità tal-gżejjer Maltin hija ppreżentata bħala waħda mnissla w minsuġa mix-xejriet ta' diversi kulturi li fuqhom tfasslet iċ-ċiviltà tal-punent u dik Ewropea. Ix-xogħol ta' Henry Alamango jingħaraf minn lwien mixgħela fi sfond ta' dawl sottili. B'hekk jitnissel sens qawwi ta' serenità, li fih ma' jibqax daqstant importanti is-suġġett.

Il-wirja "*Tribute to a Sea*" infetħet mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.



*Żewġ pitturi minn dawk esebiti fil-Banca Giuratale.*

## Tfakkar Jum is-Siġar f'Kerċem



Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu, il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Kunsill Lokali Kerċem bil-kollaborazzjoni ta' l-Iskola Primarja "Peter Paul Grech" organizzaw "Jum is-Siġar" f'Kerċem, b'attività fis-sala ta' l-Iskola Primarja u bl-inawgurazzjoni ta' ġnien fi Triq il-Gamiem u taħwil ta' siġar. Fis-sala ta' l-iskola ttella' programm li tħejja mit-tfal ta' l-istess skola li kien jinkludi qari ta' poeżiji u essejs rigward l-importanza tas-siġar f'ħajjitna. Saru wkoll diskorsi mill-Kap ta' l-Iskola M'Anne Schembri u anke mis-Sindku ta' Kerċem Joe Grima. Is-Sindku tkellem dwar l-importanza li qed jingħata l-ambjent fi żminijietna u x-xogħol li qed jagħmel il-Kunsill f'dan ir-rigward.

*Fir-ritratt jidher is-Sindku Joe Grima, akkumpanjat minn żewġt itfal, Monique Caruana u Jonathan Grech waqt it-tħawwil ta' siġra tal-ballut.*

## Preżentazzjoni ta' magna ta' l-ECG lil Fr Raymond Portelli għall-Perù



*Waqt il-preżentazzjoni tal-magna ta' l-ECG lil Fr Raymond Portelli. Jidhru mix-xellug għal-lemin: Dr. Marvic Masini (Segretarju, GMA), Dr. Suzanne Attard (Membru), Fr. Ray Portelli, Dr. Michael Refalo (Membru) u Dr. Robert Sciberras (President, GMA).*

Il-President tal-Għaqda Għawdxija tat-Tobba (GMA), Dr. Robert Sciberras, nhar is-Sibt 11 ta' Marzu, fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, ippreżenta magna tat-testijiet tal-qalb, ECG, lil Fr. Raymond Portelli min-Nadur. Dan il-qassis li qiegħed jaħdem fil-missjoni l- Peru' din is-sena laħaq ukoll tabib biex ikun jista' jagħti servizz dejjem aħjar lin-nies tiegħu. L-ideja tal-preżentazzjoni kienet ta' membru tal-GMA, Dr. S. Galea, li kienet approvata unanimament mill-kumitat. Il-kumpanija *Technoline* ukoll tat is-sehem tagħha billi pprovdiet il-magna tal-ECG bi prezz ridott. Fr. Portelli min-naħa tiegħu irringrazzja lil-GMA u kull min kien involut f'din l-ideja. Hu qal li din il-magna se jsibha utli ħafna f'xogħlu fil-missjoni. Hu maħsub li fil-futur, il-GMA tibqa' tgħin lil dan il-kollega b'kull mezz possibbli. Il-*Gozo Medical Association* (GMA) hi assoċjazzjoni li tħaddan fiha t-tobba kollha li jaħdmu Għawdex. Din tinkorpora speċjalisti u tobba tal-familja li jaħdmu l-isptar, fil-polikliniċi u anke fis-settur privat. L-Għaqda twaqqfet tnax-il sena ilu bil-għan li tieħu ħsieb l-edukazzjoni kontinwa tat-tobba f'Għawdex. Għal dan l-iskop torganizza *lectures* u *seminars* minn speċjalisti kemm lokali kif ukoll barranin.

## L-Isqof Grech iżur diversi ċentri soċjali fin-Nadur

L-Isqof Mario Grech bejn it-13 u l-15 ta' Marzu, żar il-parroċċa tan-Nadur bħala parti mis-sensiela ta' żjajjar fraterni li l-Isqof għamel fil-parroċċi tad-Djoċesi Għawdxija. Matul iż-żjara tiegħu, l-Isqof żar diversi entitajiet u assoċjazzjonijiet fosthom il-Kunsill Lokali, il-Banda Mnarja, l-Iskola Primarja Dun Salv Grima, il-każini tal-partiti politiċi u r-Radju Luminarja. Iż-żjara tiegħu kkulminat fil-Quddiesa Pontifikali li saret fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Matul din il-quddiesa, l-Isqof Grech stieden lill-kongregazzjoni sabiex tesprimi s-solidarjetà tagħha lejn l-Isqof Magro ta' Benghazi li l-bini ta' mal-knisja tiegħu ġarrab ħsara sostanzjali waqt attakki vjolenti. Missier l-Isqof Magro kien twieled in-Nadur. Waqt il-quddiesa l-Isqof Grech għammed żewġ bniet u żewġ subien.



*L-Isqof Grech jidher jgħammed lil Maria, ir-raba' wild ta' Edward u Christine Scerri min-Nadur, matul iż-żjara fraterna.*

## Żjara ta' l-Isqof Mario Grech fis-Sezzjoni tad-Distribuzzjoni ta' l-ilma fix-Xewkija

Waqt iż-żjara pastorali ta' 3 ijiem li l-Isqof Mario Grech kien qiegħed jagħmel fil-Parroċċa tax-Xewkija, nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu, ħa l-okkażjoni u ltaqa' mal-ħaddiema tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, Sezzjoni tad-Distribuzzjoni. Mons. Isqof ġie milqugħ minn Lorrie Saliba, il-persuna responsabbli minn din is-sezzjoni. Waqt din il-laqgħa li damet fuq siegħa l-Isqof Grech iltaqa' personalment mal-ħaddiema kollha waqt riċeviment li sar għall-okkażjoni. Fl-aħħar ta' din il-laqgħa, waħda mill-ħaddiema għan-nom tal-ħaddiema kollha ta' din is-sezzjoni ppreżentat lill-isqof rigal ta' tifkira. Preżenti kien hemm ukoll l-inġinier Charlie Camilleri, Maniġer tal-WSC f'Għawdex.



*Mons. Isqof Grech juri r-rigal ta' tifkira lill-ħaddiema.*

## Żjara liċ-Ċentru ta' l-Università - fergħa ta' Għawdex - mill-Prim Ministru



*Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi akkumpanjat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono jidher jitkellem mal-Professur Lino Briguglio permezz tas-sistema ta' Video Conferencing.*

Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi akkumpanjat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu żar iċ-Ċentru ta' l-Università li jinsab fi Triq l-Mġarr, Xewkija. Hawnhekk bħalissa qed isiru korsijiet għall-istudenti għawdxin li jridu jkomplu l-istudji tagħhom f'livell terzjarju. Korsijiet li huma ffinanzjati mill-*European Social Funds*. Korsijiet li jinkludu studji dwar l-Agrikultura, dwar il-Kummerċ, l-Ekonomija u l-Informatika kif ukoll dwar l-Ippjanar u l-Immaniġġjar ta' l-Ambjent. Fil-ħin li l-Prim Ministru żar dan iċ-Ċentru ta' l-Università, kien qed isir *lecture* permezz ta' *video conferencing*. F'kelmtejn, il-Prim Ministru enfasizza l-importanza ta' l-iżvilupp fil-qasam ta' l-informatika u dwar il-ħtieġa li aktar żgħażagħ jitħarrġu f'dan is-settur.



*Il-Prim Ministru flimkien ma' Saviour Formosa, lecturer fiċ-Ċentru ta' l-Università għal Għawdex, waqt waħda mil-lezzjonijiet konnessa ma' "Islands and Small States".*

## Wirja ta' Statwi u Xbihat tal-Ġimgħa l-Kbira

Fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex l-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira, bejn is-Sibt 11 u l-Ħadd 19 ta' Marzu, tellgħet wirja ta' statwi u xbihat marbutin mar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa, li nfetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech.

F'din il-wirja wieħed seta' jara xogħol fit-terrakotta ta' Joe Camilleri; Duluri antika, kollezzjoni privata, restawrata minn Frank Cassar ; Ġuda jtemm hajtu; Pietru anzjuż biex jara kif ser jispiċċa l-proċess ta' l-Imgħallem; quddiem Qajfa u s-Sinedrin; Ġesù għand Anna, xogħol ta' l-artist Charlie Camilleri; Ġesù Redentur; Ġesù Nkurunat bix-xewk; Iċ-ċaħda ta' San Pietru, xogħol maħdum minn Joe Cutajar Zahra; Sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira magħmula mit-tafal, xogħol Nazzarenu Gauci; Is-Seba' duluri ta' Marija Santissima, xogħol fit-tafal ta' Chris Ebejer; id-Difna ta' Ġesù, xogħol Rodrick Busuttil; Ġesù fi ħdan Ommu Marija, xogħol George Attard; u fost l-oħrajn, kwadri; Kurċifiss; Wiċċ ta' Kristu; L-aħħar Ċena u Kristu Rxoxt.









*Ritratti: 1. George J. Cassar, president tal-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira, jidher juri d-diversi xogħlijiet esebiti fil-Wirja lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. 2. L-Artist Charlie Camilleri jidher juri xi xogħlijiet esebiti minnu fil-Wirja lill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. 3 u 4. Diversi xogħlijiet konnessi mal-Ġimgħa l-Kbira, li kienu esebiti fil-Wirja.*


gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

## Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħelsien f'Għawdex



*Uħud minn dawk preżenti għall-programm mużikali ta' Jum il-Ħelsien.*

Jum il-Helsien ġie ċċelebrat ukoll f'Għawdex, b'attività ppreseduta mill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu. Il-kommemorazzjoni ta' jiem sinifikanti fl-istorja ta' pajjiżna, fosthom Jum il-Helsien, minn din is-sena żvolgiet b'mod differenti bil-ħsieb li tkun iktar ta' attrazzjoni għall-Għawdxin u dawk kollha fi gżiritna f'dawn il-jiem. L-attività kienet tinkludi programm mużikali mill-Banda tal-Pulizija fi Pjazza Indipendenza, (It-Tokk) Victoria li beda fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-programm offra għażla sabiħa ta' siltiet melodjużi li ntlaqgħu tajjeb mill-pubbliku preżenti. Waqt din l-attività, inqrat wkoll poeżija kommemorattiva miktuba għall-okkażjoni mill-Kav. Joe M Attard. Din l-attività ġiet ippreżentata lill-pubbliku mill-Kumitat Organizzattiv Kultura (Ministeru għal Għawdex).

## Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fi tliet lokalitajiet Għawdxin

Fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fil-Gżejjer Maltin, nhar is-Sibt 11 ta' Marzu, fejn jidħol Għawdex, il-Partit Laburista kiseb żieda fil-persentaġġi tal-voti mixħuta fil-lokalitajiet ta' Sannat u r-Rabat Għawdex. Mill-banda l-oħra l-Partit Nazzjonalista żied il-voti fir-raħal tal-Għarb. Fir-Rabat il-Partit Nazzjonalista tilef kunsillier li ntrebaħ mill-Partit Laburista. Hekk ukoll f'Sannat il-kunsillier li tilef il-Partit Nazzjonalista mar għand l-Alternattiva Demokratika.

F'dawn l-elezzjonijiet ġew ikkonfermati bħala Sindki, għall-Partit Laburista, għas-Sannat Carmel Camilleri, Waqt li għall-Partit Nazzjonalista, għar-Rabat Għawdex ġie elett għall-ewwel darba Robert Tabone, u David Apap ikkonfermat mill-ġdid fir-raħal tal-Għarb.

Il-Kunsill tar-**Rabat, Għawdex** issa hu ffurmat minn tliet kunsillieri tal-Partit Laburista u erba' għall-Partit Nazzjonalista. Hawnhekk il-voti reġistrati kienu ta' 5, 456. Voti mitfugħa: 3,899; voti validi: 3,550; voti invalidi: 349. Il-kwota kienet ta' 444. Il-P.N. ġab 58.3 fil-mija, total ta' 2,070 vot, waqt li l-MLP ġab 1,480 vot, li jfisser 41.7 fil-mija.

Eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista: Tabone Robert 493; Galea Pace Victor 472; Schembri Josef 454; Tabone Marcell 378. F'isem il-Partit Laburista: Debrincat Joseph 479; Cassar Josephine 437; Buttigieg Michael 288.

Il-kandidati l-oħra fl-ewwel għadd ġabu: Għall-Partit Nazzjonalista: Theuma Carmel 130 u Zammit Anton 143.

Għall-Partit Laburista: Vella Muskat Keith 276.

Hawnhekk, il-Partit Nazzjonalista waqt li żamm il-maġġoranza tal-voti, naqqas kunsillier li mar għand il-Partit Laburista.

F'**Sannat** il-Kunsill Lokali issa hu ffurmat minn tliet kunsilliera tal-Partit Laburista, wieħed f'isem il-Partit Nazzjonalista u l-ieħor f'isem l-Alternattiva Demokratika. F'dan ir-raħal ta' Sannat votanti reġistrati kien hemm 1,499. Ħarġu jivvutaw 1,115. Voti validi 1,087 waqt li 28 vot kienu invalidi. Il-kwota hawnhekk kienet ta' 182 vot. Il-Partit Nazzjonalista ġab 283 vot li jfisser 26.0 fil-mija; il-Partit Laburista 683 vot, jiġifieri 62.8 fil-mija waqt li l-Alternattiva Demokratika ġabet 122 vot, li jfisser 11.2 fil-mija tal-voti.

Eletti għall-Partit Laburista: Camilleri Carmel 330; Mercieca Anthony 148; u Joseph Grima 122. Għall-Partit Nazzjonalista Tabone Manuel 137 u għall-Alternattiva Demokratika John Michael Mizzi b'122 vot.

Il-kandidati l-oħra ġabu fl-ewwel għadd: għall-Partit Nazzjonalista: Bajada Joseph 95; Terribile Wally 50. Għall-Partit Laburista: Said Margaret 41; Zammit Sharon 42.

Hawnhekk il-Partit Nazzjonalista naqqas kunsillier. Il-Partit Laburista żamm il-maġġoranza ta' tlieta minn ħames kunsillieri. L-Alternattiva Demokratika tellgħet kunsillier, l-ewwel wieħed f'Għawdex minn mindu ilhom isiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

Fl-**Għarb** il-formazzjoni tal-Kunsill Lokali hi magħmula minn tliet kunsilliera f'isem il-Partit Nazzjonalista u tnejn f'isem il-Partit Laburista. Il-kwota f'din il-lokalità kienet ta' 120 vot. Voti reġistrati kienu 1,034. Intefgħu 759, li minnhom 715 kienu validi u 44 vot invalidu. Il-Partit Laburista hawnhekk ġab 211, jiġifieri 29.5 fil-mija tal-voti waqt li l-Partit Nazzjonalista ġab 504 vot, li jfisser 70.5 fil-mija. F'din il-lokalità il-Partit Nazzjonalista żamm il-maġġoranza u n-numru ta' kunsillieri li kellu fl-elezzjoni tas-sena 2003.

Eletti kienu, għall-Partit Nazzjonalista: Apap David 342; Cassar Raymond 105; u Carmen Vella 57. Waqt li għall-Partit Laburista ġew eletti Agius Dimitrius 128 u Camilleri Sunta 38.

Il-kandidat li ma ġiex elett u li kkontesta f'isem il-Partit Laburista, Portelli Eugenio ġab 45 vot fl-ewwel għadd.

## Kunsilliera Eletti fir-Rabat, Għawdex



*F'ordni alfabetiku: Buttigieg Michael, Cassar Josephine, Debrincat Joseph, Galea Pace Victor, Schembri Josef, Tabone Marcell, Tabone Robert.*

## Kunsilliera Eletti f'ta' Sannat





*F'ordni alfabetiku: Camilleri Carmel, Grima Joseph, Mercieca Anthony, Mizzi John Michael, u Tabone Manuel.*

## Kunsilliera Eletti fl-Għarb



*F'ordni alfabetiku: Agius Dimitrius, Apap David, Camilleri Sunta, Cassar Raymond, u Carmen Vella.*



## Jum il-Premjazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Qala



*Andrea Schwaiger, tifla li tattendi t-tielet sena tidher tippreżenta bukkett ward lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.*

Nhar il-Ħamis, 23 ta' Marzu, fl-Iskola Primarja 'President Anton Buttigieg' tal-Qala, saret iċ-ċerimonja ta' Jum il-Premjazzjoni. It-tfal tal-*kindergarten*, ta' l-ewwel u tat-tieni sena rreċtaw u kantaw 'Aħna l-Koki'. It-tfal tat-tielet u tar-raba' sena ħadu parti attiva fil-Kor ta' l-Iskola. Filwaqt li dawk li jattendu r-raba'. Il-ħames u s-sitt sena tellgħu *musical* bl-isem ta' *'The Goblin Next Door'*. Fost dawk li ppreżentaw kotba lit-tfal li marru l-aħjar fl-istudji tagħhom, kien hemm il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.



*Mumenti waqt il-musical 'The Goblin Next Door'.*


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Kummentarju



# Żmien il-Kaċċa

minn DUN ANTON DIMECH

**April jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa tal-gamiem u tas-summien. Huwa żmien ta' kontroversji u argumenti. Imma jibqa' żmien sabiħ kemm għal ħarġa fil-kampanja u kemm għall-kaċċaturi. Dawn ikun ilhom xhur twal joħolmu ż-żmien tal-kaċċa u għalhekk ma ttihomx tort jekk jitilfu il-boxxla meta xi ħadd ifixkel il-pjan li ikunu għamlu għal dan l-istaġun. La tkun dilettant, l-istaġun qasir u kaċċa skarsa, tiġġennen jekk tkun dilettant. Iktar u iktar meta tkun ġbart il-'leave' kollu għal April u Mejju.**

Dawn huma fatti veri. Iżda ż-żmien u l-kundizzjonijiet li ninsabu fihom titqanqal mistoqsija valida. Kemm nistgħu nibqgħu neqirdu t-tajr li jgħaddi minn fuq gżiritna? Kulħadd għandu d-dritt li joqtol kemm irid?

Verament li l-bniedem huwa min-natura tiegħu kaċċatur. Il-primittivi kienu jiksbu x'jieklu billi jikkaċċjaw annimali, tjur jew ħut. Dak li jirnexxilek taqbad ikun tiegħek. Iżda llum id-dinja żviluppat u bil-progress li sar fl-armi u t-teknika tal-kaċċa qed issir qerda wisq kbira, tant li ftit mit-tajr li jiġi jżurna jirnexxilu jibqa' sejjer qawwi u sħiħ.

Fuq kollox it-tajr qed jonqos ħafna mad-dinja kollha. Dan minħabba li naqas ferm l-abitat fejn ibid billi ħafna foresti fl Ewropa nqerdu. Barra minnhekk qed jintuża ħafna bexx u pestiċidi li jeqirdu d-dud biex jitħarsu l-uċuħ. Jiġri li t-tajr ma jsibx biżżejjed insetti biex jiekol u jitma' lill-frieħ. Allura anki l-frieħ li jieklu dud kontaminat bil bexx imutu wkoll. Dan qed inaqqas drastikament il-kwantità ta' tajr tal-passa u bir-raġun kollu l-gvernijiet qegħdin jaraw x'jista' jsir biex il-passa tat-tajr ma ssirx storja ta' l-imgħoddi. Żgur li ħadd ma jixtieq li t-tajr jinqered għal kollox.

Kumment żgħir fuq it-tajr tal-priża. Dan huwa protett bil-liġi ta' l-istat għax mhux biss qed jonqos minħabba r-raġunijiet li semmejt, iżda lanqas jittiekel. Allura nħalluh isebbaħ l-ambjent naturali u jgawdih kulħadd. Niftakru li min mhux dilettant tal-kaċċa għandu d-dritt li jitgħaxxaq b'dan it-tajr li jsebbaħ l-ajru meta taraħ iħuf ma' l-ixfra ta' l-għoljiet u fuq is-siġar fil-widien. Fl-aħħar mill-aħħar, x'gost tieħu toqtol tajra li ma tiekolhiex? Din mhix kaċċa, iżda vandaliżmu. Alla ħalaq it-tajr u l-annimali għal kulħadd u għalhekk ħadd m' għandu jippretendi monopolju li jiddomina kif u kemm irid, bla kontroll.

Il-ġmiel ta' l-ambjent naturali, kemm dak veġetattiv kif ukoll id-dinja ta' l-annimali juri l-kobor u l-ġmiel tal-Moħħ Divin li ħalqu u tah ordni meraviljuż biex jeżisti. Kull bniedem għalhekk għandu d-dritt li jgawdi dan il-ġmiel maħluq għalina lkoll. Għalhekk li toqtol bla raġuni huwa abbuż kontra l-liġi fundamentali tal-preservazzjoni ta' l-ambjent naturali u ħadd ma jista' jabbuża għad-dannu ta' ħaddieħor.

Għalkemm sal-lum li qed nikteb dawn il-kummenti għad m'hawnx restrizzjonijiet speċjali fuq il-kaċċa minħabba l-influwenza tat-tajr u il-virus **H5N1**, għajr dwar il-kaċċa fuq il-baħar, għandna nkunu lkoll disposti li nosservaw id-direttivi li jistgħu jinħarġu minn żmien għal żmien. Ma nistgħux inżommu t-tajr milli jersaq lejn artna, imma nistgħu ma nersqux lejn il-periklu.

Fil-waqt li nissimpatizzaw mal-kaċċaturi għax nifhmu l-ġenn li jaqbadhom f'April, nixtiequ li dawn juru sens ikbar ta' responsabbiltà u jkunu lesti jirrispettaw kull liġi bħala poplu matur. Għall-gosti ta' ftit persuni m'għandux jiġi ssagrifikat il-ġid komuni.

# FEHMET IL-QARREJJA

## Tislima lill-Papa Ġwanni Pawlu "l-Kbir"

*Għaddiet sena mill-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II u xtaqt nagħmel din ir-riflessjoni dwar din il-persuna mudell għalija. Minkejja li niftakar iż-żewġ papiet ta' qablu, Ġwanni Pawlu l-Kbir serva fil-pontifikat ħafna iżjed minnhom u nista' ngħid li jien bħal miljuni ta' individwi madwar id-dinja kristjana kbirna miegħu. Dan il-Papa ser jibqa' mfakkar bħala papa li verament wassal il-Vanġelu ma' l-erba t'irjieħ tad-dinja u pprattika dak li ppriedka sa' l-aħħar nifs, speċjalment bi tbatija liema bħala minħabba l-marda kiefra li sofra.*

*Kemm kienet fortunata l-ġenerazzjoni tiegħi li kellha papa hekk kbir! Verament ħassejt it-telfa tiegħu sena ilu bħal kulħadd. Iżda, ma tantx tirrejalizza l-kobor ta' persuna u l-influwenza pożittiva tagħha fuq ħajtek qabel ma titlifha. Illum, sena wara, inħares lura u nirringrazzja f'qalbi lil Alla li tana lill-Papa Ġwanni Pawlu l-Kbir. Inħares lejn il-ġurnata meta aħna l-Għawdxin inlestu l-monument f'ġieħu u meta l-Knisja Universali tiddikjarah qaddis.*

**Dr. Raymond C.Xerri**
**( Qala)**

## L-Edizzjoni tal-Għid tal-"Gozo International Celebration"

*Smajna mill-ħbieb li attendew l-Edizzjoni tal-Milied tal-"Gozo International Celebration" fejn ħadu ħafna gost. Għal din l-edizzjoni ġejt mal-familja tiegħi minflok mal-ħbieb tagħna, u ma jiddispjaċini xejn. Difatti, minkejja li l-avveniment kien primarjament indirizzat għall-barranin li jgħixu f'Malta u Għawdex, hemm bżonn ta' aktar mill-poplu tagħna jattendu servizzi bħal dawn u jiftħu moħħom għal reliġjonijiet oħra. Kienet esperjenza meravilja, grazzi lill-korijiet tal-Qala, il-Banda Brass, lill-organista s-Sur Portelli u lis-sopran Ruth Portelli. Grazzi wkoll lill-Arċipriet tal-Qala Fr. Joe Zammit ta' l-ospitalità. Prosit tassew!*

*Fi knisja hekk sabiħa minn ġewwa u barra minn kull aspettt, imbullata bin-nies ta' kull ġens u reliġjon, u b'serata mużikali liema bħala, ħassejtni nattendi xi servizz reliġjuż f'xi belt metropolitana. Indunajt li ma għamiltx "time-warp" għall-futur, iżda konna f'Għawdex tal-2006. Verament il-Qala qiegħda tipprepara għall-futur tas-soċjetà tagħna. Kien hemm bżonn li parroċċi oħra madwar Malta jorganizzaw attivitajiet simili. Ħadna gost niltaqgħu mal-Isqof ġdid ta' Għawdex, Mons. Mario Grech. Kienet esperjenza unika!*

**Marita Attard**
**(Mellieħa)**

## Prosit għar-Rivista... Artikli Interessanti

*Grazzi ħafna tar-rivista sabiħa tagħkom. Kemm verament ħadt gost naqra l-artikli tal-ħarġa speċjali ta' Frar 2006 (Nru. 876), speċjalment l-artiklu dwar it-tfulija ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, miktub minn Joe Grima, B.A. Għalkemm jien ngħix Malta, kull xahar insib artikli verament interessanti. Nixtieqilkom ħidma fejjieda u fit-tul!*

**Carmen Lia**
**(Żabbar)**

*Grazzi ħafna tal-ktieb li bgħattli tal-Viżti tas-Seba' Knejjes kif ukoll tat-Talba lil Ġesù Kurċifiss. Irrid ngħidlek ukoll prosit tar-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex"; għalkemm jien minn Malta, il-qari li jkun fiha jinteressani u nieħu pjaċir naqra l-artikli li jkun fiha. Qegħda nibgħatlek offerta żgħira għall-ispejjeż tal-istampa. Jalla tkomplu tagħtuna rivista mimlija informazzjoni u tagħlim serju.*

**Loretta Spiteri**
**(Gudja)**

*Qegħda nibgħat din l-offerta tiegħi bħala donazzjoni għar-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex". Jiena nkun nistennieha ta' kull xahar, u naqraha b'gost minn qoxra sa qoxra. Hija mqassma u varjata tajjeb ħafna, u żgur li lilna l-Għawdxin tagħmlilna unur. Rivista interessanti ħafna u informattiva. Tajjeb li jaqraha kulħadd, hawn Għawdex.*

*L-Għid it-Tajjeb u Grazzi.*

**Nancy Galea**
**(Xagħra)**

L-INTERVISTA

*L-għoti ta' partijiet minnek lil ħaddieħor wara mewtek.*

# "ĠEST NOBBLI TA' MĦABBA" - Il-Papa

## Francesco Pio Attard jintervista lil Dione Caruana, segretarju tal-fergħa Għawdxija tat-*"Transplant Support Group"*

It-*Transplant Support Group* jaħdem biex jippromovi l-għoti ta' l-organi u jissapportja lid-donaturi, il-pazjenti u l-familji tagħhom, ilkoll imdaħħlin f'din l-opra kbira ta' ġenerożità. Wara ħames snin mit-twaqqif tiegħu, minn sentejn 'l hawn għandu wkoll f'Għawdex. Tkellimna ma' Dione Caruana, is-segretarju "enerġetiku" ta' din is-sezzjoni, li tana d-dettalji kollha fuq il-ħidma tal-grupp.

**1. Issa l-fergħa Għawdxija tat-"Transplant Support Group" qiegħda fit-tieni sena ta' ħidma tagħha. Imma mhux kulħadd f'Għawdex hu konxju mill-ħidma ta' dan il-grupp u x'ifisser trapjant ta' l-organi, jew qatt sema' bir-Reġistru Nazzjonali tad-Donaturi. Filfatt, xi bżonn hemm ta' dan il-grupp?**

It-*Transplant Support Group* f'Malta ġie mwaqqaf nhar id-9 ta' Mejju 2000 minn xi persuni li rċivew trapjant ta' xi organu. Il-fundatur u president huwa Alfred Debattista, li kien sarlu trapjant ta' qalb ta' donatur żagħżugħ Għawdxi f'Awwissu 1999. Il-kumitat f'Malta huwa magħmul minn seba' persuni li lkoll kemm huma rċivew xi trapjant ta' xi organu, bħall-qalb, il-kliewi jew corneas. U t-*Transplant Support Group* twaqqaf minn dawn il-persuni għall-istess motiv.

Erbgħa huma l-għanijiet tal-grupp: li nunuraw il-memorja tad-donaturi mejtin tagħna u nżommu kuntatt ma' qrabathom – dan aħna nħossuh importanti ħafna, u kontinwament infittxu li nkunu ta' sapport għall-familjari u nfakkru d-donaturi mejtin b'quddies; li ninkuraġġixxu u nedukaw l-opinjoni pubblika biex aktar persuni jirreġistraw bħala donaturi ta' l-organi fuq ir-Reġistru Nazzjonali tad-Donaturi, biex wara mewthom jintużaw għat-trapjanti; li nikkollaboraw ma' l-awtoritajiet lokali tas-saħħa (li tagħhom għandna l-għarfien u l-appoġġ) kif ukoll ma' għaqdiet kostitwiti oħra li għandhom għanijiet simili għal tagħna; li norganizzaw attivitajiet reliġjużi, soċjali u oħrajn (inkluż *fund-raising*) għall-ġid tal-membri u l-familjari tagħhom.




*Mons. Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar isqof ta' Għawdex, fil-quddiesa ta' l-inawgurazzjoni tas-sezzjoni Għawdxija, nhar it-23 ta' Mejju 2004.*

**2. F'Malta ilu jeżisti żmien twil dan il-grupp. Għaliex fis-sena 2004 inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf sezzjoni Għawdxija? Filfatt kif bdiet il-ħidma tagħkom f'Għawdex? U min jista' jissieħeb mal-grupp?**

Kienet ix-xewqa ta' l-istess president Alfred Debattista li fil-gżira Għawdxija tinħoloq sezzjoni biex barra li titkompla titkabbar kuxjenza favur li aktar persuni jirreġistraw isimhom fir-Reġistru Nazzjonali tad-Donaturi, inkunu nistgħu nagħtu servizz aħjar lill-membri Għawdxin, pazjenti oħra u kulmin ikollu bżonn l-għajnuna tagħna. Kien għalhekk li ġiet inawgurata uffiċjalment is-sezzjoni Għawdxija fit-23 ta' Mejju 2004, fil-kwartieri tal-Leġjun ta' Marija, il-belt Victoria, b'quddiesa kkonċelebrata mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar isqof ta' Għawdex.

Il-fergħa Għawdxija, dejjem b'kollaborazzjoni mal-grupp ta' Malta, hi magħmula minn Dr M.V. Masini (*chairperson*), Dione Caruana (segretarju), Ruben Formosa (PRO) u Dun Joseph Cardona bħala d-direttur spiritwali. Ta' min irodd ħajr lill-Kan. Joseph Mejlak li kien ukoll id-direttur spiritwali ta' l-istess grupp u għen biex ikun jista' jinħoloq dan il-grupp waqt li għadu membru tiegħu.

Jistgħu jissieħbu magħna dawk kollha li rċivew xi tip ta' trapjant jew li qegħdin jistennew trapjant ta' xi organu, kif ukoll dawk kollha li qegħdin jirċievu kura ta' dijalisi fir-Renal Unit jew b'CAPD fi djarhom. In-numru ta' membri rreġistrati fi ħdan il-grupp issa jammonta għal madwar mija u disgħin, sbatax minnhom minn Għawdex.



*Membri tal-kumitat ta' Malta u dak ta' Għawdex nhar l-inawgurazzjoni tas-sezzjoni Għawdxija.*

Il-grupp tagħna għandu wkoll rabtiet ta' kollaborazzjoni ma' korpi oħra li b'xi mod jaħdmu għal għanijiet simili għal tagħna, fosthom id-*Dorthese Ellis Foundation* li minbarra li tgħin lill-pazjenti fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex tgħin lil dawk li jattendu fir-*Renal Unit* ta' Għawdex, il-*Lifecycle Organization* li tipprova tiġbor fondi għal pazjenti li regolarment jirċievu kura għall-mard tal-kliewi, u l-*Lions Club* li kien minn ta' quddiem biex f'Malta jippromovi r-reġistrazzjoni ta' għoti ta' organi, kampanja li l-grupp tagħna kabbar f'dawn l-aħħar snin. Ta' min iżid li issa l-grupp qed jikkollabora wkoll mal-*Friends of David Cluett* Foundation li twaqqfet m'ilux. Is-sezzjoni Għawdxija tat-*Transplant Support Group* hi wkoll affiljata ma' l-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin (NGO).

**3. Kulħadd hu eleġibbli li jirreġistra ruħu biex iħalli l-organi tiegħu wara mewtu? Biex jagħmel hekk irid jimla d-*donor card*, le? X'inhi din u kemm hi meħtieġa wara kollox? U ladarba jkun intrabat jista' jmur lura mill-kelma tiegħu?**

Id-*donor card* hi dikjarazzjoni fejn wieħed jagħti l-kunsens biex xi partijiet tal-ġisem jew kull parti tiegħu tkun tista' tintuża għall-kura ta' l-oħrajn. Fiha jkun hemm xi dettallji importanti fuq il-persuna. Għandha dejjem tinġarr fuq l-individwu. Id-*donor card* tagħti aktar għajnuna lill-awtoritajiet tas-saħħa biex f'każ li jkun hemm possibbiltà ta' trapjant ma jintilifx ħin prezzjuż u jkun aktar faċli għall-familjari tad-donatur mejjet biex jagħtu l-kunsens. Imma dejjem il-familjari jkunu jridu jagħtu l-kunsens huma. Dak li tagħmel id-*donor card* hu li tesprimi x-xewqa li l-individwu jkun stqarr f'ħajtu li jħalli l-organi għal ħaddieħor wara mewtu. Id-dettallji tal-persuna jitniżżlu fir-Reġistru Nazzjonali tad-Donaturi, fid-Dipartiment tal-Kura Intensiva li hemm fl-isptar San Luqa, f'Malta. Aħna nagħmlu enfasi kbira biex wieħed jaqra sew il-fuljett li nqassmu qabel jagħmel id-deċiżjoni tiegħu u jimla l-formola. Kull informazzjoni li tingħata tinżamm kunfidenzjali. Importanti ħafna li wieħed dejjem iżomm fuqu l-*card* u jinforma lill-qraba tiegħu b'din id-deċiżjoni. Dan ħalli huma stess isibuha aktar faċli li jagħtu l-permess lit-tobba wara l-mewt tal-persuna.

Iva, kulħadd jista' jħalli l-organi tiegħu għal trapjant. Bażikament m'hemm l-ebda età fissa biex wieħed jista' jimla d-*donor card*, għaliex kull persuna tiġi eżaminata individwalment. Imma aħjar li wieħed ikun għalaq it-tmintax-il sena ħa jkun rabba ċerta maturità, li fl-aħħar tgħinu jieħu deċiżjoni. Dejjem, imma, l-individwu jrid jgħarraf lill-ġenituri jew qraba tiegħu bid-deċiżjoni. F'kull ħin wieħed ikollu d-dritt li jibdel id-deċiżjoni tiegħu u jneħħi ismu mir-reġistru. Wieħed jista' faċilment jakkwista fuljett u d-*donor card* kemm mingħand is-sezzjoni Għawdxija u kemm mid-dipartiment ta' l-ispiżerija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**4. Allura x'jiġri eżatt mill-organi tal-persuna wara li din tmut? Xi proċess jinvolvi trapjant?**

Ġeneralment meta xi persuna tkun mietet u jkun hemm il-possibbiltà ta' donazzjoni, isiru l-eżamijiet neċessarji minn tobba speċjalizzati ħalli jiċċertifikaw il-mewt tal-pazjent.

Il-familjari li jkunu taw il-kunsens tagħhom jiġu assigurati li l-ġisem tal-mejjet tagħhom sa jiġi mogħti d-dinjità li tixraqlu. Għalhekk jiġu infurmati li l-ġisem sa jiġi ttrasferit fis-sala ta' l-operazzjonijiet u jkun assistit mill-magna tan-nifs artifiċjali; l-operazzjoni ssir minn tobba speċjalizzati fil-qasam u jiġi żgurat li waqt li jittieħdu l-organi jittrattaw il-ġisem bl-akbar qima u rispett; jiġi żgurat li jsiru l-punti minfejn ikunu ġew imneħħija l-organi, tant li ma jifdal l-ebda sinjal li l-organi jkunu ttieħdu; fil-ħin li jkun qed isir l-intervent ġeneralment ikun hemm ukoll il-preżenza ta' saċerdot jassisti bit-talb; ikun hemm bżonn li jsiru xi testijiet importanti fuq il-ġisem biex jiġi żgurat li l-organi jkunu jistgħu jingħataw lil ħaddieħor mingħajr ebda problemi; fl-aħħarnett għandhom ikunu rringrazzjati u jħossuhom sodisfatti li bid-deċiżjoni tagħhom għenu lil ħaddieħor fil-bżonn biex jgħix kwalità ta' ħajja aħjar.

Il-partijiet mill-ġisem tal-persuna mejta li jistgħu jintużaw għall-kura ta' l-oħrajn huma l-qalb, il-pulmuni, il-fwied, il-frixa, il-kliewi u l-kornea, fost oħrajn.

**5. Veru li wieħed jista' jagħti xi organi anki meta għadu ħaj?**

Iva. Filfatt fiż-żminijiet tal-lum, barra li l-organi jistgħu jittieħdu wara l-mewt, jiġifieri meta l-persuna tiġi ċċertifikata *brain stem dead* u wara li jkun sar eżami apposta minn nies speċjalizzati, ċerti organi bħall-kilwa jistgħu jingħataw lil ħaddieħor waqt li l-persuna tkun għadha ħajja. Huwa stat ta' fatt li persuna b'kilwa waħda tista' tkompli tgħix ħajja normali. Meta xi membru tal-familja jasal biex jiddeċiedi li jgħin lil xi membru ieħor tal-familja, dan isir donatur, u jista' jsir trapjant wara li jsiru ċerti testijiet mediċi u anki preparazzjoni tajba f'dawk li huma valuri morali etiċi, psikoloġiċi u anki xi forma ta' *counselling*. Hemm żewġ tipi ta' donaturi: donatur lil membri tal-familja bħalma huma l-aħwa, l-omm u l-missier, u l-ulied (*Living Related Transplant*); donatur lil jiġi mill-pazjent mill-qrib, bħal f'każ ta' koppja, partner jew ħabib tal-qalb (*Living Unrelated Transplant*). M'għadniex xi ngħidu li l-affarijiet jieħdu kemm kemm fit-tul minħabba l-preparazzjoni li trid issir, bħal testijiet tad-demm utli li jridu jsiru qabel ma jkun jista' jsir l-intervent. Jekk wieħed jiddeċiedi li jgħin lil xi membru tal-



*Alfred Debattista, fundatur u president tat-Transplant Support Group.*

familja jrid jiġi assigurat minn qabel li m'hemm l-ebda forma ta' profitt jew favur, għax inkella dan ikun isir b'qerq u mhux b'sens ta' ġenerożità Kristjana, u jkollu jitwaqqaf il-proċess. Il-*Human Organ Transplant Act* ta' l-1989 (UK) jintuża bħala gwida biex jiġi żgurat li l-proċess ikun konformi mal-liġi.

**6. Huwa minnu li l-akbar numru ta' membri fi ħdan il-grupp hu ta' dawk li jattendu għall-kura fir-*Renal Unit*? Għaliex?**

Ħafna mill-membri fi ħdan il-grupp qed jirċievu l-kura tad-dijalisi fid-dar tagħhom jew fir-*Renal Unit*. Dan għax in-numru ta' persuni li jeħtieġu din il-kura sfortunatament qiegħed dejjem jikber, kif qed tikber il-*waiting list* ta' dawk li qed jistennew li xi darba tmisshom ix-xorti li jirċievu kilwa mingħand xi donatur mejjet. Filfatt ħafna minn dawn il-persuni jagħmlu ftit taż-żmien mhux ħażin fuq il-magna tal-kliewi qabel ma jirċievu trapjant. Żgur li n-numru ta' donaturi qatt m'hu biżżejjed. Din il-problema taffettwa nies ta' kull età, u persuna li jmissha x-xorti li tirċievi kilwa żgur li tkun sodisfatta għax ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħha. Ħafna persuni li jkunu fuq din il-kura jistgħu xi darba jirċievu trapjant mingħand xi membru tal-familja, u jekk dan ma jkunx il-każ wieħed ikollu jistenna sakemm jirċivih mingħand xi donatur mejjet li bl-Ingliż jissejjaħ *cadevaric donor*. F'donazzjoni ta' dan it-tip aktarx li d-donatur ikun tilef ħajtu f'xi in'ident ta' traffiku jew b'xi problemi oħrajn, bħal ngħidu aħna *brain haemorrhage* jew *stroke*.

Huwa biss meta jkunu ċerti li l-persuna mietet li t-tobba jibdew jistaqsu lill-familjari fuq il-possibbiltà ta' donazzjoni ta' l-organi.

**7. Żgur li kemm id-donaturi u kemm il-pazjenti jaqsmu magħkom il-biżgħat u l-preokkupazzjonijiet tagħhom, kif jagħmlu l-familjari. Min-naħa l-oħra, hemm sodisfazzjon kbir f'li wieħed jagħmel ġest bħal dan, u dan tarawh b'għajnejkom. X'tgħid l-istess Knisja fuq dan?**

Il-maġġoranza tar-reliġjonijiet tad-dinja huma favur l-għoti ta' l-organi u jqisu dan il-ġest bħala att ta' mħabba u ġenerożità. Il-Knisja Kattolika, fuq quddiem, hi favur din il-kwalità ta' mħabba, dik li wieħed jgħin lil ħaddieħor jikseb kwalità ta' ħajja aħjar permezz tad-donazzjoni ta' l-organi. It-tagħlim tal-Knisja jqis dan l-att bħala etikament u moralment aċċettabli. Anki l-papa Ġwanni Pawlu II, meta fid-29 ta' Awwissu 2000 indirizza kungress internazzjonali f'Ruma bit-titlu *The Transplant Society*, tenna illi "***li wieħed jiddeċiedi li joffri l-organi tiegħu wara mewtu għal ħaddieħor huwa att ta' karità u ġest nobbli ħafna***". Hu kkonkluda b'messaġġ dirett u qawwi lejn is-soċjetà tal-lum biex trawwem fiha sens ta' kultura mibni fuq il-ġenerożità u s-solidarjetà. Huwa kompla jħeġġeġ biex aktar nies, speċjalment iż-żgħażagħ, ikunu ġenerużi u jrawmu fihom sens akbar ta' mħabba lejn ħuthom fil-bżonn billi jagħmlu deċiżjoni favur l-imħabba, dik li jirreġistraw isimhom bħala donaturi.

Il-papa Benedittu XVI ukoll huwa favur id-donazzjoni ta' l-organi u **jiddeskrivi dan il-ġest bħala "att ta' mħabba"**. Fl-4 ta' Frar 1999, meta l-kardinal Joseph Ratzinger ġie intervistat miż-*Zenit International News Agency*, stqarr li huwa kien irreġistra ismu bħala donatur ta' l-organi, għax jaqbel li jħalli l-organi tiegħu wara mewtu għal dawk li jkunu fi bżonn. Ratzinger kompla li dan il-ġest ta' mħabba lejn il-proxxmu fil-bżonn huwa ta' valur kbir għal min hu Kristjan.

**8. Int għidtli li barra li jieħu ħsieb ifittex donaturi u membri ġodda, il-grupp għandu l-għan li jqanqal kuxjenza fuq dan is-suġġett fost l-Għawdxin. Kif qed jagħmel dan u taħseb li din il-kuxjenza tqanqlet biżżejjed fost niesna?**

L-għan prinċipali tal-grupp huwa li nkomplu bil-kampanja tagħna li nedukaw u nkabbru l-għarfien fost il-pubbliku fuq l-għoti ta' l-organi wara l-mewt. Ġeneralment il-grupp jorganizza taħdidiet għall-pubbliku u juża l-mezzi tal-komunikazzjoni, bħalma huma r-radju u t-televiżjoni. Jekk hawn xi għaqdiet jew gruppi li jixtiequ jkunu jafu aktar fuq dan is-suġġett jistgħu jagħmlu kuntatt magħna ħalli nipprovdulhom dan is-servizz. Huwa pjaċir tagħna li nippruvaw nuru kemm huwa ġest sabiħ dak li wieħed iħalli l-organi għal ħaddieħor wara mewtu. Żgur li dak li jirċievi l-organu neċessarju jkun jista' jgħix kwalità ta' ħajja aħjar. Naf li m'hux daqshekk faċli li wieħed jittratta dan is-suġġett, għax hu ftit sensittiv u hemm mistoqsijiet li wieħed ikun jixtieq jagħmel. Imma żgur li meta tiżen u tara l-effett pożittiv li joħroġ minn dan kollu, tasal għall-konklużjoni kemm wieħed għandu japprezza l-ħajja, speċjalment meta tara persuni li għadhom jgħixu bil-ġenerożità ta' min f'ħajtu jkun ta l-kunsens li wara mewtu l-organi jmorru għand ħaddieħor.




Wieħed jista' wkoll isib iktar informazzjoni fuq ir-reġistrazzjoni mill-websajt tagħna www.transplantsupport.com.mt jew billi jibagħtilna email fl-indirizz transplantsupport@onvol.net.

Barra minn hekk wieħed dejjem jista' jikkuntattja lill-president Alfred Debattista (tel: 21 223 026) jew lili direttament (tel: 21 565 604, mob: 99 460 703). Infakkar ukoll fil-fond TSG li ftaħna mal-*Bank of Valletta* (nru 400 143 69302), fejn wieħed jista' joffri għajnuna finanzjarja.




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



# Ix-Xema' tal-Blandun

*Meditazzjoni Biblika-Liturġika minn* ***Mons. Lawrenz Sciberras***



**Wieħed mis-sinjali simbolu marbut anzi ngastat waħda sew ma' żmien l-Għid il-Kbir huwa x-xema'tal-blandun. Din hija dik ix-xema' kbira, ħoxna, għolja u mżejna bil-pittura li tkun qiegħda f'post l-aktar li jidher, aktarx fuq il-presbiterju. Din ix-xema' fiha nfisha trid tgħallem bosta realtajiet, kollha marbutin ma' l-ikbar sollennità li għandha l-Knisja, jiġifieri dik tal-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt. Festa li tibda minn dak il-lejl qaddis u iddum għal ħamsin jum sħaħ. Tifkira li tintemm b'tifkira oħra sollenni, dik ta' nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u fuq il-Knisja.**

**Jekk ix-xogħol partikulari ta' kull xema' huwa dak li tixgħel u ddawwal, mela wisq u wisq aktar huwa dak tal-blandun, jiġifieri li jixgħel u jdawwal u dan għandu jkun f'kull funzjoni liturġika li ssir. Il-blandun huwa simbolu ta' Kristu dawl, mela postu qiegħed hemm biex jixgħel u jdawwal.**

## *Kollox fid-dlam*

Il-blandun qabel ma jsib postu fuq il-presbiterju ssirlu funzjoni kollha kemm hi partikulari għalih u unika matul is-sena liturġika. Dan il-blandun jixgħelu s-saċerdot li jkun ser imexxi l-funzjoni sollenni tal-Velja ta' Sibt il-Għid. F'xi post għalih, forsi wkoll barra mill-istess knisja, ikun hemm in-nar jaqbad. Dan in-nar suppost li jiġi mqabbad billi jħokku ma' xulxin żewġ ġebliet taż-żnied, dawn itajru x-xrar u hekk iqabbdu n-nar. Minn dak in-nar imbagħad jitqabbad il-blandun. Issa ż-żewġ ġebliet taż-żnied iebsin tassew, ifakkru fil-ġebliet kbar li kienu jagħlqu d-daħla tal-qabar fejn Kristu kien qiegħed mejjet.Dan huwa dawl ġdid, dawl li jwassalulna Kristu għaliex issa ħareġ rebbieħ, fuq il-mewt, fuq id-dnub u fuq l-għedewwa tiegħu. Dawl li għandu jakkumpanjana tul is-sena kollha, anzi ħajjitna kollha.

Matul ħajtu, Kristu tana bosta autodefinizzjonijiet. Hekk Kristu qal li kien ir-ragħaj it-tajjeb(Ġw 10). Darb'oħra Kristu għallem li huwa t-triq, il-verità u l-ħajja (Ġw 14,6). Kristu wkoll tkellem minnu nnifsu bħala l-vera dielja u li missieru huwa l-bidwi (Ġw 15,1).Hekk ukoll li huwa l-qawmien u l-ħajja (Ġw 11). Issa darb'oħra Ġesù stqarr li kien id-dawl tad-dinja. Din il-verità Ġesù qalha aktar minn darba f'ħajtu u f'okkażjonijiet sollenni meta jkun hemm miġbura f'Ġerusalemm bosta u bosta pellegrini. Inkella stqarrha wkoll wara li Ġesù għamel xi miraklu, bħal ma kien il-qawmien ta' Lazzru mill-mewt. Hekk qal: "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8,12). Hekk ukoll darb'oħra: "Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja" (Ġw 5, 5). "Jiena hu d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull minn jemmen fija ma jibqax fid-dlam" (Ġw 12,46) Kliem ċar, preċiż, f'waqtu u mimli veritajiet. Tassew li Kristu b'tagħlimu u b'ħajtu wera li huwa d-DAWL tad-dinja.

Għalhekk is-saċerdot jew id-djaknu wara li jkun xegħel il-blandun minn dak in-nar imqabbad mill-ġebel taż-żnied, waqt li jkun fil-ġemgħa u b'leħen għoli u sollenni jkanta għal tliet darbiet: "Id-Dawl ta' Kristu". U n-nies flimkien mal-qassisin jimxu wara l-blandun jaqbad sa riġlejn il-presbiterju. Dan huwa tassew mument sollenni u mimli tifkiriet. U hemm bżonn li n-nisrani jifhem dan kollu, altrimenti jibqa' passiv u ma jieħu ebda tagħlima minn dik il-liturġija tant għonja tal-blandun jixgħel. Kull meta jidħol il-knisja u jara dik ix-xema' sabiħa tixgħel, għandu jiġih dan kollu f'moħħu.

### *Il-mixja fid-deżert*

Kull min hu midħla ta' l-Iskrittura Mqaddsa, u forsi aktar tal-ġrajja tal-ħruġ tal-poplu magħżul minn art il-jasar, qed nirreferi hawn għall-Eġittu, jaf x'ġara waqt li l-poplu kien miexi fid-deżert jaħraq u ħarr tas-Sinaj. Kif Alla ħasbilhom biex kemm matul il-jum kif ukoll matul il-lejl jipprovdilom mezzi fid-direzzjoni t-tajba.(1) ''U l-Mulej binhar kien jimxi quddiehom f'kolonna ta' sħab biex jurihom it-triq u billejl f'kolonna tan-nar biex jagħtihom id-dawl, u b'hekk setgħu jimxu billejl u binhar. U l kolonna tas sħab binhar u l kolonna tan-nar billejl ma kinitx tgħib minn quddiem il-poplu ''(Eż 13, 21-22). (2) ''U n-nies li jgħammru f'din l-art semgħu li inti timxi quddiem f'kolonna ta' sħab binhar u f'kolonna tan-nar billejl'' (Num 14,14).

Issa nafu li fit-Testment il-Qadim għalkemm dan kien kollu veru, però dan kien tip u xbiha ta' realtà vera u ħajja fit-Testment il-Ġdid. Issa għandna tassew il-veru, dak li huwa reali. Dawl fit-T.Q. u dawl tassew fit-T.Ġ. Kolonna fit-T.Q. u Kristu fit-T.Ġ., poplu mixi fit-T.Q. u aħna l-poplu miexi tat-T.Ġ. Ġens li wasal fl-Art Imqaddsa, u aħna li mexjin lejn is-Sema pajjiżna. Għalhekk mela l- blandun tassew li huwa sinjal u simbolu ċar u veraċi tal-preżenza ta' Kristu DAWL tal-bnedmin. U hekk kif is-saċerdot jew id-djaknu jasal fuq il-presbiterju bil-blandun jixgħel f'idejh huwa jqiegħdu fuq il-glandier u mhux biss, imma b'sollennità kbira jdur u jinċensa lil din ix-xema' sabiħa li tirrappreżenta tassew lil Kristu dawl u glorjuż. Imbagħad b'ton l-aktar sollenni jitkanta l-*Exultet*, jew it-tħabbira uffiċjali ta' l-Għid il-Kbir jew tal-Mogħdija tal-Mulej mill-mewt għall-Ħajja.



### *Sinjali oħrajn*

Biss fadal sinjali oħra imqiegħdin fil-blandun li jkomplu jgħajtu li dak huwa tassew simbolu ta' Kristu rebbieħ. Dawn huma l-ħames boċoċ ta' l-inċens li jfakkruna fil-ħames pjagi ta' Kristu. Ukoll hemm iż-żewġ ittri ta' l-alfabet Grieg li huma *Alfa* u *Omega*, li jfissru li Kristu hu l-bidu u t-tmiem ta' kollox (Apok. 21,6; 22,13). Dawn huma l-ewwel ittra u l-aħħar ittra ta' dan l-alfabet. Dwar il-ħames pjagi dawn huma tassew is-sinjali esterni tal-fidwa shiha li ġabilna Kristu bil-passjoni u l-mewt tiegħu. Kien mill-pjagi divini tiegħu li minnhom ħareġ id-demm, biex serva tassew ta' ħelsien tagħna.

Issa fejn jidħol id-demm u l-fidwa li ġab Ġesù, biżżejjed naħsbu ftit fuq dak li nsibu fil-ktieb ta' l-Apokalissi: ''Int jistħoqlok tieħu l-ktieb u tiftaħ is-siġilli tiegħu, għax int kont maqtul u b'demmek ksibt għal bnedmin minn kull tribù u lsien minn kull poplu u ġens'' (Apk 5,9). San Ġwann Krizostmu jitkellem hekk dwar id-demm ta' Ġesù. ''Dan id-demm inibbet fina x-xbiha tas-sultan tagħna, jipprepara sbuħija mill-aqwa, u ma jħallix li tintilef in-nobbiltà ta' ruħna, billi jsaqqiha u hekk jgħajjixha kontinwament. Dan id-demm jimla r-ruħ b'qawwa tassew kbira. Għalhekk kull min jixrob denjament minn dan id-demm, ikeċċi x-xjaten, u jżommhom 'il bogħod fil-waqt li jsejjaħ għalina l-anġli flimkien mas-Sid ta' l-anġli''. Issa dan id-demm kollu ħareġ mill-pjagi li huma ffigurati f'dawk il-ħames boċoċ li hemm fil-blandun. Altru mela li dan il-blandun huwa simbolu ta' Kristu feddej.

Mela dik ix-xema' kbira u sabiħa hija tassew tifkira ta' Kristu DAWL ħaj magħna u fostna għal dejjem. Kemm hija mimlija realtajiet, meta titwieled tarbija u l-ġenituri jixgħelu x-xema' mill-blandun, u fl-aħħar tislima lill-mejjet fil-knisja, ħdejn rasu jerġa jitpoġġa dan il-blandun. Jekk nirriflettu fuq dan kollu inkunu qed nifhmu li Kristu huwa tassew id-dawl tad-dinja.

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

VERSI RIFLESSIVI

# GĦALIEX GĦAMILTILNA HEKK?

*"Għax għamiltilna hekk ?"*
*Mal-mistoqsija,*
*il-ħsieb pinnur,*
*vleġġa ddur,*
*snin twal jaqsamlek,*
*tempju jimmira*
*f'Ġerusalemm:*
*hemm fis idaħħlek,*
*fis-sejba jfakkrek*
*ta' Ġesu tfajjel*
*f'ħeġġa mitluf,*
*'l-Iskribi jfiehem*
*is- Sew mistur...*
*u l-Omm mnikkta,*
*b'qalbha maqsuma*
*hekk tistaqsih;*
*waqt li t-tweġiba,*
*xafra misnuna,*
*bla ħadd jinduna*
*f'qalbha marsusa*
*tfieri bis-sħiħ.*

*"Għax għamiltilna hekk ?"*
*tixher u tnewwaħ*
*omm iż-żagħżugħ,*
*li biex ġabruh*
*ħarġuh imbiċċer*
*minn qalb tifrik*
*ta' gozz ħadid,*
*nar qawwi użaw,*
*sa sserraw;*
*bla xejn ra, sama',*
*wisq inqas ħass...*
*waqt li s-subkonxju*
*għadu jurih*
*ritratti sbieħ*
*ta' dik li kienet*
*tiegħu l-ġawhra,*
*diploma, lawrja,*
*li tgħajjat lilu,*
*l'hi tiegħu biss,*
*li ħadd ma jista',*
*ma jrid li jmiss...*
*bla biss intebaħ*
*kif 'l ommu għaffeġ*
*sa ħadd ma jista',*
*l-ebda tabib*
*jgħinha, isewwilha,*
*tal-moħħ tifrik.*

*"Għax għamiltilna hekk ?"*
*Tant ġenituri*
*jibqgħu miblugħa,*
*b'tad-droga l-kruha,*
*li rikbet, ħakmet*
*lil iben, bint,*
*qabbżithom ċint;*
*f'vizzju hekk żgħar*
*dewqithom sptar,*
*jew forsi għar,*
*huma msakkrin,*
*f'ċella, Kordin...*
*'Mma 'l-ġenituri*
*rispett ftit muri,*
*qisu l-iżball*
*tagħhom li sar;*
*ilsna jqasqsuhom.*
*qlub xierfa jħokkuhom.*

*"Għax għamiltilna hekk ?"*
*jirbombja leħen*
*l-anzjan, l-anzjana,*
*f'ħofra li fiha*
*bla ħsieb, bla ħtija,*
*ntefgħu ħesrem*
*minn manigoldi,*
*għal erba' soldi,*
*fdal it-tqanqiċ,*
*wara gwarniċ*
*t'Omm id-Dulur...*
*tara moħqrija*
*mingħajr mogħdrija,*
*ta' xjuħ maqtula:*
*lesta terfagħhom*
*f'ġenna tgawdija.*

*"Għax għamiltilna hekk ?"*
*U l-ħsieb pinnur*
*mejt dawra jdur,*
*u vleġġa tmur*
*is-smewwiet taqsam,*
*u r-rabja twassal*
*fil-mistoqsija,*
*ta' nies taħt piena*
*b'mard terminali,*
*it-Tribunali,*
*t'Alla Ħallieq...*

*Fejn bla tlaqlieq*
*uħud jifhmuha*
*biex "l-Iva" ilissnu,*
*bil-qalb jagħtuha;*
*waqt li x'uħud*
*jagħżlu l-martirju,*
*bil-palma f'idhom,*
*jinżgħu minn ġidhom,*
*biex b'magħmudija*
*tad-demm jinħaslu,*
*ġol-alba ġdida,*
*tas-suwiċida.*

**Francis Sultana**

## *Għaliex Żmien il-Għid hu żmien speċjali?*

# L-GĦID HU TAMA-FE

**HALLELUJAH!**
Kristu Qam, kif kien qal!
**HALLELUJAH!**
Aħna għad inqumu Miegħu, kif wegħdna!
**HALLELUJAH!**
Aħna għad inkunu fin-naħa tal-lemin tal-Missier. In-Nisrani ma għandu qatt għaliex jiddispra u jaqta qalbu mill-hemm.
**HALLELUJAH!**
Kull djieqa tgħib. Kull tbatija tintemm.
**HALLELUJAH!**
Ħadd ma għandu raġun ikun hieni daqs in-Nisrani li jemmen fi Kristu Ħaj.
**HALLELUJAH!**
Il-Qawmien ta' Kristu hu messaġġ ta' ferħ għad-dinja kollha: Rebħa fuq il-Mewt!

Jalla l-**HALLELUJAH** tidwi fil-qlub imtaqqla' bin-niket tal-ħajja, imma mhux iddisprati.

Fil-qlub maqsumin u mġarrbin bil-hemm, imma

La Kristu qam, aħna għad nqumu Miegħu.

**IL-FERĦ TA' L-GĦID HU FERĦ UNIVERSALI, FERĦ GĦAL KULĦADD.**

§ Mit-tbatija ngħaddu għat-tgawdija.
§ Mis-salib ngħaddu għall-glorja.
§ Mill-prova għall-premju.
§ Mill-mewt għall-ħajja.

**HALLELUJAH!**
Il-Qawmien ta' Kristu huwa sejħa għat-tama u fiduċja fil-qawwa ta' Alla.
Il-Qawmien hu garanzija ta' ħajja li ma tintemm qatt fi ħdan Alla.
**HALLELUJAH!**
Il-Kristjaneżmu huwa innu lill-Ħajja - huwa r-reliġjon tal-ħajjin, għax Kristu huwa ħaj.
**HALLELUJAH!**
Kristu qam, biex ma jmutx aktar. Aħna ngħixu bih u miegħu! Għal dejjem!

*Spiritual Writings, ta' Cardinal Saliege (1870-1956)*



## ĠRAJJA VERA

Wieħed xjenzjat Ġermaniż, biex ikompli l-istudji u l-esperimenti tiegħu, ried jixtri dar għall-kwiet.

Ried ikun 'il bogħod mill-ħsejjes tad-dinja.

U fl-aħħar sab dar 'il bogħod. Waħdu fuq muntanja. Kull ma kien hemm fil-qrib kien **kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura.**

Parti kbira mill-ġurnata, kien ikun hemm skiet taqtgħu b'sikkina. Iżda fil-għaxija, meta tasal is-siegħa tar-rikreazzjoni, kien iqum storbju sħiħ... daħk ifaqqa.

"Dan x'taħom is-sorijiet?" qal bejnu u bejn ruħu x-xjenzjat. "Din l-allegrija kollha! M'għandhom xejn, mid-dinja mċaħħdin minn kull pjaċir u frugħa, jgħaddulek ħajja ta' penitenza.... Mela mnejn qed iġibuha dil-kuntentizza?

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# RĦ-ĦAJJA-IMĦABBA

U biex jaqta' l-kurżità mar f'ras il-għajn u staqsa lill-Madre Superjura, x'inhi r-raġuni ta' dan il-ferħ u l-allegrija kull fil-għaxija...

***Superjura:***
U żgur li aħna kuntenti; ma tafx li aħna l-GĦARAJJES TA' KRISTU?

***Xjenzjat:***
Imma skużi Suor. L-GĦARUS TAGĦKOM KRISTU MA MIETX ELFEJN SENA ILU?

***Superjura:***
Skużani, sur Professur, donnok mintix *up-to-date* biżżejjed fl-aħbarijiet...

***Xjenzjat:***
X'jiġifieri? Jien inżomm ruħi aġġornat!

***Superjura:***
Afli ma tantx int aġġornat... biżżejjed. **MELA MA TAFX LI TLITT IJIEM WARA, L-GĦARUS TAGĦNA KRISTU REĠA' QAM? U AĦNA KUNTENTI U FERĦANIN GĦAX AĦNA APPUNTU XHIEDA TA' DAK LI ĠARA TLITT IJIEM WARA. AĦNA XHIEDA TAL-QAWMIEN TA' KRISU MILL-MEWT. KIF TRIDNA MA NKUNUX KUNTENTI?**

Minn hemm bdiet il-konverżjoni tax-xjenzat...

*Don Alessandro Pronzato*
*"Vangelo in Casa Ciclo B."*
*(Gribaudi Editore)*

## WIEĦED BISS

*Silta minn priedka ta' l-Għid tal-magħruf teologu Dumnikan Patri Henri LACORDAIRE (1802-1861)*

... X'ser isir minna wara mewtna? Aħna nintesew u jaqa' skiet fuqna u fuq il-qabar tagħna. Kollox jgħaddi u jispiċċa. Din hi l-istorja ta' kull bniedem...

**BARRA GĦAL WIEĦED BISS.**

**HEMM BNIEDEM WIEĦED:**

§ li wara qabru mhix biss għadu glorjuż iżda wkoll maħbub;

§ li għadu jitwieled mill-ġdid kuljum fir-ruħ ta' kotra kbira ta' nies;

§ li fuq il-passi tiegħu għadhom jimxu warajh ħafna nies;

§ li l-bnedmin għadhom iżommu l-ħarsa tagħhom fuqu;

§ li kull kelma tiegħu għada tidwi sa llum.

Hemm bniedem wieħed li ilu mijiet ta' snin imsammar ma' salib... u miljuni ta' nies jadurawh, jinżlu għarkupptejhom quddiemu u jbusulu riġlejh imdemma...

Hemm bniedem wieħed, ifflaġellat, mogħti għall-mewt, imsallab... imma dan wara tbatija ta' l-għaġeb qam mill-imwiet u ħa postu fil-glorja...

U dan il-bniedem huwa INT O ĠESÙ! L-istess ismek jinfidli qalbi meta nlissnu. Għax **INTI BISS DEJJEM ĦAJ U GLORJUŻ!**

## EASTER IS...

**Easter is**
Light at the end of darkness,
Joy at the end of sorrow,
Faith at the end of doubting
Pointing to a new tomorrow.

**Easter is**
Hope at the end of despair
Laughter at the end of crying,
The Risen Jesus with us –
Life at the end of dying.

**Easter is**
You and me giving love
To a world,
Where so many see only the end
And need a new beginning.

**Easter is limitless love.**

*Judith Park*

**KTIEB X'TAQRA**

# "MULEJ, MEXXI L-ERWIEĦ KOLLHA LEJN IL-ĠENNA"

minn Mons. Anton Gauci

*Dan huwa l-aħħar ktieb li għadu kemm ippubblika l-awtur Għawdxi Mons Anton Gauci. L-isem tal-ktieb, "Mulej, mexxi l-erwieħ kollha lejn il-Ġenna" huwa meħud mill-kliem ta' Marija Santissima lit-tlett itfal ġewwa Fatima, meta ħeġġithom biex meta jgħidu t-talba tar-Rużarju, jitolbu għall-erwieħ b'dan il-mod. B'dan il-ktieb nistgħu ngħidu li l-awtur tana trattat sħiħ dwar it-tlett realtajiet ta' wara l-mewt : il-Purgatorju, l-Infern u l-Ġenna, miġbur fi tlett kotba li issa huma kollha f'idejna. Ġabra interessanti li hi frott ta' riċerka kbira.*

*Il-ktieb hu mqassam prinċipalment f'ħames taqsimiet. L-ewwel żewġ taqsimiet li jiffurmaw il-parti l-kbira tal-ktieb jagħtuna l-parti teoloġika tas-suġġett. Hija parti sinjura ħafna f'dak li hu tagħlim uffiċjali tal-Knisja sa dak l-aktar reċenti u msaħħaħ b'għadd ta' kwotazzjonijiet mill-Iskrittura Mqaddsa li bl-ebda mod ma jgħabbu l-qari, anzi jagħmluh iżjed interessanti.*

*Fit-tielet taqsima imbagħad l-awtur jgħidilna kif jaħsbuha dwar il-premju etern żewġ reliġjonijiet kbar mhux insara, jiġifieri l-Islam u ż-Żorastraniżmu – reliġjon imwaqqfa minn Żorastru fl-inħawi ta' l-Iran tallum.*

*Ir-raba taqsima tittratta l-Ġenna ta' l-Art. Interessanti dwar din it-taqsima hija l-ħarsa panoramika li l-awtur jagħti dwar id-diversi teoriji jew ipotesijiet li ssawru matul iż-żminijiet ta' fejn setgħet kienet ġeografikament il-"Ġenna ta' l-art" imsemmija fil-ktieb tal-Ġenesi.*




*Fil-ħames taqsima imbagħad l-awtur jitkellem fuq il-kontribut letterarju tal-poeta nazzjonali taljan Dante Alighieri u l-opra ċelebri tiegħu 'La Divina Commedia', xogħol fi tlett taqsimiet: il-Purgatorju, l-Infern u l-Ġenna, li kellu influwenza mhux żgħira fiż-żmien li fih inkiteb.*

*Il-ktieb jagħlaq b'ġabra ta' sittax il-talba għall-erwieħ kollha, uħud minnhom maqluba għall-Malti minn lingwi oħra.*

*Il-volum fih 325 paġna u huwa stampat b'tipi ċari u bi tqassim sistematiku u ordnat ħafna. Barra minn hekk huwa mżewwaq b'diversi ritratti u stampi li jkomplu jagħmluh iżjed attraenti. Huwa mitbugħ f'Għawdex għand l-A&M Printing tal-Qala. Il-ktieb jinkiseb direttament mingħand l-awtur.*

**Fr. Ruben Micallef**

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236

# "Ir-Ragħaj ... ...jagħraf in-nagħaġ tiegħu u huma jisimgħu leħnu"



**Suppliment Speċjali b'Tifkira taż-Żjarat Fraterni ta' Mons. Isqof Mario Grech lill-Parroċċi Għawdxin, Frar - Marzu 2006**

## *Żjara lill-Parroċċa ta' Santa Marija, il-Katidral, Victoria*

*31 ta' Jannar - 2 ta' Frar*







## Żjara lill-Parroċċa ta' San Lawrenz, f'San Lawrenz

*13 - 15 ta' Frar*









## Żjara lill-Parroċċa ta' Santa Marija, Żebbuġ

*16 - 18 ta' Frar*











# Żjara lill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem

20 - 22 ta' Frar







# Żjara lill-Parroċċa ta' Kristu Ewkaristiku u Salvatur, Għasri

23 - 25 ta' Frar





## Żjara lill-Parroċċa ta' Santa Margerita, Sannat

*3 - 5 ta' Marzu*



## Żjara lill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, Xewkija

*7 - 9 ta' Marzu*



## Żjara lill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, Nadur

13 - 15 ta' Marzu







## Żjara lill-Parroċċa ta' San Ġużepp, Qala

16 - 18 ta' Marzu









# Żjara lill-Parroċċa ta' Marija Bambina, Xagħra

20 - 22 ta' Marzu



# Żjara lill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna, Għarb

24 - 26 ta' Marzu



Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -144

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2006

# Il-Bumbardieri u Santa Barbra

Id-dokument numru mija erbgħa u erbgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu tagħrifa dwar il-paga tal-bumbardier tal-Kastell ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1705-1706), folju 24r (NAG, UG, *Acta*, 9/1705-1706, f. 24r).

Din hi traskrizzjoni ta' l-ordni biex ikun jista' jsir l-imsemmi ħlas:

**Pro Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere, di questa Università del Gozo pagarete al Mastro Giuseppe Dalli, capo de bombardieri di questo Castello, Scudi quattro di moneta; se gli devono per suo salario d'un anno incominciati il primo Maggio prossimo passato e da finirsi l'ultimo instante di che tirando nostra cautela ponerete ai nostri conti; li 17 aprile 1706.**

Dan id-dokument, l-istess bħal dak ippubblikat ix-xahar li għadda, jikkonsisti f'awtorizzazzjoni biex isir ħlas - il-ħlas ta' sena sħiħa lill-kap tal-bumbardiera fil-Kastell ta' Għawdex.

L-*Universitas* awtorizzat lill-ġurat u t-teżorier tagħha, in-Nutar Wiġi Grech, biex iħallas lill-Mastru Ġużeppi Dalli, il-kap tal-bumbardieri fil-Kastell, is-somma ta' erba' skuti. Din kienet il-paga tiegħu tas-sena li bdiet fl-1 ta' Mejju, 1705, u kienet tiġi fi tmiemha fit-30 ta' April, 1706. Il-ħlas kien awtorizzat nhar is-17 ta' April, 1706 - tliet mit sena ilu.

Dan Ġużepp Dalli kien ilu xi snin kapumastru tal-bumbardieri fil-Kastell ta' Għawdex. Il-ħlas ta' erba' skuti biss bħala paga ta' sena jfisser li hu kien jaqdi dan id-dmir fuq bażi temporanja, *part-time*. Il-bumbardier hu normalment assoċjat ma' l-isparar tal-kanuni fi żmien ta' attakk u assedju. Iżda dan il-bumbardier jidher li kien jagħmel xogħlu f'okkażjonijiet ċerimonjali biss.

Fost dawn ta' min isemmi l-isparar fil-*paternoster* nhar it-12 ta' Marzu, jum San Girgor, biex iħabbru li l-purċissjoni votiva mill-Matriċi sal-kappella ta' San Girgor ta' Gerduf kienet sejra tinżamm. Kien jispara wkoll nhar il-15 ta' Awissu, jum Santa Marija, fil-ħamsa ta' wara nofsinhar, biex iħabbar il-bidu tat-tiġrija famuża ta' Santa Marija. Kien jispara wkoll f'għeluq is-snin tal-Granmastru jew ta' xi renjanti Ewropew li miegħu l-Kavallieri kellhom relazzjonijiet diplomatiċi tajbin.

Kien fuq kollox jispara nhar l-4 ta' Diċembru, festa



ta' Santa Barbra, patruna tal-bumbardieri. Il-fatt li dan id-dokument isejjaħlu kap ifisser li kien hemm bumbardieri oħra esperti u dilettanti.

Il-għaqda tal-bumbardieri jidher li ssaħħet sewwa lejn is-sena 1673, meta kappella żgħira ddedikata lil San Ġwann Battista fiċ-Ċittadella, kienet iddedikata lil Santa Barbra. Il-kappella, li għadha f'kundizzjoni tajba ħafna sal-lum, tinsab sewwa sew faċċata tal-kmajriet li fihom kien hemm il-kanuni l-kbar fuq il-karru tagħhom.

L-istess bumbardieri kkummissjonaw lill-pittur Stefano Erardi (1630-1716) biex ipitter l-inkwatru ta' Santa Barbra. Il-qaddisa tidher f'qagħda ta' talb b'ħarsitha lejn is-sema, bis-simboli tagħha fuq wara: torri tond fuq ix-xellug u kanun bil-karru fuq il-lemin. Dan l-inkwatru llum jinsab fil-Mużew tal-Katidral u minflokhu hemm statwa tal-qaddisa.

Santa Barbra hi magħrufa ħafna l-Ġermanja. Is-sena li għaddiet, il-Papa Benedittu XVI, ġermaniż, għamel tifkira tagħha nhar il-festa.

HOME STYLE

• Ceramics • Chandeliers • Appliances
• Furniture • Carpets

Ġużepp Labre Str., Pjazza Kennedy, Victoria, Gozo
Tel: 21 552099 Fax: 21 561438 Mob: 9942 0520
Web Site: www.homestylegozo.tk

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (45)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(L-GĦAXAR PARTI)*

## KIF GĦANDEK TITQARBEN SEW

Biex wieħed jersaq jitqarben kif imiss, jeħtieġ li jkollu ċerti dispożizzjonijiet kemm tar-ruħ kif ukoll rigward il-ġisem.

### *Dispożizzjonijiet Spiritwali (tar-ruħ):*

(i) Biex wieħed ikun jista' jitqarben jeħtieġ l-ewwelnett li huwa jkun irċieva l-Magħmudija għaliex din hija l-bieb tas-sagramenti l-oħra. Għalhekk, min ma jkunx mgħammed ma jistgħax jirċievi ebda sagrament ieħor, u dan jgħodd ukoll għall-Ewkaristija.

(ii) L-Ewkaristija hija sagrament tal-ħajjin, jiġifieri min jirċivieh jeħtieġ li jkollu diġà l-grazzja f'ruħu, għax jekk wieħed jitqarben bi dnub mejjet li jaf bih, ikun jagħmel sagrileġġ. San Pawl, difatti, dwar l-Ewkaristija jgħallem li: "Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-Ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" ( I Kor.11, 29).

Dan ifisser li biex wieħed jitqarben jeħtieġ li jkun fl-istat tal-grazzja. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika "*Ecclesia de Eucharistia*" (n.36) jikteb "Bir-raġun kollu, f'dan ir-rigward, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jistabbilixxi: 'Min ikun jaf li huwa ħati ta' dnub gravi, l-ewwel għandu jirċievi s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, qabel jersaq jitqarben.' Nixtieq għalhekk nerġa' ntenni, li għada tgħodd u tibqa tgħodd fil-Knisja, in-norma li biha l-Konċilju ta' Trentu jtenni bil-qawwa t-twissija gravi ta' l-Appostlu Pawlu, meta stqarr illi biex ikun hemm laqgħa denja ta' l-Ewkaristija "irid ikun hemm, qabel xejn il-maħfra tad-dnubiet, meta wieħed huwa konxju ta' dnub mejjet".

(iii) Iżda l-qima li tixraq lil dan is-Sagrament titlob li jkun hemm ukoll tħejjija xierqa u radd il-ħajr wara t-tqarbin. Il-ktieb ta' l-Imitazzzjoni ta' Kristu (IV ktieb, kap XII) jgħidilna: "Jeħtieġ mhux biss li wieħed jitħejja bid-devozzjoni qabel it-Tqarbin, iżda anki li jżommha wara li jkun irċieva s-Sagrament. Meta wieħed jagħraf jgħożż din il-grazzja, ikun qiegħed iħejji t-triq biex il-quddiem jaqla' grazzja ikbar". Fl-istruzzjoni "*Eucharisticum Mysterium*" tal-25 ta' Mejju 1967, huwa ssuġġerit li "sabiex wieħed jissokta r-radd il-ħajr li bl-aqwa mod ingħata lil Alla fil-quddiesa, dawk li jkunu ħadu t-Tqarbin Imqaddes għandhom jiġu mħeġġa ħalli jibqgħu jitolbu wkoll wara, għal xi ftit tal-ħin".

Għad li l-quddiesa minnha nfisha, bil-qari mill-Kotba Mqaddsa u bit-talbiet liturġiċi tagħha, tista' sservi bħala tħejjija xierqa għat-tqarbin, iżda m'għandhiex tkun nieqsa l-ġabra u l-kontemplazzjoni fuq il-misteru ta' l-imħabba ta' Kristu. Ma tkunx ħaġa sewwa, imbagħad, li wieħed minnufih wara li jitqarben joħroġ direttament mill-knisja, u jinsa totalment dak li twettaq fih permezz tat-tqarbin. Għandu jkun hemm għall-inqas ftit tal-ħin għar-riflessjoni fis-skiet u għal xi talb ta' radd il-ħajr. Jixraq ukoll li f'dan il-ħin wieħed jagħmel l-offerta tiegħu nnifsu lil Alla u tal-ħidma li jkun wettaq jew li jkun fi ħsiebu jwettaq matul il-jum.

### *Dispożizzjonijiet korporali (tal-ġisem):*

(i) Sabiex l-insara ma jibqgħux il-bogħod mis-Sagrament Imqaddes, is-sawma ta' qabel it-Tqarbin ġiet imħaffa ħafna. Il-Kodiċi tal-Liġi tal-Knisja, approvat fl-1983, (kanoni,919,par.1) jippreskrivi li: "Min ikun ser jirċievi l-Ewkaristija Mqaddsa għandu jkun sajjem għall-inqas għal siegħa qabel ma jitqarben minn kull ikel u xorb", iżda l-ilma u l-mediċini ma jiksrux is-sawma tat-Tqarbin. "L-anzjani u dawk li għandhom xi mard u l-persuni li



jkunu qed jieħdu kura tagħhom, jistgħu jirċievu l-Ewkaristija Mqaddsa, anke jekk ikunu ħadu xi ħaġa matul is-siegħa ta' qabel" (Kan 919 par.3).

L-iskop tas-sawma ta' qabel it-Tqarbin huwa sabiex l-Ikla Mqaddsa ma tiġix ittrattata bħal l-ikel ordinarju li neħtieġu għall-ħajja tal-ġisem u anki tidher aħjar in-natura spiritwali ta' l-Ikel Ewkaristiku li nirċievu meta nitqarbnu.

(ii) Min jersaq jitqarben jeħtieġ li anki bl-imġieba esterna jagħti xhieda tal-fidi tiegħu fl-Ewkaristija. Għalhekk it-Tqarbin għandu jsir bl-umiltà u bil-ġabra. Anki l-ilbies ta' min jirċievi t-Tqarbin għandu jkun jixraq kemm lil dan is-Sagrament hekk kbir, kif ukoll lill-post sagru fejn jiġi amministrat.

### *Tqarbin ta' spiss*

Fl-ewwel żminijiet fl-istorja tal-Knisja, l-insara li kienu jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika kienu jirċievu wkoll it-Tqarbin, biex b'hekk jieħdu sehem sħiħ fis-sagrifiċċju tal-quddiesa. Mal-medda taż-żmien, bdiet dieħla d-drawwa li xi nsara jattendu għall-quddiesa mingħajr ma jitqarbnu. It-Tqarbin frekwenti għal ħafna żmien kien jitqies bħala xi ħaġa tas-saċerdoti, tar-reliġjużi u ta' xi nies privileġġjati, iżda l-insara komuni aktarx li ma kienux jitqarbnu iktar minn darba fil-ġimgħa. Ma kienitx teżisti fost l-insara d-drawwa li jitqarbnu ta' spiss jew ukoll ta' kuljum.

Il-Konċilju ta' Trentu, fis-sessjoni XVI, wera x-xewqa li "f'kull quddiesa, l-insara li jkunu jieħdu sehem fiha, mhux biss bix-xewqa, iżda wkoll bi Tqarbina Sagramentali," jingħaqdu ma' Kristu. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-Papa San Piju X daħħal din id-drawwa u rrikkmanda t-tqarbin frekwenti. Fid-digriet "*Sacra Tridentina Synodus*" tal-20 ta' Diċembru 1905, dan il-Papa, waqt li jheġġeġ għat-Tqarbin ta' spiss, u possibbilment anki ta' kuljum, jgħidilna liema huma l-kundizzjonijiet meħtieġa biex dan ikun jista' jsir. Hadd ma għandu jkun impedut li jersaq għat-Tqarbin, jekk ikun fl-istat tal-grazzja u jkollu intenzjoni retta. "L-intenzjoni retta tikkonsisti f'dan: li min jersaq jitqarben għandu jagħmel hekk mhux b'rutina, għall-vanaglorja, jew għar-rispett uman, imma għall-iskop li jogħġob lil Alla, ikun magħqud miegħu iktar mill-qrib bil-karità, u li jfittex dan ir-rimedju divin biex jinħeles mid-dgħufija u mid-difetti tiegħu."

Hemm xi okkażjonijiet li fihom l-insara jistgħu jitqarbnu iktar minn darba. Il-Kanoni 917 jgħid li "Min ikun diġà tqarben, jista' jerġa' jitqarben għat-tieni darba, fl-istess jum, imma biss waqt ċelebrazzjoni ewkaristika li fiha jieħu sehem". Barra minn hekk fil-każ ta' dawk li jkunu fil-periklu tal-mewt huwa rrikkmandat ħafna li jirċievu t-Tqarbin, anke jekk ikunu diġà tqarbnu fl-istess jum (Kan. 931).

Għad li l Knisja tirrikkmanda bil-qawwa kollha t-Tqarbin ta' spiss, irridu wkoll noqgħodu attenti hafna sabiex it-tqarbin ta' kuljum ma jsirx għalina bħal sempliċi drawwa ta' rutina. Kull tqarbina hija laqgħa ma' Kristu, Mulej u Feddej tagħna, anzi hija għaqda dejjem iktar intima miegħu u b'dan il-ħsieb (intenzjoni) f'moħħna u f'qalbna għandna nersqu nirċievu t-tqarbin.

### *It-Tqarbin tax-xewqa*

"Is-Sagrifiċċju Ewkaristiku - jgħallimna l-Papa Piju XII fl-enċiklika "*Mediator Dei*" - jikkonsisti essenzjalment fis-sagrifiċċju mhux imdemmi (inkruwent) tal-vittma divina- immolazzjoni li hija murija b'mod mistiku, fis-separazzjoni ta' l-ispeċi sagri (l-ħobż u l-inbid) u ta' l-offerta tagħhom lil Missier. It-tqarbin, għalhekk, jappartieni għall-integrità tas-sagrifiċċju (584). Il-Knisja titlob lill-uliedha u teżortahom b'mod ħaj, biex jipparteċipaw b'ħeġġa u ta' spiss f'dan ir-rigal kbir tar-reliġjon tagħna. Il-Knisja tixtieq li l-insara - speċjalment dawk li ma jistgħux jirċievu l-Ewkaristija b'mod sagramentali, jipparteċipaw bi tqarbina tax-xewqa".

Għad li t-tqarbina spiritwali ma tistax tieħu l-post tat-Tqarbina Sagramentali jiġifieri bl-ostja, li fiha Kristu hu realment preżenti, iżda hija wieħed mill-aqwa modi ta' talb u tista' tiġi repetuta ħafna drabi matul il-jum u matul il-lejl. It-tqarbina spiritwali, li hija att ta' fidi fil-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija u stqarrija ta' l-imħabba lejh, tqarrab dejjem iktar in-nisrani lejn Ġesù u ssaħħu fl-għaqda tiegħu Miegħu.

Kif jgħallimna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika "*Ecclesia de Eucharistia*" n.34: "Fl-Ewkaristija, b'differenza minn kull sagrament ieħor, il-misteru (tal-komunjoni) hu daqstant perfett li jwassalna sal-quċċata ta' dak kollu li hu tajjeb: hawn jinsab l-iskop aħħari ta' kull xewqa umana, għaliex hawnhekk nilħqu lil Alla u Alla jgħaqqad lilu nnifsu magħna f'unjoni mill-iżjed perfetta. Proprju minħabba f'hekk, tkun ħaġa f'lokha li nikkoltivaw f'ruħna x-xewqa kostanti għas-Sagrament Ewkaristiku. Hawn twieldet il-prattika tal-"komunjoni spiritwali" mistqarra tul sekli sħaħ mill-Knisja u rakkomandata minn qaddisin għalliema tal-ħajja spiritwali. Santa Tereża ta' Ġesù kitbet: 'Meta ma titqarbnux u ma tiħdux sehem fil-quddiesa, intom tistgħu titqarbnu spiritwalment, u din il-ħaġa hija tassew vantaġġjuża...Hekk fikom tiġi stampata sewwa l-imħabba tal-Mulej tagħna". *(jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsa u Erbgħin Parti )*

*(jaqbad mal-aħħar ħarġa)*

## IŻ-ŻEBBUĠ

**Iż-żebbuġ - siġar ta' l-Ewropa, siġar tal-Mediterran, siġar storiċi u li jħaddru dejjem, li jagħmlu frott abbundanti, tajjeb biex nieħdu minnu ż-żejt, tajjeb ukoll għall-ikel, basta jkun maħdum u merfugħ kif imiss. L-akbar produtturi taż-żebbuġ fid-dinja huma Spanja u l-Italja, imma din is-siġra tikber fil-pajjiżi kollha tal-Mediterran.**

Hemm diversi tipi ta' siġar taż-żebbuġ, dawk li jagħmlu frott oħxon, bil-Għarbi msejjaħ 'żejtun', u dawk li jagħmlu frott irqiq, imsejjaħ 'żebbuġ', għax il-kelma 'żebbuġ' ġejja mill-istess għerq tal-kelma 'żibeġ'. U żibeġ kulħadd jaf x'inhuma. Imma bil-Malti, il-kelma żebbuġ tintuża kemm għall-frott iż-żgħir, kif ukoll għall-kbir. Il-kelma 'żejtun' għadha teżisti biss bħal isem ta' raħal, iż-Żejtun, jew inħawi fil-limiti tal-Mellieħa - Għajn Żejtuna. Żejtuna tfisser siġra taż-żebbuġ, bħalma żebbuġa tfisser ukoll siġra taż-żebbuġ.

Il-kelma 'żebbuġ' tintuża wkoll bħala isem ta' raħal f'Malta - Ħaż-Żebbuġ - u ieħor f'Għawdex - iż-Żebbuġ - xhieda ċara li dari f'dawn l-inħawi kienu jikbru s-siġar taż-żebbuġ. Infatti jingħad li dari s-siġra taż-żebbuġ kienet iżjed komuni u kotrana mil-lum. Xhieda ta' dan huma l-għadd ta' mgħasar li nstabu qalb ir-rovini taż-żminijiet klassiċi, kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Ladarba kienet teżisti l-għodda biex biha jagħsru ż-żebbuġ, allura żgur li din il-frotta kienet tikber abbundanti lokalment.

Il-magħsar taż-żebbuġ kien jikkonsisti fi *trapetum* jew ħawt kbir u oħxon tal-ġebel taż-żonqor, ta' sura tonda li ġo nofsu kien ikun hemm fus b'rota tonda tal-ġebel taż-żonqor ukoll. Iż-żebbuġ misjur, iżda għadu aħdar, kien jintefa' fil-magħsar u jitgħaffeġ u jinsaħaq bir-rota u minnu joħroġ iż-żejt li jgħaddi minn żennuna apposta u jimtela fi qliel u ġarar apposta.

Bħalma kienu jikbru fl-imgħoddi, is-siġar taż-żebbuġ għadhom jikbru wkoll sa llum fil-gżira Għawdxija għalkemm bosta nqerdu bit-traskuraġni jew għal raġunijiet oħra. Is-siġar taż-żebbuġ aktarx insibuhom jikbru flimkien bħala maċċa siġar jew ġnien taż-żebbuġ, imsejjaħ ukoll ort taż-żebbuġ.

F'Għawdex, illum insibu siġar taż-żebbuġ ħdejn il-Loġoġ tal-Ħammimiet, ħdejn in-Niċċa tal-Madonna tar-Rummiena, qrib ta' Ħamet, fil-ġnub tat-triq ta' Sannat, ħdejn il-Palazz Palina, ta' Ċenċ; ħdejn il-kunvent tal-Kapuċċini, fiċ-Ċimiterju tal-Għonq, ir-Rabat, il-Villa Rundle, fil-widien ta' San Blas u ta' Daħlet Qorrot, ta' Blankas qrib ix-Xewkija, fil-Forti Chambrai, fejn bosta siġar inqerdu minħabba l-bini, u f'ġonna privati u f'xi nħawi oħra ta' gżiritna fejn jikbru siġar weħidhom. Hemm ukoll xi siġar taż-żebbuġ f'Kemmuna.

Skond waħda mil-leġġendi marbuta mal-Knisja taż-Żejt fir-raħal tal-Għarb, waħda mara fqira setgħet tagħmel żejt kemm trid hi, wara li għadd kbir ta' siġar taż-żebbuġ kibru b'miraklu mil-lum għal għada matul il-lejl.

L-isem xjentifiku tas-siġra taż-żebbuġ huwa *Olea Europaea*, iżda hemm diversi varjetajiet. Il-varjetà *Carolea*, per eżempju, tagħmel frott tajjeb għall-mejda kif ukoll biex jingħasar għaż-żejt. Hija siġra tajba wkoll biex tkennen ir-raba' mill-irjieħ. Dik imsejħa *Lecchino* hija tajba għall-ilqugħ, iżda ż-żebbuġ tagħha jintuża l-aktar biex minnu jieħdu ż-żejt. Dik imsejħa *Cipressino* tagħmel frott irqiq wisq (il-veru żebbuġ) u tajba biss biex tkennen jew bħala siġra ornamentali.

Iż-żejt taż-żebbuġa huwa l-aktar żejt apprezzat fost kemm hawn żjut veġetali. Imma hawnhekk tajjeb jingħad li hemm diversi tipi ta' żejt taż-żebbuġa, skond minn liema stoffa jew materjal ikun estratt dan iż-żejt. Dan iż-żejt jista' jintuża kemm għat-tisjir, kif ukoll biex bih jixegħlu l-lampi, il-lumini u l-imsiebaħ.

Iż-żebbuġ meta jinqata' aħdar ikollu togħma ħarra. Għalhekk jeħtieġ li jintefa' fl-ilma tas-salmura u jitħalla hemm għal xi tliet xhur qabel ma jitjieb għall-ikel. Hemm diversi riċetti ta' kif wieħed jista' jippreserva ż-żebbuġ. Meta wieħed ikollu ħafna żebbuġ, jista' juża krietel ta' l-injam apposta. Jekk ikollu ftit għalih, allura jista' juża vażetti tal-ħġieġ b'fommhom wiesa'. Hemm ukoll riċetti li fihom, barra l-ilma tas-salmura, tintuża wkoll taħlita ta' ħxejjex aromatiċi biex iż-żebbuġ ikollu palat aħjar. Għall-ikel insibu żebbuġ

aħdar u żebbuġ iswed, jew misjur sewwa. Ma ninsewx il-filfel li meta jintuża jagħti palat differenti liż-żebbuġ.

Iż-żebbuġ jista' jittiekel imqatta', mimli jew mingħajr għadma, u mħallat u msajjar ma' ikel ieħor, skond għadd kbir ta' riċetti.

Is-siġra taż-żebbuġ tista' togħla anki sa 20 pied u tgħix żmien twil, mijiet ta' snin. Tagħmel għadd kbir ta' friegħi żgħar u weraq tawwali li jispiċċa bil-ponta, lewn aħdar mitfi n-naħa ta' fuq u lewn abjad fiddien minn taħt. Il-ward tagħha jkun abjad safrani u rqiq. Tagħmel għadd kbir ħafna ta' nwar u ta' frott. Il-frotta qabel ma ssir tkun ħadranija, imma mbagħad tieħu lewn vjola sewdieni. Fil-qalba tal-frott ikun hemm il-għadma li hija żerriegħa waħda.

Iz-zokk taż-żebbuġa jkun griż bajdani. Iż-żebbuġa tagħmel injam b'vini sbieħ, jieħu l-lostru u jfuħ. Minnu jistgħu jagħmlu bċejjeċ żgħar ta' għamara u fl-antik minnu kienu jagħmlu wkoll l-istatwetti ta' l-allat pagani. F'Għawdex, l-injam taż-żebbuġ, bħal dak tal-lewż, ġie li kien jintuża biex minnu jagħmlu ċ-ċombini tal-bizzilla fuq it-torn. Mill-qoxra tas-siġra taż-żebbuġ toħroġ sustanza msejħa *Gomma d'Olivier* li minnha kienu jagħmlu mediċina għall-ponot.

Is-siġra taż-żebbuġ hija siġra verament storika. Tissemma fl-istorja tad-dilluvju universali meta ħamiema reġgħet lura għand Noe' bil-fergħa taż-żebbuġ f'munqarha. Għalhekk iż-żebbuġa hija l-għelm tal-paċi u s-sliem. Mose' jingħad li kien jeħles mis-servizz militari lil dawk li kienu jkabbru ż-żebbuġ. Iż-żejt taż-żebbuġa jissemma fl-Iskrittura Mqaddsa u mill-kittieba klassiċi bħala simbolu tat-tjubija u s-safa. Bih kienu jidilku r-ras tas-slaten ta' Israel; bih illum jiġu kkonsagrati wkoll l-isqfijiet fil-Knisja Kattolika. Din is-sena aħna kellna x-xorti naraw lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi jikkonsagra lill-isqof il-ġdid ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, billi sawwablu fuq rasu ż-żejt taż-żebbuġa mħallat bil-balzmu. Is-siġra taż-żebbuġ tagħmel frott żgħir, imma b'għadd kbir ħafna. Għalhekk tissimbolizza l-fekondità u l-fertilità.

Tissimbolizza wkoll il-mertu, hekk li fil-Greċja tal-qedem, dawk iċ-ċittadini, li kien ikun jistħoqqilhom, kienu jlibbsuhom klila midfura mill-friegħi taż-żebbuġ. Hija l-għelm tal-prosperità, hekk li s-Sultan David jgħid, 'jiena bħal siġra ħadra taż-żebbuġ fid-dar ta' Alla'. Tissimbolizza r-rebħ u l-vittorja għax fil-logħob Olimpiku tal-qedem, l-ogħla premju u l-aqwa unur kien dak ta' klila jew kuruna tal-friegħi taż-żebbuġ. Fid-daħla trijonfali tiegħu f'Ġerusalemm, Kristu ntlaqa' bil-palm u ż-żebbuġ u awl il-lejl qabel ma miet mar jitlob fil-Ġnien taż-Żebbuġ, imsejjaħ Ġetsemani.

Għalina l-Għawdxin il-weraq niexef taż-żebbuġ imbierek maħruq f'Sibt il-Għid għandu l-qawwa u s-setgħa li jkeċċi l-għajn ħażina mid-djar u l-irziezet, minn fuq it-tfal u l-bhejjem, u jġib il-barka għaż-żmien li jkun ġej.

It-tkabbir tas-siġar taż-żebbuġ qiegħed jerġa' jieħu spinta 'l quddiem. Żgur li l-produzzjoni taż-żejt lokali se tiżdied. Imma j'Alla miegħu jġibilna wkoll ħafna riżq tajjeb, ġid u prosperità fis-snin li ġejjin.

## IN-NAGĦNIEGĦ

In-nagħniegħ huwa ħaxixa aromatika mill-iżjed komuni u familjari, u tagħmel ma' familja ta' għadd mhux ħażin ta' speċi u varjetajiet ta' ħxejjex aromatiċi, jiġifieri li jħallu riħa tfuħ. Din il-familja bil-Latin tissejjaħ *lamiaceae* u qabel kienet magħrufa bħal *labiatae*, ismijiet xjentifiċi.

Dawn il-ħxejjex l-oħra huma l-klin, is-sagħtar, il-marrubija, ir-rieġnu, il-merdqux, il-ħabaq, it-te Sqalli, is-salvja - diversi speċi - xpakkapietra, xantkura, kalminta, borgħom, nagħniegħ selvaġġ, nagħniegħ iż-żiemel, plejju, nagħniegħ in-naħal, jew kif imsejjaħ Għawdex, buriħa, u melissa.

Uħud minn dawn l-ispeċi, bħan-nagħniegħ komuni, huma kkultivati, per eżempju, klin, merdqux, u ħabaq. Oħrajn bħat-te Sqalli, sagħtar u marrubija jikbru selvaġġi. Aktarx dawk ikkultivati nużawhom bħala kondiment ma' l-ikel. Iżda l-oħrajn, is-selvaġġi, aktar nużawhom bħala pjanti mediċinali, milli għal ma' l-ikel, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, bħas-sagħtar, li jintuża wkoll fl-ikel. Uħud mill-ħxejjex li jagħmlu mal-familja tan-nagħniegħ jintużaw ukoll b'mod tradizzjonali u folkloristiku biex igerrxu l-insetti, per eżempju f'Għawdex sa ftit żmien ilu n-nies kienu jpoġġu l-plejju fl-irkejjen tad-dar u taħt il-għamara biex igerrex il-wirdien. Dari, f'ċerti festi, bħal San Girgor, il-ħwejjeġ tal-festa, maqlugħin minn xi kexxun, kien ikollhom riħa taqsam ta' ħxejjex aromatiċi li kien ikun hemm magħhom biex igerrxu l-insetti!

Niġu issa għan-nagħniegħ komuni, imsejjaħ ukoll 'Menta ħadra', forsi għax l-isem xjentifiku tiegħu bil-Latin kien *Mentha viridis*, illum *Mentha spicata*. Dan għandu zokk irqiq u sempliċi, b'weraq tawwali ppizzjat, xi ftit sufi, lewn aħdar ċar ifuħ, u b'togħma qawwija, jagħmel ward irqiq lewn ikħal għamla ta' mżiewed tal-qamħ ir-rum, iżda wisq iżgħar. Jingħad li dari kien jikber selvaġġ fil-widien, l-aktar fejn hemm l-ilma, illum ikkultivat l-aktar ħdejn xi bir jew ħdejn xi miġra. Mhix xi xitla delikata, anzi l-kuntrarju, il-pjanta tirreżisti għal kull xorta ta' temp, tgħix perenni, jiġifieri minn sena għal sena, tinfirex u tixxabbat, u fejn il-bokka ta' xi bir tkun wiesgħa, u mibnija bis-sejjiegħ, tiġri mal-fili tal-bir u tixxabbat għal isfel.

In-nagħniegħ ilu magħruf sa mill-antik għar-riħa qawwija tiegħu. Jagħmlu minnu ġulepp tan-nagħniegħ, bħal xorb ħelu u frisk fil-ħalq, imsejjaħ menta, li mbagħad jitħallat mal-ħelu, gomma u diversi prodotti oħra. Illum jagħmlu wkoll minnu żejt għat-taħwir.

In-nagħniegħ iħawru bih il-piżelli, il-patata, l-insalata u z-zlazi l-aktar dawk użati mal-ħut, speċjalment infanfri u lampuki. Jintuża wkoll fl-aljotta.

L-Ingliżi għandhom saħansitra varjetajiet oħra bħal *Applemint*, li jintuża mal-frott, u *Eau de Cologne Mint* b'riħa tfuħ qawwija li għandu l-werqa ħamranija u jintuża għall-arranġamenti tal-fjuri.

Nixtiequ issa ngħidu xi ħaġa dwar xarba folkloristika Għawdxija li hi tajba ħafna għas-saħħa u rinfreskanti mhux ftit. Din ix-xarba wieħed jista' jagħmilha billi jgħalli l-weraq niexef tan-nagħniegħ imħallat ma' dak tal-fidloqqom, skond kemm ikollok bżonn, sakemm ix-xarba jkollha lewn it-te, daqsxejn xi ftit iżjed karg. Żid iz-zokkor kif jogħġbok u ixrob jew servi sħun. Din ix-xarba hija rakkomandata ħafna għas-sogħla.

Nagħilqu din il-kitba tagħna billi ngħidu li m'hemmx għalfejn ikollok ġnien jew għalqa biex ikollok xitla tan-nagħniegħ. In-nagħniegħ jikber ukoll fil-qsari u jista' jitħalla f'ħoġor ta' xi tieqa jew f'xi bitħa, jew fuq xi ħarrieġa. L-importanti li fis-sajf ma nħalluhx jinxef bil-għatx. Għalhekk inkunu rridu nsaqquh skond kemm ikollu bżonn.

*(Jissokta)*

**Passiġġata Biblika - 16**

*"Ibqa' magħna, għax ġa sar ħafna ħin u l-jum wasal biex jintemm". (Lq 24:29)*

# IBQA' MAGĦNA... BIEX TGĦIX MAGĦNA, MULEJ!

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**Dan l-episodju taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws insibuh biss fil-vanġelu ta' San Luqa fil-kapitlu 24. Minn dan l-episodju kienet ispirata t-tema tas-Sena tal-Ewkaristija mnedija mill-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, kif ukoll il-*motto* episkopali ta' l-Isqof ġdid ta' Għawdex, Mons. Mario Grech.**

## Il-Jum

Ninsabu l-Ħadd fil-għaxija, "dak in-nhar stess", x'aktarx ftit sigħat qabel inżul ix-xemx. Mument li kien jirrifletti tassew il-moral taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, li kien wieħed baxx ħafna għax ir-Rabbi jew l-Imgħallem tagħhom Ġesù kien ġie msallab u maqtul b'mod umiljanti fuq salib fuq il-Golgota. Għalihom is-salib kien it-tmiem ta' kollox u għalhekk kull tama kienet spiċċat: "Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Israel; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!" (vers 21). Huwa l-ewwel jum tal-ġimgħa wara dak tas-Sibt, il-jum tal-Għid, it-tielet jum fuq il-Ġimgħa l-Kbira, il-jum tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt, il-jum li jimmarka r-rebħa tal-ħajja ta' dejjem fuq il-mewt, fuq kollox huwa t-tmien jum li ma jispiċċa qatt. Infatti d-dehriet ta' Kristu Rxoxt iseħħu kollha fil-jum tal-Ħadd li għalina l-insara huwa tassew Jum il-Mulej, id-'*Dies Domini*', il-laqgħa tagħna ma' Kristu Rxoxt fl-esperjenza li ngħixu fl-Ewkaristija tal-Ħadd.



## Il-Post

Ninsabu fi vjaġġ ta' żewġ dixxipli, minn Ġerusalemm lura lejn id-dar tagħhom eżattament lejn ir-raħal ta' Għemmaws, li kien jinsab madwar sittin stadju (kull stadju kien ikejjel madwar 178 metru) jiġifieri xi seba' mili jew madwar 11 il-km bogħod mill-belt ta' Ġerusalemm u għalhekk kellhom mixja ta' madwar sagħtejn. Illum l-istudjużi tal-bibbja, permezz ta' skavi arkeoloġiċi jidentifikaw ir-raħal ta' Għemmaws mar-raħal ta' *El Qubejbeh*. Bħala triq, minn Ġersualemm, li bħala belt tinsab fuq l-għolja Sijon (li tinsab madwar 750 metru fuq il-livell tal-baħar), ma hijiex xi waħda dritta imma tgħaddi minn diversi widien sa ma tieħdok għan-naħat ta' Nablus, lejn ix-xaqliba tal-Wied tal-Ġordan fejn saħansitra in-naħat tal-Baħar il-Mejjet jinsabu mhux ħażin taħt il-livell tal-baħar (madwar 400 metru taħt il-livell tal-baħar). It-triq mela terġa' tirrifletti fl-istess ħin, it-triq tan-niżla tal-fidi ta' dawn iż-żewġ dixxipli li kienu qatgħu qalbhom għal kollox.

## Il-Persunaġġi

Il-mixja tal-fidi ma hijiex mixja ta' bniedem waħdu imma hija mixja tal-komunità u fil-komunità, "tnejn minnhom" kif naraw fil-vers 13. Huwa fiċ-ċert li wieħed mid-dixxipli jismu Klejopa li x'aktarx kien jiġi minn Ġesù kif jista' jindikalna Ġw 19:25. Ma għandniex l-isem tat-tieni dixxiplu. Xi biblisti jitkellmu minn koppja, Klejopa u l-mara tiegħu u għalhekk mixja ta' familja li tiskopri lil Kristu. Oħrajn jitkellmu minn dixxiplu bl-isem ta' Xmun. Hu x'inhu, l-identità tat-tieni dixxiplu tibqa' waħda inċerta. Jista' jkun ukoll li San Luqa ried jinqeda b'dan id-dixxiplu anonimu biex jinvolvi ukoll il-qarrejja f'dan l-episodju. Għalhekk mela t-tieni dixxiplu jista' jkun inti u jien, aħna li lkoll ninsabu mexjin f'ħajjitna f'din it-triq lejn Għemmaws fejn ninsabu ukoll forsi b'qalb maqtugħa, imma l-Mulej żgur ser jakkumpanjana u mhux ser iħallina waħedna.



## Il-Kontenut

Dan l-episodju ta' Għemmaws nistgħu naqsmuh f'żewġ partijiet. Għandna l-ewwel parti fejn Ġesù jirrivela lilu nnifsu lid-dixxipli permezz tal-Kelma ta' Alla, fejn jagħtihom biex niftehmu l-ewwel lenti tan-nuċċali tal-fidi: "U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (vers 27). It-tieni parti, jiġifieri t-tieni lenti tan-nuċċali, hi dik tal-Ewkaristija fejn Ġesù jingħata lid-dixxipli fil-qsim tal-ħobż: "U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom" (versi 30 u 31), fejn fl-oriġinal grieg tal-vanġelu għandna 'sar inviżibbli' (bil-grieg: *aphantos*) minflok 'għab' u għalhekk, li minkejja ma baqax jidher, kien preżenti tassew u mhux telaq minn quddiemhom. Ġesù sar preżenti fil-ħobż, fil-preżenza ewkaristika.

## Il-Messaġġi Attwali

Waqt li x-xemx kienet nieżla, ix-Xemx tal-Ġustizzja, Kristu Rxoxt deher fosthom: "Huma u jitħaddtu u jitkellmu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom" (vers 15). Il-verb 'mexa' li fl-oriġinal grieg insibuh 51 darba f'Luqa għandu aspett teoloġiku ferm importanti li jindika vjaġġ mill-mewt għall-ħajja, vjaġġ ta' fidi, il-mixja tal-pellegrin. Ġesù qatt ma jħalli lill-bniedem waħdu, imma tassew huwa miexi miegħu biex ikun miegħu fid-diffikultajiet tal-ħajja għax hu tassew l-Emmanuel, Alla magħna. Is-sens qawwi ta' ospitalità fil-kultura biblika narawh ukoll f'dawn id-dixxipli li jistiednu lil dan il-'barrani' biex jibqa' u jgħaddi l-lejl għall-kenn tad-dar tagħhom. Il-frażi qawwija "Ibqa' magħna" fil-vers 29, li fil-grieg tinqara '*Meinon meth' hemon*', tfisser eżattament "ibqa' biex tgħix magħna" għaliex il-verb grieg '*menein*', li nsibuh 118 il-darba fil-Ġdid Testment, ifisser mhux biss 'tibqa'', imma ukoll 'tgħix', 'toqgħod biex tgħix ma' xi ħadd': "Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija." (Gw 15:4). Fil-qsim tal-ħobż iż-żewġ dixxipli jgħarfu lil Ġesù li sar preżenti quddiemhom fl-Ewkaristija u minkejja li kien bil-lejl marru lura lejn Ġerusalemm, mimlija kollha fidi u ħajja, ixandru li huma ukoll ltaqgħu mal-Irxoxt. Hekk ukoll tagħmel magħna l-Ewkaristija li tbiddel il-qalb tal-bniedem u toħloq fina ħajja ġdida għax "il-Mulej qam tassew". Il-mixja tad-dixxipli ta' Għemmaws hija għalhekk il-mixja tiegħek ma' Kristu fil-Knisja fit-triq lejn Ġerusalemm tas-Sema.

## Biblijografija


Bottini, G.C., *Introduzione all'opera di Luca. Aspetti teologici*, Studium Biblicum Franciscanum. Analecta 35, Jerusalem 1992.

Ernst, J., *Il Vangelo secondo Luca*, I-II, Brescia 1985.

Fausti, S., *Una comunità legge il vangelo di Luca*, Bologna 2001.

Fitzmyer, J.A., *The Gospel According to Luke. Introduction, Translation, and Notes*, New York – London – Toronto – Sydney – Auckland 1985.

Reiling, J. – Swellengrebel, J.L., *The Gospel of Luke*, New York 1971.

**LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA** — **Minn George N. Cassar**

# "MOLTIŻ GEMGEM"

**Illum il-ġurnata fil-gżejjer Maltin kull parroċċa , jekk mhux ukoll kull banda , tista' tiftaħar li għandha l-kor tagħha. Biss biss, f'Għawdex ċkejken tagħna, għandna 24 kor. Fost dawn il-korijiet kollha, l-ikbar u l-eqdem wieħed huwa l-kor nazzjonali mlaqqam "Moltiż Gemgem" - isem li, kif jgħidu, kien tahulna wieħed mill-Gvernaturi meta drana u tgħallem minn xiex inbatu. Billi dal-kor nazzjonali jgħaddi bla kunċerti, huwa wkoll l-iktar wieħed stunat. Dal-kor ta' tgergir tista' tgħid nisimgħuh kuljum iżarżar f'widnejna. Għalhekk kelli raġun inġib għajnejja wara widnejja meta dan l-aħħar ħarġet l-aħbar li l-poplu Malti huwa l-iktar poplu ferħan li hawn fuq wiċċ id-dinja!! Min l-għaxqa tiegħu jgerger fuq kull fettuqa ma nafx kemm jista' jqis ruħu li huwa kuntent.**

Ħa ngħiduha kif inhi, mhux il-poplu Malti biss igerger. Min jagħmilha mal-barranin malajr jintebaħ li f'dil-materja m'aħniex xi fula f'qargħa. Fost is-seba' nani tal-ħrafa wieħed biss kien minn qaddisu gemgumi, imma fil-ħajja, xi ftit jew wisq, igerger kulħadd. Erħilu lil dak ix-xwejjaħ il-ġurnata kollha jgemgem u jmaqmaq, donnu ma jogħġbu xejn; u bħalu sejra tgorr il-qanżħa l-oħra, dik il-mara tad-dar, għax, kif tgħid hi, dejjem sejra bla nifs, tnaddaf u tkeċner, u ħadd ma jbill sebgħu għall-ilma mbierek. Tgerger ix-xebba b'żewġ gwardarobbi mimlija sa ruħ ommhom bl-ilbies u tgħid li x'tilbes m'għandhiex; u jgerger il-ġuvnott għax il-buttuna tal-qmis ma waħħluhilux u l-qalziet ma għaddewhulux. Igerger il-ħaddiem għax waqqfulu s-sahra u jgerger min iħaddmu għax il-kompetizzjoni qed tikber u l-qligħ dejjem nieżel. Igerger il-fqir għax nieqes mill-flus u jgerger is-sinjur għax mhux ħlief joħroġ mill-ħażna li għandu. Għandek tgħid tant drajna ngergru li jekk tistaqsi lil xi ħadd kif inhu sejjer u dax-xi ħadd jinzerta miexi ħarir, it-tweġiba donnha tkun fil-komma u jgħidlek bla tlaqliq : "U iva, m'għandix imniex ingerger." Miskin, kemm hu rassenjat, hux!

### Tgergir ġustifikat

Dil-litanija tat-tgergir mhijiex dejjem bla sens. Tabilħaqq, bosta huma dawk li jgergru fuq il-ftietaq, imma jiġu ċirkostanzi meta t-tgergir ikun ġustifikat. Idħol miegħi f'dil-fabbrika u osserva x'tip ta' mgħallem hemm idur fuq il-ħaddiema. Ifakkrek fl-argużin. Inzerta bniedem iebes li malli laħaq fejn kellu jilħaq, flok xammar il-qmis, xammar imnieħru. Arah ifittex ħa jsib l-iżbalji, qisu l-plamer qed ifittex it-toqob li jrid isodd. Taqta' barra xi żewġ bażużli, ħadd mill-ħaddiema ma jġerrgħu; igergru minnu għax ma jirraġunax u xejn mhu prattiku. Issa erġa' ejja miegħi, isma' 'l siehbi kif fetħilha jgerger u għandu elf raġun. Il-bajjad rega' daħak bih, reġa' ma marlux; ilu jwiegħdu ħmistax, ġej, ġej, ġej u ma jiġi qatt. Quddiem in-nuqqas ta' rġulija mhux biss jagħtik li tgerger imma tispiċċa biex titlef sabrek u x'aktarx titlef l-erre wkoll.

### Tgergir li jmarrdek

Idejqek u jagħtik fastidju biex ma ngħidx imarrdek dak il-fonqla jew il-pittma li jgerger għal xejn b'xejn. Isimgħu, jibqa' sejjer igerger, ma jieqaf qatt, anqas jekk tagħmillu l-anġli jiżfnu. Tistħajlu qed jisserra biċċa njama mimlija ingroppi. Tiltaqa' ma' min donnu l-missjoni tiegħu fil-ħajja hija dik li jgerger u jmaqmaq minn kollox u jfittex ix-xagħra fl-għaġina. Issib min f'wiċċek ma jazzardax jgħid kelma imma wara dahrek erħilu jgerger kemm jiflaħ. Hemm imbagħad min igerger għax ikun frustrat u jkun irid iniggeż, qisu għandu balla fuq l-istonku tiegħu u jrid jeħles minnha. Flok jipprova joffri soluzzjoni, jipponta sebgħu lejn ħaddieħor u jikkritika addoċċ. Faċli tiftaħ fommok u tifthilha tgerger.

Fil-ħajja, hawn min jippretendi żżejjed. Jekk fuq il-mejda qed tasallek il-ħobża ta' kuljum, f'ġieħ l-erwieħ taz-zuntier, taqbadx tgerger għax flok ħobża trid kejk. Ilek inqas minn sena li sibt ix-xogħol; ma nafx x'wiċċ tost irid ikollok biex tibda tgerger ma' sħabek għax diġa' qed toħlom biż-żieda. Biex tnaqqas it-tgergir, trid tinża' xi ftit mill-qoxra ta' l-egoiżmu u tidra taħseb iktar fil-bżonnijiet ta' l-oħrajn. Smajnieha kemm-il darba l-istorja tat-tifel li lil ommu kililha qalbha igerger għax riedha tixtrilu żarbun ġdid, sakemm fl-aħħar jilmaħ tfajjel ta' mparu bla saqajn, fuq siġġu tar-roti. Hekk kif rah, siket u tbikkem.

Bla dubju, l-agħar forma ta' tgergir hija tal-bniedem ingrat li jgerger kontra l-istess benefattur tiegħu. L-imġiba ta' dal-proxxmu tfakkarni fil-ħrafa tax-xmajjar. "M'intix timxi ta' raġel magħna," gergrulu x-xmajjar lill-baħar b'vuċi waħda. " L-ilma tagħna huwa safi . Bih tissaqqa l-art u bih jaqta' l-għatx il-bniedem. Imma, hekk kif inferrgħuh ġo fik, int tmellaħhulna." Il-baħar ma riedx joqgħod taħtha din it-tgergira u lix-xmajjar ħadhom waħda. "Ħadd ma bagħat għalikom ," qalilhom imdagħdagħ. "Agħmluli pjaċir, tiġux aktar tferrgħu l-ilmijiet tagħkom għandi. Bikom u mingħajrkom ngħaddi xorta waħda."




Nikkonkludi malajr malajr b'dil-ħrafa ta' Eżopu li ma nispiċċax indejjaq lill-qarrejja u hekk inżid inkabbar u nsaħħaħ il-kor nazzjonali li semmejt fil-bidu. Dun Anton li jieħu ħsieb dir-rivista żgur li jisma' b'dat-tgergir u nista' nobsor x'jiġri: jonfor nafra u jibda jgerger hu wkoll.

*Nota ta' l-awtur : Għidt li sa nieqaf, imma reġa' bdieli - jiġri x'jiġri . Ha nazzarda nżid feles - traduzzjoni ta' ftit versi bl-Ingliż li ġew f'idejja m'ilux:*

**Qabel ma...**

- Qabel ma tgerger u tilmenta kemm hi iebsa l-ħajja, **aħseb f'xi ħadd li miet qasir il-għomor.**
- Qabel ma tgerger għax l-ikel m'għoġbokx, **aħseb f'xi ħadd li qed jinfena bil-ġuħ.**
- Qabel ma tgerger kontra martek jew żewġek, **aħseb f'xi ħadd li spiċċa jgħix waħdu, qalbu mxennqa għal daqsxejn tal-kumpanija.**
- Qabel ma tgerger fuq uliedek, **aħseb f'xi ħadd li jixtieq li jkollu t-tfal imma ma jistax.**
- Qabel ma tgerger fuq l-impjieg li għandek, **aħseb f'xi ħadd li hu qiegħed,** jixtieq l-istess xogħol li għandek int, jew f'min għandu xi diżabbiltà u ma jistax jimpjega ruħu.

**Il-ħajja hija rigal: Għixha, ifraħ biha u gawdiha u taħli xejn minnha.**

*George N. Cassar*

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

The Showcase

SCICLUNA
*HOUSEHOLD GOODS*
The household department store for the housewife, with two levels, where one can find his home need, under one roof, with very competitive prices, quality and service.

THE GIFT SHOP WITH AN EXCLUSIVE RANGE OF GIFTS FOR ALL YEAR ROUND SPECIAL OCCASIONS

CANE SHOP
*THE "NUMBER ONE" IN GOZO*
The wicker and rattan shop with a vast range of cane furniture. We can also accept nonstandard sizes according to the customer request.

**Scicluna Household Goods (Gozo) Ltd. - 32 Palm Street, Victoria VCT 103.**
***Tel: 2155 4137 - 2155 6493 Fax: 2156 1681 Email: sciclunajg@vol.net.mt***

Fl-okkażjoni ta' Għeluq l-Ewwel Sena tal-Pontifikat ta' Benedittu XVI

# ALLA JĦOBB IL-KNISJA U JAĦSEB FIHA

## Ħsibijiet u Kummenti minn Mons Anton Gauci

Il-Papa Ġwanni XXIII kien bniedem qaddis , tant li llum inqimuh bħala Beatu. Għamlilha ġid kbir lill- Knisja wara li ntagħżel kap tagħha. Fost il-karatteristiċi tal-kobor tiegħu, hemm dik li tnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu biex iżomm Konċilju Ekumeniku.

### *Il-Konċilju*

Rigward dan il-Konċilju Vatikan II, intqal li permezz tiegħu, infetħet tieqa sabiex fil-Knisja tidħol arja moderna. Bosta kienu l-kittieba li stqarrew apertament li kienet meħtieġa din l-arja għall-ħajja tal-Knisja. Arja moderna fl-imġieba tal-membri tal-Knisja, saċerdoti u lajċi. Arja moderna anki fil-mentalità tal-membri tal-familja t'Alla.

Arja moderna, b'mod partikulari, fil-qasam liturġiku. U mhux biss bis-seħħ ta' dak li huwa magħruf bħala "*Novus Ordo*", imxandar mill-Papa Pawlu VI fl-1969. Arja li ġabet il-ġid, arja intiża biex iġġib il-ħajja; ħajja fl-ispirtu reliġjuż tal-poplu t'Alla u ħajja saħansitra fir-relazzjonijiet ta' wlied il-Knisja ma' ħuthom barra mill-merħla ta' Kristu.

Biżżejjed insemmu l-fenomenu ta' l-ekumeniżmu. Anzi nsemmu t-tagħlim ta' dokumenti bħal dak '*Aetate nostra*'. U, forsi aktar milli għat-'tagħlim', għal dik li hija prattika tal-ħajja – ir-relazzjonijiet bejn id-diversi kategoriji ta' nsara u r-relazzjonijiet anki ma dawk li mhumiex insara. Iva, nifirħu li nfetħet tieqa biex tidħol arja ġdida u pura fuq il-Knisja.

Iżda, sfortunatament, mhux dak kollu li daħal minn din it-tieqa fil-fatt għamlilha veru ġid lil din l-għarusa ta' Kristu. Tant mhux kollox għamlilha ġid, li deher anki l-kumment: 'Infetħet tieqa għall-arja u daħal uragan sħiħ'. Ma nafx hux b'rabta anki ma'dan kien qed jitkellem il-Papa Pawlu VI meta , fit-30 ta' Ġunju 1972, stqarr li "daħal id-duħħan ta' Satana fit-tempju t'Alla".

Illum, wara erbgħin sena mill-Konċilju, b'dispjaċir nammettu l-eżistenza ta'dan l-'uragan'. Uragan fl-imġieba ta' bosta membri tal-Knisja u uragan fil-veduti ta'xi wħud minn ulied l-istess Knisja fejn jidħol il-qasam tat-tagħlim. F'xi każi forsi anki, u dan ngħiduh b'dispjaċir enormi, fejn tidħol il-verità tad-dommi tal-fidi!

Veru jew mhux veru li kellna xi għalliema fil-Knisja li ma wrewx ruħhom fidili lejn it-tagħlim tagħha? Veru jew mhux veru li, f'ħafna oqsma, rajna nuqqas ta'dixxiplina? Nuqqas ta'dixxiplina mhux biss fil-qasam ta'l-imġieba tal-ħajja, imma anki f'dak tat-tagħlim. Kellna numru ta' teoloġi li żbaljaw fit-tagħlim tagħhom u kellna numru wisq akbar ta' saċerdoti li ħallew il-missjoni tagħhom. Kellna anke isqfijiet li naqsu, tant f'qasam kemm f'ieħor!

Forsi riflessjoni serja fuq dak li rajna f'dawn l-aħħar erbgħin sena, twassalna biex niftakru almenu f'xi kliem li darba kien qalilna Sidna Ġesù Kristu stess. Meta lil Pietru qallu: '*Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex.*' (Mt.15,18). Kemm hu ta'faraġ anki dak il-kliem li bih jispiċċa l-Vanġelu ta'



San Mattew: '*Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien*' (Mt.28, 20). Ma nafx x'kien jiġri mill-Knisja wara l-maltemp kollu li ltaqgħet miegħu f'elfejn sena, kieku ma vverifikatx ruħha din il-wegħda jew assikurazzjoni ta'Alla Nnifsu!

## *IL-PAPA RATZINGER*

Mexxej tal-Knisja, li jidher tassew imħasseb fuq id-duħħan ta'Satana li daħal fit-tempju t'Alla, huwa l-Papa li Alla l-Imbierek, fil-providenza tiegħu, poġġa sena ilu fit-tmun ta'din il-merħla ta' Kristu. Aktarx li Ratzinger tal-lum mhux għal kollox Ratzinger ta' erbgħin sena ilu. Dawk li qraw kotba bħal '*The Rhine flows into the Tiber*' ta' Fr. Ralph Wiltgen, u jsegwu l-imġieba ta' Papa Ratzinger u dik tal-Kardinal Ratzinger bħala Kap tal-Kongregazzjoni għad-Dutrina tal-Fidi, żgur li jaraw kuntrast kbir bejn il-veduti ta' Ratzinger tal-lum u dawk ta' Ratzinger saċerdot żagħżugħ u konsulent ta' l-Isqfijiet Ġermaniżi fil-Konċilju Vatikan II.

Hija grazzja kbira t'Alla meta saċerdot li forsi f'żogħżitu kien xi ftit liberali żżejjed, biż-żmien jinxtħet sewwa favur is-safa tat-tagħlim tal-Knisja kif mogħti lilha mill-Iskrittura Mqaddsa, minn Missirijiet il-Knisja u mill-Maġisteru tagħha. Dan żgur huwa Ratzinger tallum u dan żgur kien Ratzinger il-Prefett tal-Kongegrazzjoni li qabel kienet magħrufa bħala 'Is-Sant' Uffiċċju'. Meta mbgħad tara li Alla jagħżillek bniedem ta'din l-esperjenza biex imexxi l-Knisja tiegħu, ma tistax ma tistqarrx kemm Alla tabilħaqq iħobb il-Knisja tiegħu u jaħseb fiha! Naturalment lil dawk li ma jogħġobhomx it-tagħlim tal-Knisja, għax mixħuta fuq id-dinja u l-kapriċċi tan-natura, il-Kardinal jew Papa Razinger ma jidhirx sabiħ. Hekk rajna li ġara fis-snin l-imgħoddija u hekk qegħdin naraw jiġri llum.

Meta snin ilu tkellem fuq it-Teoloġija tal-Liberazzjoni, u tkellem sewwa ħafna, lil xi wħud ma għoġobhomx. Meta f'Settembru 2000 b'dokument maħruġ mill-Kongregazzjoni li tagħha kien kap, sostna li l-vera Knisja hija biss waħda, lil bosta ma għoġobhomx. (Għal dan id-dokument, fl-20 ta' Settembru 2000 jiena ħassejt id-dmir li niktiblu, nifraħlu u ninnota li '*Id soda, anki jekk waħda prudenti, hija xi drabi meħtieġa ħafna sabiex twaqqaf it-tagħlim mhux ortodoss li għandna fostna*').

Jekk jieħu xi passi dixxiplinari flokhom u meħtieġa, bħalma għamel dan l aħħar, jista'jkun li lil xi wħud ma



jogħġbuhomx, B'dak li qal fuq l-omosesswalità b'referenza għal dawk li jridu jsiru saċerdoti, aktarx li ma għoġobx lil kulħadd. U lanqas għoġob lil kulħadd b'dak li dan l-aħħar, fil-25 ta' Novembru 2005, qal fuq 'l-użu tal-kontraċettivi jew inkella r-riproduzzjoni artifiċjali'.

Iżda l-fatt li Ratzinger, bħala Kardinal jew bħala Papa, ma jogħġobx lil kulħadd,ma jfissirx li kien hu li mar żball. Ifisser biss li kien kuraġġuż u għamel dmiru skond ma jitlob minnu l-uffiċċju li għalih Alla l-Imbierek ħatru. Lanqas Sidna Ġesù Kristu ma kien jogħġob lil kulħadd. Tant ma kienx jogħġob, li waslu biex qatluh! Aħna nafu li n-natura umana, għax dgħajfa , hija inklinata lejn il-permissiviżmu u lejn l-abbużi. Għaldaqstant teħtieġ min jifthilha għajnejha, forsi anki kontinwament. Huwa l-istess Alla li, għax iħobb lill-bnedmin, anki jekk midinbin, ipoġġi fuqhom ragħajja li jifthulhom għajnejhom u jippruvaw iżommuhom fi ħdan il-merħla tiegħu . Dan jagħmlu sabiex in-ngħaġ ma jintilfux. Fid-dinja hawn wisq fatturi li jmexxu lin-ngħaġ lejn it-telfien. Qegħdin narawh b'għajnejna u mmissuh b'idejna, mingħajr ebda bżonn li noqgħodu mmorru 'bogħod minn pajjiżna.

Iva, fl-għażla tal-kardinal Ratzinger bħala suċċessur ta' San Pietru, jiena rajt prova ta' kemm Alla jħobb il-Knisja: għoġbu jagħtiha mexxej skond ma jitolbu ż-żminijiet. Imma nara anki prova fil-fatt li jkompli jassisti u jagħti l-kuraġġ lill-magħżul tiegħu biex jaqdi dmirijietu bla biża' u skond it-tagħlim sod li l-Knisja tatna għal elfejn sena.

**ERRATA CORRIGE**

"B'riferenza għall-artiklu ta' Pawlu Mizzi "Serafinu" li deher fir-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" ta' Marzu 2006, is-Soċjetà Filarmonika Leone tal-Belt Victoria tiġbed l-attenzjoni tal-qarrejja ta' din ir-rivista fejn inkiteb li Ġużeppi Cutajar '*kiteb l-innu tal-banda ta' Crescimannu*'. Ġużeppi Cutajar hu l-awtur tal-kliem ta' l-innu tal-Banda Leone mmużikat mis-Surmast Ġużè Stivala u mhux ta' Mro. Orlando Crescimanno. L-Innu tal-Banda Leone ta' Mro. Stivala żżanżan fl-33 meta l-Banda Leone fakkret għeluq is-70 anniversarju tagħha. Ta' min jgħid li din is-sena jaħbat għeluq il-100 sena mit-twelid tal-poeta u kittieb Għawdxi, Ġużeppi Cutajar magħruf bħala 'ta' Serafinu'"- *Mario Gatt, Segretarju Soċjetà Filarmonika Leone, Victoria.*

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidma u Proġetti b'risq iż-Żebbuġ u ż-Żebbuġin

**Jikteb Charles Saliba, Sindku taż-Żebbuġ**

**Sa mill-bidu tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex) il-Kunsill ħadem bla heda biex itejjeb id-dehra tal-lokalità tagħna. Dan dejjem għamilnih bi skop wieħed biex iż-Żebbuġin u r-residenti tal-lokalità tagħna jkunu jistgħu jgawdu ħajja aħjar.**

Jekk wieħed imur lura sa qabel ma ġew introdotti l-Kunsilli Lokali nsibu li biex issir xi ħaġa fil-lokalità tagħna jrid jitfaċċa xi qaddis, jieħu grazzja magħna u kien jara kif jingħoġob ma dak u ma l-ieħor dejjem bi skop wieħed, li jkabbar l-appoġġ tar-raħal tagħna lejh personali, jew ġie li saru għall-vantaġġ ta' xi ħadd u bi żvantaġġ ta' xi ħadd ieħor. Bit-twaqqif tal-Kunsill Lokali, iż-Żebbuġ tagħna kif ukoll il-kumplament tal-lokalità bħal bajjiet li huma parti mill-lokalità tagħna, Marsalforn, il-Qbajjar u x-Xwejni u tibqa' sejjer sa Wied l-Għasri, raw kambjament kbir.

### IT-TOROQ

Fost il-kambjament kbir li l-Kunsill Lokali ġab miegħu hwmm il-kisi ta' toroq bit-tarmak. Ma hemmx għalfejn issemmi triq triq fiż-Żebbuġ għax kull ma fadal toroq bla tarmak iż-Żebbuġ huma ftit. Il-ħsieb tagħna hu li sa l-aħħar ta' din il-leġislatura ż-Żebbuġ, ikun lest mit-tarmak. Barra minn hekk għamilna programm ta' toroq ġewwa Marsalforn u kważi t-toroq li jduru mal-Qolla s-Safra huma miksija bit-tarmak. Fil-bidu ta' din il-leġislatura dorna dawra t-toroq ta' madwar il-knisja ta' San Pawl kif ukoll quddiem il-knisja. Għad ma għandniex kollox lest, anzi ngħidu b' wiċċna minn quddiem li għad fadal ħafna xi jsir. Din is-sena dorna dawra quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsalforn kif ukoll il-Menqa. Barra li nieħdu ħsieb it-toroq residenzjali rridu nieħdu ħsieb ukoll it-toroq arterjali. Bdejna mit-Triq tal-Ħamra li minn ħdejn iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ twassal sa Marsalforn. Ħriġna sejħa għall-offerti u l-kuntrattur diġa ntagħżel biex dan is-sajf jibda x-xogħol. Qegħdin nirranġaw Triq Għajn Melel, dik it-triq li miż-Żebbuġ tgħaqqad ir-raħal max-Xwejni. Wara għandna l-ħsieb li noħorġu sejħa għall-offerti biex nibnu l-ħitan u nirranġawha kif jitolbu ż-żmenijiet ta' llum.



Nipprovaw nirranġaw sa fejn hu possibbli t-toroq u passaġġi għall-bdiewa tagħna. La qegħdin insemmu t-toroq il-Kunsill għandu l-ħsieb li għalkemm it-triq prinċipali mhix taħt ir-responsabilità tal-Kunsill, xorta waħda nġibuha konformi ma' l-isem li ġġib u verament tkun it-triq taż-Żebbuġ. Qegħdin inħawwlu ħafna siġar taż-żebbuġ mat-triq kollha u għandna l-ħsieb li 'l quddiem fid-daħla tar-raħal nirranġaw Ġnien iż-Żebbuġ. Irrid ngħid ukoll li sa issa rnexxilna nirranġaw ismijiet tat-toroq li jirriflettu identità Żebbuġija. Grazzi tal-koperazzjoni li nsibu mill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

### PJAZZA B' IDENTITÀ ŻEBBUĠIJA

Bħala parti mill-programm ta' ismijiet li jirrifletti l-identità Żebbuġija, barra li l-pjazza ta' quddiem is-Santwarju semmejniha Pjazza l-Assunta u sar programm ta' tisbiħ fiha, qegħdin naħdmu fuq pjazez oħrajn. Dan l-aħħar barra li r-*roundabout* ta' Triq Skapuċċina semmejniha Pjazza Santa Marija tal-Virtut, qegħdin fuq programm biex din nirranġawha u nsebbħuha. Irridu nirranġaw u nżejnu wkoll Pjazza Qalb ta' Ġesù. Pjazez oħrajn irridu nieħdu ħsiebhom biex ikunu aktar attraenti.



## KORSIJIET TA' TAGĦLIM

Mhux l-ewwel darba li l-Kunsill nieda korsijiet ta' tagħlim għaċ-ċittadini Żebbuġin u r-residenti. Saru korsijiet fuq il-kompjuter, ganutell, kif ukoll tal-*pottery*. Qegħdin naħdmu biex nintroduċu l-kors fuq il-parċmina. Ta' min isemmi li l-Kunsill Lokali Żebbuġ jaħdem id f' id ma' l-Iskola tar-raħal Mons. Ġian Andrea Vella, u jagħti prijorità lit-tagħlim liċ-ċittadini Żebbuġin.

## TIFKIRIET

Bħalissa l-Kunsill Lokali, barra l-programm ta' toroq u pjazez b' identità Żebbuġija, għaddej bi programm li tirrifletti l-istorja tal-lokalità tagħna. Jekk l-isem tal-lokalità tagħna ġej mis-siġra taż-żebbuġ nemmnu li din is-siġra għandha tkun is-siġra li tiddomina fil-lokalità tagħna. Għażilna u bir-raġun li Jum iż-Żebbuġ ikun nhar it-28 ta' April li storikament imur lura sa mill-1688 it-twaqqif tal-parroċċa. Il-Kunsill qiegħed jaħseb biex iwaqqaf monument jew mafkar ta' din il-ġrajja. Iż-Żebbuġ ta l-kontribut tiegħu fit-taqbida kontra l-għadu u qegħdin fi stadju avanzat biex inwaqqfu monument lil erba' vittmi Żebbuġin tat-tieni gwerra dinjija. Bħala parti minn din l-epoka naddafna ix-xelters tal-gwerra fid-daħla tar-raħal u kull sena nifthuhom u nieħdu lill-ulied ir-raħal iżuruhom.

## ĠEMELLAĠĠ

Il-lokalità tagħna xejn inqas minn irħula oħra, għandha ġemellaġġ mal-Comune ta' Maletto provinċja ta' Catania fi Sqallija. Kienu bdew it-taħdidiet kmieni fis-sena 2001 u wara kuntatti kontinwi grupp ta' mija u erbgħa minn Maletto ġie fostna u f' Novembru 2002 sar l-ewwel ftehim. Għadda ż-żmien u kif bdejna l-leġislatura preżenti fl-2004 tajna prijorità biex dan il-ġemellaġġ ikun konkluż. Għalhekk f' Ġunju tas-sena 2005 grupp ta' mija u ħames Żebbuġin salpajna lejn Maletto fejn, barra li ffinalizzajna



l-ġemellaġġ, qattajna ħamest ijiem għand il-ħbieb tagħna Sqallin b'sodisfazzjon għal kull min ipparteċipa. Il-kuntatti mal-ħbieb tagħna f'dan il-ġemellaġġ għadhom jifjorixxu.

## IL-PASS LI JMISS

Qegħdin inħarsu ftit il-bogħod. Irridu naħtfu l-opportunità li issa ġiet fuq pajjiżna wara li sirna membri tal-Unjoni Ewropeja. Qegħdin naħsbu biex infasslu programm fejn inkunu nistgħu nibbenifikaw minn din is-sħubija. Għandna l-ħsieb li dak li darba kien il-'lok ta' Għajn Mhelhel', razzett abbandunat u mwaqqa', nġibu fondi mill-Ewropa u nikkonvertuh f' ċentru ta' attivitajiet kulturali. Għadna l-bogħod, però għandna r-rieda u l-kapaċità li fl-aħħar naslu. Dan ikun akkwist kbir kemm għall-Kunsill kif ukoll għal-lokalità kollha. Qegħdin infittxu programm fl-Unjoni Ewropeja fejn iċ-ċittadini tagħna jipparteċipaw fi żjarat u attivitajiet kulturali.

Nafu wkoll li ż-Żebbuġ mal-medda taż-żmien kellu għadd ta' missjunarji. Kellna għadd ta' missjunarji li mietu fl-artijiet tal-missjoni l-bogħod minn art u raħal twelidhom. Dawn huma fost l-akbar benefatturi tagħna. Il-lokalità tagħna għad għandha dejn magħhom. Il-benefatturi Żebbuġin għandhom ikunu parti integrali mal-istorja ta' raħalna.

## IL-BAJJIET TAGĦNA

Bħala parti mill-programm ta' xogħol u tisbiħ fil-lokalità Żebbuġija, il-Kunsill għaddej b' xogħol kontinwu fil-bajjiet ta' Marsalforn, il-Qbajjar u x-Xwejni. Irridu li meta t-turisti kemm Maltin kif ukoll barranin ikunu fostna iħossuhom milqugħa fil-lokalità tagħna. Fadal ħafna xogħol li jrid isir, però determinati li nġibu riżultati tajbin. Il-parteċipazzjoni tat-talent Żebbuġi f'attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill Lokali hija waħda nkoraġġanti.

## AFFARIJIET OĦRA

Dan l-aħħar il-Kunsill iddeċieda li jwaħħal xi għejjun ta' l-ilma fejn dari kien hemm xi waħda. Għandna oħrajn approvati li 'l quddiem iridu jsibu posthom fl-ambjent Żebbuġi. Għajn partikulari hija dik li għamilna fil-bidu tar-raħal. Kulħadd qiegħed isibha bħala 'l-Għajn tal-Kunsill'. Ġbarna l-ilma tal-għolja li kien jinħela u ħafna nies qegħdin jużawh għat-tisqija. Barra minnhekk komplejna nsebbħu parti oħra mill-lokalità tagħna.

## KONKLUŻJONI

Dan ix-xogħol qed nagħmluh b' determinazzjoni u b' kuraġġ. Is-sapport u l-kuraġġ taż-Zebbuġin ma jonqosx. Dan jikkonvinċina biex ilkoll naħdmu għal lokalità Żebbuġija aħjar.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Fra Krispin Zammit, Kapuċċin*

## *3. Il-ħajja spiritwali u l-mewt qaddisa tiegħu*

Fra Krispin kien magħruf minn ta' madwaru bħala qaddis. Dan naturalment huwa dovut għall-eżempji sbieħ tiegħu u għall-ispiritwalità ġenwina tiegħu.

Għalkemm huwa kien impenjat fix-xogħol ta' ċirkatur, madanakollu qatt ma ħalla l-ispirtu tat-talb. Infatti kull fejn kien ikun, jiġifieri fil-knisja, fil-kunvent, jew fit-triq, dejjem kien iżomm f'idejh il-kuruna tar-Rużarju biex jinġabar fi spirtu ta' talb. F'kelma waħda kien bniedem miġbur mehdi l-ħin kollu f'Alla. Qatt ma kien jgħejja jimmedita fuq il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu kif ukoll fuq il-missier spiritwali tiegħu San Franġisk ta' Assisi.

Nistgħu ngħidu li l-ħin biex jitlob kien irid jisirqu mhux bħal dawk ir-reliġjużi li jgħaddu ħafna mill-ħin tagħhom fil-kunvent. Kien iżur b'devozzjoni kbira lil Ġesù Sagramentat kif ukoll kien jagħmel sagħtejn meditazzjoni kuljum kif kienu jippreskrivu l-Kostituzzjonijiet ta' l-Ordni tiegħu. Żewġ xhieda jgħidu li darba raw fjamma tan-nar ħierġa minn taħt riġlejh waqt li kien qiegħed jitlob.

Ladarba kien iħobb daqshekk lil Ġesù ma kienx jonqos li jkun devot mill-kbar ta' Marija. Wiċċu kien jixgħel meta kien jisma' xi ħadd jippriedka jew jitkellem fuq il-kobor tagħha. Lejha rrikorra fil-bżonnijiet tiegħu filwaqt li meta kien jitkellem man-nies kien iħajjar għad-devozzjoni lejha.

Bilkemm kien għadu ħa l-abitu reliġjuż li s-superjuri tiegħu ma ndunawx li kien qiegħed miexi fit-triq tal-qdusija. Qagħdu ħafna attenti biex Fra Krispin ma jaqax fil-vanaglorja iżda huwa dejjem ħarab l-unuri u dejjem żamm ruħu fit-triq ta' l-umiltà u s-satra.

Fis-sena 1867, il-marda ta' l-idopropsija għamlet tagħha u Fra Krispin kien batut mhux ħażin. Kienu jisimgħuh jgħid li dawn it-tbatijiet kienu ta' kastig għal dnubietu kif ukoll kien jirrikorri ta' sikwit għand il-Verġni Marija. Kull meta kien iżuru l-konfessur kien jistqarr miegħu li ma kienx jibża' mill-mewt. Meta sema' li kienu ser jagħmlulu l-aħħar sagrament stqarr: "O Ġesù, inti taf tajjeb f'liema lok sejjer tidħol u kemm huwa indenn tiegħek, Ħallieq ta' kollox; imma minnħabba l-ħniena tiegħek l-iżjed kbira, kelma waħda biss kienet tkun biżżejjed biex tnaddfu u tagħmlu għamara xierqa tal-maestà mqaddsa tiegħu."

Fra Krispin miet b'fama ta' qaddis kif ukoll wara mewtu bosta rrikorrew għandu fit-talb tagħhom u qalgħu bosta grazzji.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela kienet ibbażata fuq il-ktejjeb 'Ħajja tal-Qaddej ta' Alla Fra Krispin minn Għawdex, ajk kapuċċin tal-provinċja ta' Malta', miktub P. Elija minn Ħal Lija O.F.M. Kap, Malta 1956).*

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




### *Jirringrazzja pubblikament lill-Papa*

Abdul Rahman, in-nisrani konvertit Afgan li ġie kkundannat għall-mewt talli abbanduna l-fidi Musulmana imma mbagħad ġie meħlus taħt pressjoni internazzjonali, radd ħajr pubblikament lill-Papa Benedittu XVI għall-intervent u s-sapport tiegħu. Skond l-aġenzija ta' l-aħbarijiet ANSA, Rahman, li issa nghata kenn fl-Italja, qal li qatt ma jrid li jirritorna f'pajjiżu l-Afganistan. "Nirringrazzja l-Papa, il-gvern Taljan u dawk kollha li għenuni", qal waqt intervista fuq it-TV Taljan. Benedittu XVI appella lill-president ta' l-Afganistan għall-ħelsien ta' Rahman, f'telegramm mibgħut mill-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan.

### *Għadd kbir ta' magħmudijiet*

Fid-Djoċesi ta' Hong Kong se jitgħammdu 2,400 katekumeni fil-Vġili tal-Għid ta' din is-sena: numru mill-aktar kbir ta' persuni. L-Isqof ta' Hong Kong, il-Kardinal Joseph Zen Ze-kiun, fost l-aħħar kardinali li saru xi ġimgħat ilu, xebbaħ il-katekumenat mal-għerusija u ġie rrapurtat li qal li bil-magħmudija fl-Għid, wieħed ikun qisu qed jiżżewweġ lill-Knisja. Minkejja ż-żieda tal-Kattoliċiżmu fiċ-Ċina, ir-relazzjonijiet bejn il-Vatikan u l-pajjiż komunist għadhom dgħajfa. Fiċ-Ċina tinsab Knisja sponsorjata mill-gvern li tiskoraġġixxi l-fidili, xi drabi bil-vjolenza, milli jingħaqdu mal-Papa. Intant, hemm wkoll Knisja kbira klandestina, leali lejn il-Papa, imma esperti jgħidu li l-libertajiet reliġjużi tagħha qed jiġu mittiefsa mill-gvern.

### *Favur il-ħajja u l-familja*

Gruppi *pro-life* fl-Arġentina ppreżentaw talba ffirmata minn 250,000 persuna lil-leġislaturi biex dawn ma jillegalizzawx l-abort fil-pajjiż. Gruppi *Pro-family* ġabru aktar minn 30,000 ittri mingħand it-tfal biex jitolbu l-Qorti Kostituzzjonali tal-Kolombja biex ma jillegalizzax l-abort fil-pajjiż. Fost it-temi komuni fl-ittri, kien hemm: "Jiena naħseb li jekk il-mamà tiegħi abortietni, jien ma kontx ikun hawn u ma kontx inkun jista' nifraħ bi ħbiebi, bin-natura, u tant ħwejjeġ sbieħ fil-ħajja".

### *Favur iż-żwieġ "kif mifhum storikament", bejn raġel u mara biss*

Il-Prim Ministru ta' l-Awstralja John Howard qal li hu se jopponi kull liġi ġdida li tillegalizza l-unjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess. Howard qal li ma jridx iħalli l-istituzzjoni taż-żwieġ "issirilha ħsara b'xi mod", waqt li qal li hemm "post speċjali" fl-Awstralja għaż-żwieġ "kif mifhum storikament", irrapporta l-BBC.

### *Il-Knisja Kattolika għadha qawwija fi Franza ...*

Stħarriġ li sar wera li l-Knisja Kattolika tibqa' bla dubju l-aktar istituzzjoni importanti fi Franza. Figuri ġejjin mill-Konferenza ta' l-Isqfijiet Franċiża, *poll* riċenti ta' l-istitut CSA u tal-ġurnal *Le Monde*, juru li 62% tal-popolazzjoni tqis ruħha Kattolika, 12% jgħidu li b'xi mod jipprattikaw u 35% ma jipprattikawx. Il-qawwa tal-Knisja Kattolika l-aktar li tistrieħ hu fuq it-8,719 skejjel li jappartjienu għall-organiżżazzjonijiet ta' l-edukazzjoni kattolika fil-pajjiż.

### *... u fil-Ġermanja*

Ħafna Ġermaniżi qed iħossu taħlita ta' simpatija u kurżità fir-rigward ta' dan it-teologu-Papa. Esperti jgħidu li l-elezzjoni tal-Papa mill-Bavarja ġiet fiż-żmien perfett għall-Knisja Ġermaniża. Skond *poll* riċenti mill-Istitut *Forsa*, 59% tal-Kattoliċi u 54% tan-nies b'ebda konfessjoni reliġjuża, jgħidu li l-elezzjoni ta' Ratzinger kienet ta' ġid għall-Knisja fil-Ġermanja.

GĦANDEK IL-BEJT
QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

## *Għawdxin li għadna niftakru - 33* *Minn Pawlu Mizzi*

# IL-PROFESSUR AQUILINA

Kont ilni nafu lill-Professur Aquilina mill-1944. Kelli bilkemm ħmistax-il sena. Niftakru il-B.I. ta' Għawdex jagħmel diskors fuq '*Race and Language in Malta*'. U minn dak inhar ma nsejtu qatt.

Għalija dik it-taħdita kienet tassew *landmark* fl-istudju tal-Malti tiegħi!

Ħawditni għall-bidu, ngħid is-sewwa. Għax kien kważi lejlet l-eżami tal-GCE u sa dak inhar il-Malti kien, kif xi wħud mis-surmastrijiet kienu jpinġuhulna 'ħela ta' ħin'.

Ħadd qatt qabel Aquilina ma kien qalilna li l-Malti bħal kull lingwa oħra huwa primarjament 'mezz ta' komunikazzjoni'. U li tfassal tul mijiet ta' snin fi 'proċess naturali ta' taħlit ta' kliem minn lingwi oħra'.

Fl-iskola s-sur Ġorġ Pisani ġie li kien isemmielna x'kiteb Agius de Soldanis jew x'kien qal Mikiel Anton Vassalli. Ftit, imma, konna nifhmu x'għadda sakemm il-Malti ha s-sura li fih illum. Għax, jew wieħed kien jgħid li l-Malti huwa Puniku jew Kartaġiniż u ma jgħid xejn iżjed; jew l-ieħor jgħid li huwa djalett għarbi u ma jispjegax kif dan id-djalett tħawwad ma' djaletti oħra u kiber f'lingwa.

U fil-privat Miss Portelli, biex ma tħabblilniex rasna la b'ħaġa u lanqas b'oħra, kienet tgħidilna li ċerti affarijiet konna nifhmuhom meta nikbru u nsiru professuri. Għalina kien biżżejjed li niktbu bla żbalji u kienet iffissata fid-*dictation*. L-iktar fejn jidħlu l-ajn (għ) u fl-akka (ħ). Donnu li fil-Malti ħliefhom ma kienx hemm importanti. *'U qisu li ma tinsewx it-tikka fuq iċ-ċe,' tiela' u li 'ma tibdlux il-ke mal-qa' nieżla'. Ngħidu 'qalb ta' qalbi' mhux 'kelb ta' kalbi!' Kull ittra tinħass fl-alfabett ta' l-Għaqda l-Malti. U qisu li tiktbu b'Malti safi. Tinsewx 'misraħ' mhux 'pjazza', u 'ballablott' mhux 'futboll'!'*

Dik kienet, niftakar, l-aħħar prietka tagħha qabel ħriġna għall-eżami. U għaddejt u ġibt 'A'!

Imma, meta xi sena wara dħalt il-Kulleġġ *St Michael* u bdejna l-kors ta' *teachers*, is-sur Zammit Mangion qalilna li l-Malti ma kienx hekk. 'Il-Malti,' kien qalilna, 'beda b'taħlita ta' kulturi Mediterranji: Għarbin u Sqallin. U kompla jiżviluppa b'iktar taħlit ma' kulturi oħra: Taljani Griegi, Spanjoli, Magribini, Maroniti, Eġizzjani, Franċiżi, u Ngliżi. Għalhekk, illum għandna kliem bħal gwardarobba, kavallieri, plajja, twaletta, sjett, garaxx, telefon, u stejġ, U nitħaddtu u niftiehmu, u bla ma nindunaw ikabbru l-Malti u nagħmluh iktar faċli u modern'.

U kif iltqajt l-ewwel darba wiċċ mb'wiċċ ma' Prof. Aquilina fl-Università fl-1963, minkejja li kienu għaddew għoxrin sena, tlabtu jgħidli fuq min kelli noqgħod. Jekk hux fuq dawk li kienu jgħallmuni s-seminarju jew fuq dawk tal-Kulleġġ ta' *St Michael*. Fi kliem iktar dirett staqsejtu: 'X'inhu l-Malti: lingwa ġejja minn lingwi Ħamitiċi-Semitiċi jew Għarbi-Sqalli jiġifieri taħlita ta' Semitiku u Rumanz kif kienu jitkellmu fis-seklu XII fi Sqallija?'



Tbissem! U flok weġibni, ħa nifs 'l ġewwa donnu biex jgħidli: 'U kemm trid iddeffes imnieħrek 'l isfel iktar fil-lingwistika biex ixxomm sew mnejn u kif tnissel il-Malti!'

Imbagħad bidel id-diskors u leħnu, u staqsieni: '*Uss ejdlej jekk ent awċej. Adik titkellim bl-awċej ed-dor?*'

Tbissimt bħalu! U kważi skandalizzajt ruħi nisimgħu jitkellem b'dak il-Malti mfarrak. Kien fuq il-ponta ta' lsieni ngħidlu:'Mela qatt l-Għawdxin tkellmu hekk?'

Imbagħad introduċieni mal-Professur Isserlin ta' Leeds li kien miegħu. U qalli li dal-professur kien ġie Malta biex jagħmel stħarriġ xjentifiku fuq id- djaletti Maltin fl-irħula. U li bħala *assignment* fil-kors tal-B.A. stedinni ngħinhom f'dan l-istħarriġ meta jmorru Għawdex.

Ma stajtx nirrifjuta u ħtaftu. Tassew, li qatt ma bsartha.

U fl-entużjażmu ħallejt ilsieni iktar mis-soltu. U t-tnejn paċpaċna fuq Għawdex u fuq l-Għawdxin.

U semmejna lil Dun Pawl ta' Savina u 'l Dun Pawl tal-Barkuna, u kemm kienu jiktbu fil-perjodiku *Il-Ħabib* biex jiddefendu l-Malti. U lil Ġorġ Pisani u minn xhiex għadda meta beda jikteb bil-Malti. U 'l Mary Mejlak. Imbagħad staqsieni għal Ġorġ Theuma.

'Konna ħafna ħbieb,' qalli. 'Hu jaħti li qbadt it-triq tal-

letteratura. Hu u Dun Ġorġ ta' Dgħajsi. Huma l-ewwel li semgħuni naqra l-ewwel poeżiji tiegħi. Xi versi bl-Ingliż li kont inħarbex waqt il-lezzjoni. U kienu jieħdu gost bihom. B'hekk bqajt nikteb!' U semmhieli wkoll lil Marija Gauci tan-Nini u 'l Dun Spir, u 'l ta' Xaftin. U lill-*Head Teacher* Caruana ta' Ħal Luqa. Lil ħadd minnhom, imma, ma kont naf u ftit stajt inkompli miegħu.

Imbagħad, qabadli fuq l-Università ta' meta kien student u rrakkontali kif min kien jitkellem bil-Malti waqt xi *lecture* kien jissogra jaqla' xi daqqa ta' siġġu.

Kien żmien iswed għall-Malti. Jew, almenu 'kk mhux iswed għal kollox, griż bħaċ-ċomb! Veru *anni di piombo* bħalma jgħidu t-Taljani.

Illum, issemmih biss dak iż-żmien fl-Università lanqas jemmnuk! Ġew snin meta l-istudenti membri ta' l-Għaqda tal-Malti kienu saħansitra jiġu miċħuda minn permess li jiltaqgħu. Kellhom, imma, rieda taż-żonqor. U, allaħares qatgħu qalbhom għax la kien ikollna Rużar Briffa u Ġużè Bonnici u lanqas min kien iheġġeġ kiettieba żgħażagħ jiktbu bil-Malti bħal dawk li kienu jiktbu bit-Taljan jew bl-Ingliż.

Kienet qisha gwerra bierda bejn il-lingwi fl-università. Rebbaħielna biss id-dehen ta' Ġużè Aquilina, u studenti bħalu, li kienu jiktbu bl-Ingliż u bit-Taljan kemm f'*La Brigata* u fil-*Journal of the University of Malta Literary Society*.

Imbagħad, fl-1935 għall-Malti infetħu l-bibien tal-Qrati u fl-1940, minħabba l-gwerra, ingħalqu dawk tat-Taljani. U min kien iħobb jistkenn taħt l-umbrella tagħhom ġera għal taħt l-umbrella ta' l-Ingliż. U l-puliti bdew litteralment jiddandnu bl-Ingliż. L-ewwel b'ismijiet: '*mister*' flok 'sur', '*Charles*' flok 'Karmnu' u '*Mary*' flok 'Marija'. U, wara anke bit-terminoloġija tal-baħrin. U 'tal-laħam' sar 'il-*butcher*', u 'ta' l-ilma' 'il-*plumber*', u 'soru' saret '*sister*'.

It-Taljan konna nsejnih! Anke s-seftura kont tismagħha titkellem bl-Ingliż fuq ix-xarabank. Fuq il-bieb tas-sagristija tal-Katidral ta' l-Imdina biss kien għad fadal it-tabella miktuba bit-Taljan '*Vietato Entrare*'!

'Sakemm, imma, anke għalihom beda jberraq,' qalli l-Profs. Aquilina dak inhar li spiċċajna s-*survey* tad-djaletti.

'Għadek tiftakarha l-poeżija ta' Rużar Briffa 'Jum ir-Rebħ'?' qalli.

Sab xi staqsieni! Waħda mill-poeżiji li l-iktar kont inħobb. Anke jien kont hemm fl-*Istadium* dak inhar li lagħbu l-*Malta XI* kontra l-*Hajduks*. Kont dik in-naħa tal-Belt. U magħhom kont qomt inkanta l-Innu Malti. Niftakru qisu l-bieraħ: il-Gvernatur Schreiber twil twil nieżel it-taraġ tal-VIPs għall-*pitch,* kollu galluni ta' Ammiral, imbagħad jitkellem mal-plejers skjerati għal nofs il-grawnd, u jieħdilhom b'idu wieħed wieħed, u wara jieqaf *at ease* quddiemhom jistenna d-daqq ta' l-innijiet, l-ewwel tal-Jugoslavi u wara l-*God Save*. Kif spiċċaw, il-gvernatur dar ħalli jmur lejn postu. Flok iċ-ċapċip tas-soltu, imma, dak il-ħin waqa' skiet kbir. Qisu bħalmeta jżommlok in-nifs. Il-Maltin baqgħu bilwieqfa. Imbagħad minn taħti, dik in-naħa fejn kienet iċ-ċorma tal-partitarji Beltin li flok l-għajjat ferrieħa ta' 'Walker! Walker għawwiġli ħadida!' jew 'Aħna tal-Belt ħadd ma jista' għalina!' instemgħu jħarħru l-ewwel battuti ta' l-Innu Malti: 'Lil din l-art ħelwa'.

'U dak il-ħin – qisu għafsulha molla – il-folla qamet għalenija'. Il-Gvernatur reġa' dawwar wiċċu lejn il-folla, u l-plejers li kienu diġa tħarrku minn posthom, waqfu fejn kienu. Kulħadd dritt daqs xemgħa. U magħhom il-Gvernatur b'idu mwaħħla ma' ġbinu f'tislima siekta, jistenna l-kant ta' l-Innu Malti jispiċċa.

Imbagħad faqqa' ċapċip itarrax! Nerġa' nġibha quddiem għajnejja dik ix-xena jaqbadni l-bard! Nisthajjilni nisma' kliem il-poeta: 'Miskin min ikasbarni, miskin min jidħak bija!' Il-professur baqa' qisu bla nifs jismagħni nirrakkonta.

Kien ta' sensibbiltà kbira l-Professur Aquilina. Malti tassew bħali u bħalek! U bħal dik tal-folla ta' l-*istadium*. hu wkoll kien qam kontra l-ħalel li ħabtu jibilgħuna. U, li kieku ma kienx għall-ħiltu, il-Malti ma kienx isib postu fuq l-istess livell ta' lingwi oħra fl-Università.

Storja li ftit nisimgħu biha: kif mit-toroq tal-Munxar jiġġerra ma' tfal oħra sab postu l-Università.

'Ommi rabbietni b'għożża u baqgħet sa ma għalqet għajnejha ta' disgħa u sebgħin sena ħsiebha fija. U missieri l-istess. Kien kuntistabbli fl-Għassa tal-Belt meta tliftu ta' tmintax-il sena. U kif għaddejt mill-Matrikola għajtuli ngħallem fl-iskola ta' l-Għasri'.

'Ħek!' X'nagħmel!' qalli b'wiċċu mqarras. 'Ma kellix mod ieħor kif stajt ngħin lill-familja! Ma jiddispjaċinix. Anke jekk l-esperjenza li kelli kienet qarsa!'

L-iskola ta' l-Għasri fejn bagħtuh fl-1930 kienet ġiet miftuħa kważi bilfors. Fuq l-insistenza ta' Dun Ġorġ Saliba ta' Baskal tal-Ħaruf. U bi prova. Bil-kundizzjoni li jekk il-Gvern ma jarax progress, l-iskola tingħalaq. U la titħallas il-kera u lanqas il-pagi tat-*teachers*.

Jagħtik id-daħk tisma' li xi darba f'pajjiżna kellna min jaċċetta dawn il-kundizzjonijiet. Għad-direttur Laferla, imma, kienu konvenjenti. U wara *inspection,* bl-iskuża li l-edukazzjoni biex tirnexxi jeħtieġilha iktar serjetà u dixxiplina, għalaqha f'tarf ir-rebbiegħa ta' l-1930.

Jekk il-purtinar u t-*teachers* tħallsux jew le ma nafx. Naf, iżda, li lil Aquilina dak l-inċident kien darrsu u kiteb fuqu lil Sir Awgustu Bartolo, dak iż-zmien Ministru ta' l-Istruzzjoni. Kien, imma, kollu ta' xejn. Imbagħad f'Ottubru ta' dik is-sena daħal l-Università u l-kwestjoni tħalliet tmut fuq ommha.

Sadattant, Aquilina mar Malta għand zijuh Pawlu l-Birgu u ftit li xejn baqa' jersaq iktar lejn Għawdex. Reġa' tfaċċa meta sar avukat biex jiftaħ l-uffiċċju li kellu fi Strada Palma.

B'hekk, Għawdex għal darb'oħra tnaqqar minn ras oħra! Telfa li ma setgħetx ma tinħassx. L-iktar wara kien diġa telaq Arturo Mercieca, Mikielanġ Refalo, Ġiġi Camilleri, Ġanninu Pace, Ninu Cremona, u Pietru Pawl Debono.

''Destin ta' pajjiż żgħir din l-emoroġija ta' intellettwali!' kien igerger ta' spiss il-maġistrat Cremona kulmeta kienu jgħidulu li xi żagħżugħ għawdxi ta' skola telaq lejn Malta. 'Aquilina kien diġa '*onore a se e al Gozo*,' stqarr f'ittra lil ċertu Dun Ġużepp mir-Rabat. U ta' l-istess fehma ukoll kienu Ġanni Vassallo u Ninu Cremona.

Allaħares, imma, ma kienx hekk. Tassew kollox mn'Alla! Għax ftit wara li laħaq avukat, Aquilina ntgħażel biex imur jistudja l-lingwi semitiċi fl-Università ta' Londra, u meta ġie lura waqqaf il-Katedra tal-Malti.

Professor Fogarty, professur ta' l-Ingliż u wieħed mill-

ħbieb tal-Maltin f'dawk iż-żminijiet diffiċli, feraħ magħna. Lil Aquilina ddiskrivih bħala *'most energetic'* u bħala *'the man who gave Maltese its place in the University'*.

Kien iħobbna l-Maltin dan Fogarty. Jien kelli x-xorti li nsir nafu b'kumbinazzjoni. Kien goff u ta' żaqqu f'fommu, u ma kienx jibża' juri kif kien jaħsibha. Darba nzertajt qiegħed warajh fl-*ABC Library* tal-Belt nistenna lil Pawlu Pisani jaqdih. It-tnejn konna fl-istess *Book Club*.

*'This month it's by Bernard Shaw,'* qallu Pawlu hu u inewwillu l-ktieb. Bla ma ħares lejh, Prof. Fogarty poġġa lura l-ktieb fuq il-bank u qabel telaq' l barra, qallu: *'I'm a Catholic! Sorry, I'll not take it!'*

Illum, meta niftakar f'dan l-inċident ngħid f'qalbi: 'Mur ġibu kieku flok Bernard Shaw jgħidulu Dan Brown!' Kieku forsi kien jaqleb il-bank bih.

Għalhekk, nifhem għaliex il-Professur Aquilina, li kien ħabib ta' Fogarty, ma kien jibża' qatt juri li hu wkoll Kattoliku. U la fi żminijiet ta' kwestjonijiet politiċi-reliġjużi, u la meta tkeċċew is-sorijiet tal-*Blue Sisters*, u lanqas meta tkissret il-Kurja ma kien jehda qatt jikteb kif jaħsibha ta' Kattoliku. Kien tassew il-*Hillair Bellock* ta' Malta. Taqra t-taħdidiet li kien jagħmel fuq ir-Rediffusion (illum stampati f'*Il-Polz ta' Malta,* Malta, 1965) u tifli l-artikli tiegħu fit-*Times* għoxrin sena wara tinduna li Aquilina ma biddel qatt fehmtu ta' filosofu Nisrani u Ewropew.

Aquilina l-professur u Aquilina l-bniedem huwa l-istess Ġużeppi l-abbati fil-parroċċa ta' Sannat, l-istess sur Ġużè l-avukat żagħżugħ ta' Strada Palma u l-istess Professor Joseph Aquilina, li għal darbtejn kien maħtur minn Fernand Braudell bħala l-President ta' l-*Association Internationale D'Etude des Civilizations Mediterraneannes*.

Konna sirna ħbieb sew waqt il-kors tal-B.A. tiegħi bejn is-snin 1962 u l-1965. U iktar ġejna *close* ta' xulxin meta fl-aħħar sena tal-kors tajtu kopja taż-żewġ kotba tiegħi *Ideal Papers for Entrance Examination* u għidtlu li kont qed nipprepara biex inwaqqaf dar tal-pubblikazzjoni. Lanqas ried jemminni.

'Mela int tippubblikali d-dizzjunarju tiegħi!' qalli b'daħka ironika.

Kien jaf kemm xogħol jinvolvu l-pubblikazzjonijiet. Tajpjar, ġiri għand l-istampatur, qari ta' provi, għażla tal-karta, klixejjiet, distribuzzjoni, eċċetra. U kien jaf kemm ra ma' wiċċu qabel u wara kien joħroġ ktieb sakemm bena d-dipartiment tal-Malti bil-kotba meħtieġa. Kull wieħed mit-tnax-il ktieb li sa dak iż-żmien kien ħareġ kienu swewlu l-għaraq tad-demm. L-iktar *Structure of Maltese* (1959) u *Papers in Maltese Linguistics* (1961), li għadhom sallum *masterpieces* fil-lingwistika.

L-ikbar ambizzjoni tiegħu, imma, kienet li jippubblika dizzjunarju. Kien ilu joħlom bih minn mindu daħal l-Università. Kien bilkemm spiċċa mill-kors tal-B.A. fl-1934 meta ppubblika l-ewwel listi: 'Kliem imxerred fil-Malti' u 'Kif jitnissel il-Kliem' f'*Leħen il-Malti*.

Imma d-dizzjunarju, li bih ħolom Aquilina, xtaqu iktar minn vokabolarju. Riedu xjentifiku. 'Bħall-*Oxford Dictionary,'* kien jgħidli. B'kull kelma li tintuża fil-Malti, semitika u mhix semitika. Bid-deskrizzjoni grammatikali tagħha, bid-definizzjoni, bl-idjomi li jintrabtu magħha, bil-kliem kompost u fl-aħħar ukoll bl-etimoloġija tagħha.' Dizzjunarju kompit. Wieħed li kien jikkompara ma' l-aħjar dizzjunarji ta' l-Ingliż, tal-Franċiż u tat-Taljan.

'Biex ma nħammar wiċċi mkien fejn immur nitkellem fuq l-ilsien Malti. Biex 'l ilsien Malti nagħtih identità.'

Għalhekk, meta tarraftlu bil-ħsieb li xtaqt nagħmel Dar tal-Pubblikazzjoni, kont qisni injettajtu b'demm ġdid. Ħadem fuqu lejl u nhar. U sa meta waqqaft il-Klabb Kotba Maltin fl-1971 kellu diġa l-ewwel għaxar ittri lesti.

'Flimkien,' qalli, 'int u jien, se niktbu waħda mill-isbaħ paġni ta' l-istorja tagħna! Jien bħala l-awtur u int bħala l-pubblikatur ta' dad-dizzjunarju. U t-tnejn Għawdxin'.

Sa l-1985, hu waħdu fuq xogħol li normalment jagħmluh tim ta' skulari, kien lesta mill-ittri kollha tal-Malti-Ingliż. U jien sa l-1987, kif xtaq hu, l-ewwel ħriġt *Il-Miklem Malti* ta' Erin. U fis-sentejn ta' wara ħriġt ukoll iż-żewġ volumi tal-*Maltese English Dictionary* tiegħu.

Avveniment kbir! Imfakkar biss mill-ftit. Fil-ħarifa ta' l-1989, miegħi u ma' martu Biċe, il-Professur Aquilina għamel għotja ta' din l-opra tiegħu lil-librerija tal-Parroċċa tal-Munxar, raħal twelidu. F'ċerimonja sempliċi. Quddiem il-kappillan Dun Salv Debrincat u s-sindku Pawlu Curmi.

Dak, imma, kien biss il-bidu. Minkejja li kien ġa mgħobbi bis-snin baqa' jaħdem, iqalleb l-Oxford u ż-Zingarelli u jifli kollox. U b'Mary Anne, is-segretarja, fuq il-kompjuter bilkemm tista tlaħħaq miegħu, kien qisu tiġrija kontra l-ħin, biex ilaħħaq. Qisu Fausto Coppi fit-*Tour de France*! Rebaħha bil-ħniena. B'Felice Pace ma' ġenbu. Imma rebaħha!

Miet fit-13 ta' Awissu 1987. U bejn l-1999 u l-2000 ħriġt l-*English-Maltese Dictionary* f'erba' volumi, it-tieni parti ta' l-ikbar opra tiegħu. U din is-sena l-*Concise* ta' dan id-dizzjunarju.

*'This dictionary,'* tenna Prof. Cohen, *'is the crowning achievement of a life's work'*.

Kien bkieh kulħadd lill-Professur Aquilina!.

Il-Prim Ministru Sant f'Settembru f'għeluq ix-xahar minn mewtu fakkru b'laqgħa letterarju f'Kastilja u f'għeluq is-sena l-Klabb Kotba Maltin organizza b'ġieħu serata mużiko-letterarja fit-Teatru Manoel. Il-Gvern Malti ukoll onorah u fis-sena 2000 il-Ministru Louis Galea ħabbar li d-dizzjunarju ta' Aquilina kien intgħażel bħala *Il-Ktieb tal-Millennju.*

Bil-*Maltese-English-Maltese Dictionary* Aquilina għalaq il-karriera letterarja tiegħu. Bih ta lil Malta l-isbaħ rigal li qatt ċittadin seta' jagħti lin-nazzjon.

Għax, in-nazzjon, qabel jinbena b'mod politiku, jissawwar, kif stqarr Aquilina, mil-lingwa li tagħżlu minn nazzjonijiet oħra madwaru. Kien għal dan l-għan li l-Malti għamlu 'għodda ta' espressjoni, tajba u indispensabbli, għal demokrazija kabbarija u intelliġenti'.

Min sama' t-taħdita tiegħu *'Race and Language in Malta'* fl-1944 fil-B.I. jinduna li dan il-għan ma bidlux. Dan hu l-kobor ta' Professur Aquilina: l-integrità tiegħu f'għemilu u fi kliemu. Għalhekk ma jintesiex!

***Pawlu Mizzi***



# KAMPANJA TA' ĠBIR TA' FONDI GĦAL MONUMENT NAZZJONALI

# PAPA ĠWANNI PAWLU II

*Appell tal-**Kav. Joe M. Attard,*** *P.R.O., K.M.P.Ġ.P.*

Għal dawn l-aħħar xhur, il-Kumitat "Monument Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni" jinsab għaddej b'ħidma sfieqa bla ma taqta' biex jinawgura dan il-monument "*life-size*" matul it-tieni ġimgħa ta' Ottubru li ġej. Il-mafkar f'ġieħ dan il-Papa Kbir hemm il-ħsieb li jitqiegħed fil-bidu tat-triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, Victoria, qabel ma taqbad it-triq lejn Ta' Pinu. Il-Kumitat li huwa wieħed awtonomu mmexxi mill-avukat Monica Vella, ilu żmien jorganizza attivitajiet biex jiġbor il-fondi meħtieġa biex jasal għall-ammont totali li jkun ikopri l-festi ta' l-inawgurazzjoni u l-istess monument li ser jinħadem fl-Italja fil-bronż.

Fil-fatt f'dawn il-jiem qed isiru l-aħħar tħejjijiet biex issa l-opra kollha kemm hi, li ħarġet mill-moħħ u l-id ta' istatwarju Għawdxi l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, tintbagħat barra biex issir tal-bronż fuq il-parir ta' diversi esperti. Anke hawn tinħtieġ somma konsiderevoli ta' flus u trid tkun il-qalb tajba ta' diversi benefatturi biex il-proġett kollu jasal fi tmiemu.

Jidher li sa issa donnu il-poplu Malti u Għawdxi għadhom ma fehmux biżżejjed is-sinjifikat ta' dan il-Monument. Donnhom qed jinsew fiż-żjajjar li għamel fostna dan il-Papa Pollakk u l-laqgħa kbira li konna tajnih dak iż-żmien, b'mod speċjali meta qaddes fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu fis-26 ta' Mejju 1990.

Illum trid spejjeż kbar biex tagħmel xi ħaġa u għalhekk jien irrid inħeġġeġ lill-Poplu Malti u Għawdxi kollu biex jagħtu dik ix-xi ħaġa żgħira biex naslu biex niġbru s-somma ta' għoxrin elf lira maltija, għax daqshekk hu stmat li jrid f'idejh il-Kumitat biex iwassal fi tmiemu dal-proġett, u tisbaħ dik il-għodwa li f'Għawdex u Malta ikollna xbieha sabiħa u artistika ta' dan il-Papa li tant ħadem u li fi żmien mhux 'l bogħod żgur irridu narawh imgħolli għall-glorja ta' l-altari. Diġà bdew jissemmew xi mirakli li qed jagħmel dan il-Papa Kbir u ċert li dawn sa jkomplu jiżdiedu fil-ġejjieni. Ejjew ma nkunux xħaħ mal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni li dar id-dinja jxandar lil Kristu ħaj u safa' anke l-mira tat-terrorist Ali Agca fil-Pjazza ta' San Pietru. Kien il-Papa li għadda l-aħħar snin ta' ħajtu fi tbatija l-iktar kbira bil-marda li kellu, xorta waħda iżda baqa' jaqdi lill-Imgħallem tiegħu sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Imiss issa li nagħmlu il-parti tagħna u ngħinu mill-aħjar li nistgħu f'dan il proġett li ma hu marbut ma' l-ebda parroċċa jew istituzzjoni oħra, u allura qed jistrieħ u jiddependi biss mill-ġenerożita tal-poplu tagħna kollu.

Bil-qatra l-qatra timtela' l-ġarra, jgħidu, u jien nittama li dil-ġarra timtela' fi żmien qasir biex il-Kumitat ma jaqtax qalbu u jissokta jaħdem biex il-ħolma tiegħu sseħħ. Jiena ċert li sallum kulħadd sema b'din l-inizjattiva u ċert li kulħadd japprovaha. Imma dan mhux biżżejjed. Irridu ndaħħlu idejna fil-but u nagħtu dik ix-xi ħaġa żgħira kemm hi żgħira. Bil-ftit tal-ħafna naslu. Imma kulħadd, mill-kbir saż-żgħir irid iħossu responsabbli. Ħadd ma jista' jdawwar wiċċu band'oħra. Kulħadd għandu jħoss id-dmir li jgħin mill-aħjar li jista'. L-ambjent sa jgawdi wkoll u jiena ċert li fl-inħawi fejn sa jitqiegħed il-monument żgur li sa tinħoloq dehra oħra, atmosfera ġdida ta' hena u paċi li kien iġib miegħu dan il-Papa kulfejn kien imidd riġlejh. Żgur li din l-atmosfera nixtequha aħna lkoll.

Ejjew, ħuti Għawdxin, nagħtu sehemna aħna ukoll biex ta' kull darba li ngħaddu mnejn dan il-monument u forsi mmissu miegħu wkoll, inkunu nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem: Jien għandi parti minnu!.. Fil-banek lokali tagħna nfetħu "accounts" apposta għal dawk kollha li jridu jgħinu. Tistgħu ukoll tibgħatu l-għotja tagħkom lil Dr.Monica Vella, Chairman K.M.P.G.P.2, P.O.Box 28, Victoria, Għawdex. Tinħareġ riċevuta għal kull għotja.



Il-Kumitat issa għandu wkoll il-'*website*' tiegħu li hija: wwwpopejohnpaul2monument.com li ġiet inawgurata ftit tal-jiem ilu mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech waqt serata fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex. B'hekk il-pubbliku issa jista' jsir jaf iktar dwar il-ħidma tal-Kumitat li bħalissa jinsab għaddej b'din il-kampanja ta' ġbir għal dan il-Monument Nazzjonali.




## (IR-RABA' PARTI)

**Iktar tard lejn iż-żminijiet tallum beda jidher mard ġdid ikkaġunat mill-ikel żejjed u l-istil ta' ħajja differenti li beda jgħix il-bniedem fiż-żminijiet moderni. Għalhekk beda jidher iktar mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni, kanċer, diabete u pressjoni. Anke mard tal-pulmuni u l-kanċer tal-pulmuni reġa' żdied minħabba tipjip, dieta ħażina, ħxuna u nuqqas ta' eżerċizzju. Dan il-mard l-iktar li ħakem kien fl-Ewropa u fil-pajjiżi żviluppati imma issa qed jidher ukoll b'mod allarmanti f'pajjiżi sotto-żviluppati.**

Imma l-ikbar skoperta tas-seklu 20 kienet dik fil-qasam tal-ġenetika, xogħol mibdi minn Mendelson. Permezz tal-ġenetika llum nafu dwar ħafna mard u kundizzjonijiet tal-bniedem li jintirtu. Kull bniedem għandu sett ta' ġeni li sa mill-bidunett tal-ħajja jiddeterminaw dak kollu li huwa l- bniedem sa l-inqas dettal. Din il-mappa ġenetika jew kodiċi ġenetika minn dejjem kienet teżisti, sa mill-ħolqien tal-bniedem, iżda kien f'dawn l-aħħar snin li x-xjenzati bdew jifhmuha u l-progress miexi b'ritmu mgħaġġel.

Din ir-rivoluzzjoni ġenetika bdiet fl-1952 meta nstab il-molekula tad-DNA u sena wara x-xjenzati James Watson u Francis Crick irnexxielhom jiskopru l-binja ta' dan il-molekula li fiha jinsab il-wirt ġenetiku ta' kull wieħed u waħda minna.

1. Il-ġisem tagħna fih 75 trilljun ċellula li kull waħda minnhom fiha materjal ġenetiku fil-qalba tagħha.
2. Il-ġeni huma miġbura f'pakketti, jissejħu kromożoni.
3. Ġewwa kull kromożon hemm imkebba l-molekola tad-DNA.
4. Id-DNA tixbaħ lill-garigor.
5. It-turġien huma l-ittri li jiffurmaw it-tifsira ġenetika.
6. Dawn l-ittri jiddeterminaw x'tip ta' proteini ċ-ċelloli jipproduċu.

Illum wasalna għall-Proġett Genome li huwa mmexxi mix-xjenzati f'Cambridge u Oxford fl-Ingilterra u xjenzati fuq in-naħa l-oħra ta' l-atlantiku f'Maryland l-Amerika. Għall-bidu kien hemm rivalità kbira bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' xjenzati. Biż-żmien bdew jikkollaboraw iktar ma' xulxin. Dan huwa importanti għall-ġid ta' l-umanità, l-aħjar li jaħdmu flimkien u jaqsmu l-informazzjoni li jkollhom. Minkejja dan il-proġett jibqa' rebħa kbira għax-xjenza u l-mediċina u l-importanza tiegħu tista' tiżboq l-inżul tal-bniedem fuq il-qamar u saħansitra l-iskoperta ta' l-antibiotiċi. Il-bniedem huwa biss ftit 'il bogħod milli jiskopri l-kawża tal-mard ġenetiku kollu kif ukoll il-kawża ta' ċertu mard ieħor bħall-kanċer, l-marda ta' Alzheimer, il-Parkinson's, mard tal-qalb u d-diabete. Huwa possibbli wkoll li nkunu nafu għaliex il-ġisem tal-bniedem jixjieħ. Iżda hemm min huwa xettiku dwar dan kollu u l-ideja li l-bniedem għad xi darba jwaqqaf il-proċess tax-xjuħija hija biss fantasija.

Tħabbar li f'April 2003 il-proġett tlesta u s-sekwenza tal-31,000 ġeni sabuha. L-informazzjoni li hemm tant hija kbira li jekk tipprintjaha tkun trid madwar 200 ktieb bħal tad-direttorju tat-telefon ta' 500 paġna l-wieħed u biex taqrahom kollha ddum 100 sena! Issa li s-sekwenza hija magħrufa, kollox jitpoġġa f'kompjuter wieħed u kull bniedem ikollu l-print tiegħu stampata. Bl-użu ta' din l-informazzjoni ġenetika ċertu mard ikun jista' jitfejjaq billi ssir tibdil fil-ġeni li jirrappreżentaw dik il-marda partikulari. Issa huwa possibbli li l-bniedem ikun jaf liema ġeni qiegħdin jikkawżaw il-mard u għalhekk il-kura tal-mard tinbidel kompletament. Fil-futur nibdew nitkellmu fuq trattament u kura ġenetika u anke r-riċerka fil-qasam



farmaċewtiku. L-enfasi hija propju fil-qasam tal-*genomics* jew l-istudju tal-ġenetika u l-applikazzjoni tagħha għas-saħħa. Il-kumpaniji kbar għarfu l-potenzjal f'dan il-qasam u ġa nvestew miljuni kbar ta' flus għar-riċerka fil-*genomics*. Iżda din ma kienitx biċċa xogħol ħafifa. Ix-xjenzati fl-Amerika u l-Ingilterra ilhom mill-1990 jaħdmu fuqha u ntefqu biljuni kbar ta' dollari. Nisperaw li dan il-proġett hekk importanti jintuża tajjeb u jkun ta' ġid għall-umanità.

Permezz ta' dan il-proġett il-bniedem qed jiskopri potenzjal infinit. Il-bniedem qiegħed jifhem dejjem aktar il-lingwa li biha Alla ħalaq il-ħajja u jiskopri l-komplessità, is-sbuħija u l-ordni tal-ħolqien. B'dawn l-iskoperti u t-teknoloġija ġdida l-bniedem kapaċi jtejjeb il-ħajja tiegħu u jelimina ħafna mard. Hawn il-mistoqsija tiġi weħidha. Il-bniedem sa fejn għandu jasal? Din hija bħal logħba tal-poker. Il-mazz tal-karti qiegħed f'idejn il-bniedem, kollox jiddependi minn kemm jilgħab logħba tajba. Fis-snin li ġejjin, jekk ix-xjenza ma tkunx immexxija mill-kuxjenza, din tista' twassal għall-qerda tal-bniedem. Barra l-kuxjenza, li xi kultant il-bniedem ma tantx jagħti kasha jrid ikun hemm liġijiet mill-pajjiżi kollha tad-dinja biex din l-informazzjoni ġenetika ma' tkunx mezz ta' diskriminazzjoni bejn il-bnedmin. Dan huwa wirt ta' l-umanita' kollha u ma għandux ikun xi propjeta' ta' l-ebda individwu, kumpanija jew pajjiż.

Illum hemm mard ieħor ġdid li qed jinkwieta lit-tobba. Fost dawn insemmu l-AIDS\HIV, l-Ebola, l-Lassa u id-Deni ta' Marburg. Il-virus tal-AIDS/HIV huwa theddida ġdida. In-numru ta' nies infettati bil-virus tal-HIV huwa ta' 40 miljun. Minn dawn tlett miljuni mietu bil-AIDS. Imma l-iktar ħaġa krudili hija li 500,000 minnhom kienu tfal innoċenti. Kura biex ittawwal iż-żmien ta' din il-marda u tibdilha għal waħda kronika hemm, imma tilqim kontra din il-marda s'issa għad mhemmx.

Il-ġlieda tal-bniedem kontra l-mard għadha sejra u l-bniedem għadu jgħix f'dan "il-wied ta' dmugħ" minkejja l-avvanzi kbar li għamel fil-qasam tal-mediċina.

## It-Tabib mal-medda taż-żmien

Il-bniedem minn dejjem ipprova jħares lilu nnifsu u lill-familja tiegħu mill-mard. Il-fejqan, sa mill-eqdem żminijiet, kien qasam f'idejn is-sħaħar, li kellhom il-monopolju tal-mard u tal-fejqan.

Minn pitturi fl-għerien ta' madwar 17-il elf sena ilu, naraw irġiel libsin irjus ta' annimali jaqbżu u jiżfnu b'ċertu ritwal. Probabbilment dawn kienu l-ewwel 'tobba-sħaħar'. Iktar tard tfaċċaw tipi oħra ta' nies li kellhom x'jaqsmu mal-fejqan, fosthom nies li kienu jagħmlu użu minn ħxejjex, nisa li kienu jgħinu nisa oħra waqt il-ħlas, nies li kienu jirranġaw l-għadam u nies oħra li kienu jużaw is-superstizzjoni u l-magħmul biex jipprovaw iwaqqfu jew iġibu l-mard. Minkejja li l-mediċina dak iż-żmien kienet għadha ma teżistix, skond antropoloġisti dawn kellhom ħiliet speċjali u kienu kapaċi jirbħu l-fiduċja ta' kulħadd. Dawn kellhom il-funzjoni ta' 'tobba' jew nies li jfejqu.

## Il-Mediċina fil-Mesapotanja (7000 – 1000 qK)

Meta bdew iċ-ċivilizzazzjonijiet, is-sengħa tal-fejqan bdiet issir iktar organizzata u elaborata tant li anke ċerti metodi ta' fejqan bdew jinkitbu biex jibqgħu għall-użu ta' nies oħrajn. Hekk fil-Mesapotanja (l-Iraq tallum) li kienet il-benniena taċ-ċivilta', kienet ġa teżisti sistema ta' 'kura' bbażata fuq osservazzjonijiet li kienu jsiru fuq l-annimali. Il-kura li kienet applikata kienet taħlita ta' osservazzjonijiet u riti reliġużi. Il-persuna jew tabib ta' dak iż-żmien kien jissejjaħ 'axipu'. Kienu ġa jikklassifikaw il-mard skond l-organi tal-ġisem hekk li ċerti sintomi kienu jassoċjahom mal-istonku. Il-funzjoni ta' l-axipu kienet li jara liema parti tal-ġisem tkun mardet. Huwa imbagħad kien jiddeċiedi jekk il-marda kienitx kawża ta' xi żball jew ħajja ħażina tal-pazjent. Huwa kien jipprova jfejjaq lill-pazjent billi joħroġlu l-ispirti ħżiena minn ġo fih. Jekk jaħseb li hija marda tal-ġisem biss kien jirreferi lill-pazjent għand it-tabib propja li kien jissejjaħ '*asu*' li kien juża' tlett metodi kif ifejjaq billi juża' ċerti ħxejjex. Kien ukoll inaddaf feriti u jgħattihom permezz ta' weraq wara li jkun applika xi tip ta' mediċina li hu stess ikun għamel mill-ħxejjex. L-ewwel dokument mediku li nsibu dwar dawn il-metodi jmur lura lejn is-sena 2100 qK.

## Il-Mediċina fl-Eġittu tal-Fargħuni (3000 qK – 535\537 wK)

Anke fl-Eġittu tal-Fargħuni 3000 qK kien hemm persuni li jipprattikaw xi forma ta' riti ta' fejqan. Dawn kienu t-tobba ta' dak iż-żmien u fosthom kien hemm min kien speċjalizzat. Wieħed minn dawn kien Iri li kien espert tal-imsaren u Pesehet li kienet tabiba tan-nisa. Il-mediċina eġizzjana ta' dak iż-żmien kienet taħlita ta' riti reliġużi u maġija imma kellhom ukoll ħxejjex u kienu jagħmlu ukoll xi tipi ta' 'operazzjonijiet' fuq partijiet tal-ġisem. Irridu ngħidu li l-mediċina kif nafuha llum kellha l-bidu tagħha fl-Eġittu tal-qedem billi dawn kienu bdew jistudjaw il-ġisem tal-bniedem u anke jfejqu ksur fl-għadam billi jużaw xi forma ta' sapport bħal ġips tallum.

*(jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
*FRANCO - BELGE FIRE PLACES*
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# ĦOLM IL-ĦAJJA



**Pariri lill-Adolexxenti minn MARY PULI**

## QORBU L-EŻAMIJIET!

### 1 Storja

Kirurgu qal hekk lill-istudenti li kellu quddiemu: "Kirurgu tajjeb għandu bżonn ta' żewġ kwalitajiet: a) ma jridx ikun jitqażżeż u b) josserva sa l-iċken dettal."

Biex jurihom li hu ma kienx jitqażżeż, bill subgħajh fil-likwidu li kien għadu kemm neħħa pazjent mill-istonku tiegħu, u ġabu quddiemhom għat-testijiet. Mhux bill subgħajh biss imma lagħqu wkoll. Imbagħad qal lill-istudenti biex jagħmlu bħalu. Ma kienx hemm triq oħra ħlief jagħmlu dak li għamel hu. Quddiemu ma tkerrħux, għax beżgħu li jeħlu.

Bi tbissima, il-kirurgu ħares lejhom u qalilhom: "Prosit, nifirħilkom talli għaddejtu mill-ewwel test, iżda sfortunatament ħadd minnkom ma nnota u osserva d-dettalji kollha. Is-saba' li jien daħħalt f'ħalqi ma kienx l-istess wieħed li billejt fil-likwidu ta' hawn, imma f'ħalqi daħħalt it-tielet saba'. Qed taraw kif ma osservajtunix tajjeb! Osservaw kull dettal jekk tridu li tirnexxu fl-operazzjonijiet li għad tridu tagħmlu!"

### 2 Tagħlima

L-istudju huwa piż tqil, għal min jieħdu bis-serjeta', għax minkejja r-rieda tajba li jkollok biex timxi 'l quddiem, xi drabi tħoss xi jżommok lura, tgħejja malajr, tħoss għajnejk jingħalqu allavolja titħabat biex iżżommhom miftuħin, ma tibdiex tifhem dak li qed tistudja u lanqas ikollok l-enerġija biex tpoġġi taħseb u timmemorizza dak li għandek quddiemek. Meta jiġri hekk tkomplix tisforza biex tistudja, għax kollu ta' xejn. Qum, agħmel kikkra tè, dur dawra mal-kamra, tmattar ftit u erġa' poġġi ħalli tkompli.

Ħawn min tant jintilef fuq l-istudju, li jkollu jagħmel żveljarin biex almenu wara siegħa jiftakar jieqaf u jaqta' ftit. La jħossu jgħejja, għajnejh jibqgħu friski anke wara numru ta' sigħat jistudja. Mhux kulħadd l-istess. Wieħed qalli li allavolja beda jikber fl-eta', kien idum jaqra sa tard bil-lejl u ma kienx iħoss għajnejh għajjenin. Hawn min jeħodlok kikkra kafè wara l-oħra ħalli jkollu l-enerġija li jkompli, u hawn min, kif kien qalli professur, li biex jibqa' jistudja sa tard bil-lejl, kien iżomm friskatur bl-ilma kiesaħ taħt id-desk għax bis-saqajn kesħin ma kienx jaqbdu ngħas. Irnexxa bil-kbir fl-eżamijiet kollha, u meta darba fakkartu fil-friskatur bl-ilma qalli: "Veru rnexxejt għax kont nibqa' għaddej bla diffikultà, imma b'dak l-ilma kiesaħ għal dawk is-sigħat kollha, marradt saqajja, għax mimlijin artrite. L-uġigħ li jkolli kbir wisq. M'hemmx x'tagħmel". Dan l-esperiment tippruvahx. Studja lilek innifsek u ara liema huwa l-aħjar metodu għalik biex tkompli għaddej bl-istudju għal ħin itwal, l-aktar meta tasal għar-reviżjoni u l-eżamijiet.

### 3 Pariri

Meta taf li għandek x'tistudja, tikolx ikel tqil, żomm l-istonku ħafif, ixrob l-ilma, għax jekk ġismek jixxotta, tħossok mitluq u jaqbdek in-ngħas. Meta tħossok bi ngħas qum, xarrab wiċċek bl-ilma kiesaħ, u jekk tbaħbaħ għajnejk bl-ilma kiesaħ għal diversi drabi, tħosshom friski.

Meta jasal il-ħin biex tidħol fis-sodda għid lilek innifsek: "Għamilt kull ma stajt. Xejn m'għandu jmurli ħażin!" Jekk jidħollok il-ħsieb li waqt l-eżami tibża' li mhux ser tiftakar kollox, keċċieh, u għid lilek innifsek li la ppjanajt u studjajt għandek tmur tajjeb. M'hemmx għalfejn tinkwieta għax jekk teċċita ruħek, moħħok jiddallam u ma tmurx tajjeb, tort tiegħek.

Uża l-ħin tajjeb anki li miexi lejn l-iskola, fakkar lilek innifsek xi punti dubjużi minn dawk li studjajt. Iġbor karti ta' l-eżamijiet tas-snin ta' qabel u nnota:

a. Kif kienu mqegħdin il-mistoqsijiet.
b. Kull mistoqsija kemm fiha marki.
c. Liema partijiet mis-suġġett jittrattaw u ara x'taħseb għaliex ċerti partijiet ma jidħlu fl-ebda karta ta' l-eżami.
d. X'inhu l-iskop tat-tweġibiet li jridu minnek.
e. X'irid ikun jaf minnghandek l-eżaminatur.

Ikun jaqbillek, li wara kull kapitlu, tagħmel ftit mistoqsijiet lilek innifsek biex tara tiftakarx id-dettalji ta' dak li studjajt u, jekk ikollok xi dubju, erġa' għaddi dawk il-partijiet li ma tkunx żgur minnhom. L-aktar mod żgur huwa li l-mistoqsijiet li tpoġġi lilek innifsek tiktibhom; il-ħin żejjed li tieħu biex tagħmel dan, jiswielek mitqlu deheb, meta l-karta ta' l-eżami tkun quddiemek. Innota sewwa f'dak li tikteb jekk hemmx żbalji grammatikali u żbalji oħra, biex ma jintilfux marki għal xejn.

Dur dawra n-noti li ġbart matul is-sena u ddiskuti d-diffikultajiet li jkollok ma' l-għalliema tiegħek. Dakinhar ta' l-eżami tmurx fl-aħħar minuta l-iskola biex tasal kalm u jekk tħossok konvint minn dak li studjajt, tersaqx lejn l-istudenti l-oħra biex ma jħawdukx qabel l-eżami b'dak li jgħidu.

### 4 L-Eżami

Malli tingħata l-karta, imla d-dettalji u aqraha kollha ħalli jkollok idea ta' dak li hu mistenni minnek. Ftakar li l-eżaminaturi huma bħal ħaddieħor u jiġu influwenzati bil-kwalità u bil-kwantità. Ikteb fit-tul fejn jeħtieġ iżda ttawwalx b'ħafna kliem żejjed biex minnghalik it-tweġiba tidher twila, għax taħli ż-żmien ta' l-eżaminaturi li, bla dubju ma jeħdux pjaċir u tista' tinfluwenzahom fuq il-marka li jridu jagħtuk.

Jekk tkun weġibt il-mistoqsijiet kollha u qabel tagħti l-karta jiġik f'rasek ħsieb jew kwotazzjoni utli, li ssebbaħ dak li ktibt, jekk għandek ħin iktibha. Fuq kollox ikteb ċar u nadif għax ftakar li min jaf kemm ikollhom mijiet ta' karti quddiemhom u l-eżaminaturi jkollhom jikkoreġu sa tard bil-lejl biex joħorġu r-riżultat.

Li tikkoreġi l-karti hija ħaġa monotona – taqra l-istess tweġibiet bosta drabi, meta ma jitilfux sabarhom bil-banalitajiet li jaqraw. Il-kitba trid tkun ċara u nadifa u tinqara bla diffikultà. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha, ibda minn dawk li tkun żgur minnhom. Halli ftit tal-ħin biex terġa' tara l-karta u tirranġa l-iżbalji li stajt għamilt. U fuq kollox... tibżgħax!

*Dejjem tiegħek, **Mary Puli***



# Bejnietna n-Nisa



Tiktbilna SUSAN MULVANEY

## IL-QAGĦDA TAL-MARA: FADLILNA X'NAQDFU!

Jum il-Mara, iċċelebrat madwar id-dinja kull nhar it-8 ta' Marzu, ġie u mar. Jekk xejn, jum bħal dan iwassalna biex naħsbu u nevalwaw il-qagħda tal-mara fid-dinja, b'enfasi għall-progress miksub fil-pajjiżi rispettivi, b'mod speċjali f'pajjiżna.

Fil-messaġġ tiegħu, Kofi Annan, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti qal li l-mara qed tiġi mċaħħda mir-rappreżentazzjoni effettiva minħabba n-numru żgħir ta' nisa fil-politika, fil-ġudikatura u bħala *employers*, dawk li jħaddmu.

F'rapport mitbugħ apposta għal dan il-jum, in-Nazzjonijiet Uniti twissi li l-parteċipazzjoni tal-mara fil-gvernijiet tal-pajjiżi kemm żviluppati u sotto-żviluppati għadha baxxa ħafna. "Biex il-mara tkun rappreżentata sew, ta' l-inqas 30 fil-mija tas-siġġijiet ta' kull parlament għandhom ikunu okkupati min-nisa. Bħalissa minn 191 pajjiż membri fin-NU, 12 biss huwa dawk li huma mmexxija min-nisa".

Huwa stmat li 70 fil-mija tal-biljun punt tnejn persuna li jgħixu fil-faqar huma nisa u tfal. Din mhix l-unika biċċa statistika li ssewwidlek qalbek. Araw:

- 55 fil-mija tal-popolazzjoni dinjija li għalqet is-60 sena huma nisa – u 65 fil-mija minnhom għandhom aktar minn 80 sena;
- 62 fil-mija ta' dawk li jaħdmu fil-familja mingħajr ebda ħlas huma nisa;
- 85 miljun tifla fid-dinja ma jistgħux imorru l-iskola, imqabbla ma' 45 miljun tifel. Fiċ-Chad, erbgħa fil-mija biss mill-bniet imorru l-iskola;
- 700 miljun mara ma għandhomx ikel, ilma, faċilitajiet sanitarji, kura tas-saħħa jew edukazzjoni adekwati, imqabbla ma 400 miljun raġel li jgħixu fl-istess kundizzjonijiet;
- 67 fil-mija ta' l-illitterati fid-dinja huma nisa;
- 1,440 mara jmutu kuljum waqt il-ħlas – rata ta' waħda kull minuta!
- Waqt li fl-Ingilterra tmut mara waħda meta tkun qed twelled, ir-rata fl-Etjopja hija ta' mara f'kull sebgħa.
- Tifla mwielda fil-punent mistennija li tgħix sakemm ikollha 81 sena; iżda jekk titwieled fi Sważiland, il-probabiltà hija li tmut qabel ma tagħlaq l-40 sena;
- Ir-rata tal-HIV qed tikber aktar fost in-nisa milli fost l-irġiel;
- Mill-*managers* tad-dinja 21 fil-mija biss huma nisa; imħallfin: disgħa fil-mija; diretturi ta' kumpaniji u uffiċjali tal-pulizija, 10 fil-mija;
- Fl-Istati Uniti, 35 fil-mija ta' l-avukati huma nisa imbagħad, ħamsa fil-mija biss huma *partners* f'ditti legali;
- Fl-Ingilterra, meta jagħmlu l-istess xogħol, huwa meqjus li fil-ħajja kollha tax-xogħol tagħha barra mid-dar bi qligħ, il-mara taqla' £870,000 inqas milli jaqla' raġel; nisa b'impjieg fiss jaqilgħu 17 fil-mija inqas mill-irġiel waqt li nisa f'impjieg *part-time* jaqilgħu 432 fil-mija inqas mill-irġiel.
- Fl-2004, minn kull 10 films li ħarġu fid-dinja, wieħed biss kien dirett minn mara.



Fl-Italja l-ġurnali lmentaw li l-qagħda tal-mara taljana ftit li xejn qed tagħmel progress. Sittin sena wara li n-nisa taljani ngħataw id-dritt tal-vot, ftit huma n-nisa fil-Parlament, ftit huma l-kandidati għall-elezzjonijiet ġenerali li se jsiru f'April u l-liġi li kienet se tagħmel kwota ta' parlamentari nisa mietet qabel twieldet. Fil-qasam tax-xogħol fl-Italja, 45.1 fil-mija huma nisa, imqabbla ma' 57.8 ta' Franza u 72.8 tad-Danimarka.

# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*







## 4. L-Għasri

*L-iċken raħal ta' dil-gżira*
*raħal ħelu, raħal kwiet*
*raħal illi żżuru u tħobbu*
*fih imbewsa s-sliem u s-skiet.*

*Imma k'l-iżgħar int fis-sura*
*l-Akbar wieħed tagħti ġieħ:*
*Ġesù Kristu l-Feddej tagħna*
*li fil-Ħobż niżel jistrieħ.*

*X'għaġeb kbir li l-moħħ le jifhem,*
*lanqas jobsor kieku jrid,*
*dal-Misteru l-akbar wieħed*
*miegħu xejn ma tista' żżid.*

*X'xorti kbira fost l-irħula*
*t'Għawdex kollu kif iddur,*
*inti biss stħaqqlek li tħaddan*
*lis-Sinjur u s-Salvatur.*

*Tal-Ġordan il-għolja, ir-raba'*
*ta' madwarek kullimkien,*
*sal-widien li jżejnu ġmielek*
*ġrajja jtennu kollha lwien.*

*U għax umli xejn ma jonqsok*
*żomm is-safa, għożż iż-żmien;*
*jalla tibqa' t'Għawdex tagħna*
*tgħanni l-ġrajja ta' bla tmiem.*







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit


Il-Bażilika tal-Patroċinju fl-Għasri


Il-Knisja Parrokkjali ta' l-Għasri


Panorama tar-rahal ta' l-Għasri

# Papa ĠWANNI PAWLU II

www.popejohnpaul2monument.com

KUMITAT MONUMENT PAPA ĠWANNI PAWLU II

Xogħol tal-monument: Kav. Alfred Camilleri Cauchi



*Monument Nazzjonali f'Għawdex f'ġieħ il-Papa l-Kbir*

## Kampanja ta' Ġbir

Agħti d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-banek lokali

| APS bank | BOV | LOMBARD BANK | HSBC |
|---|---|---|---|
| 200 002 879 26 | 400 142 314 85 | 014 406 417 05 | 071-148 738-001 |